# Is-Servizz Pubbliku *fl-Istorja*

Editur
**Godfrey Pirotta**

# Is-Servizz Pubbliku fl-Istorja

Godfrey A. Pirotta

**Editur:** Il-Professur Godfrey A. Pirotta

**Kontributuri:** Kenneth Cauchi, Elizabeth Ebejer, Godfrey Pirotta, Neil Spiteri

**Parti mir-riċerka u l-indiċi:** David Bartolo

**Iddisinjat u mitbugħ:** Stamperija tal-Gvern fl-2024

**Ritratti u Dokumenti:** DOI (Dipartiment tal-Informazzjoni), Arkivji Nazzjonali u Arkivji tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi

**ISBN**: 978-9918-9543-9-1

**Id-drittijiet kollha riservati**

L-ebda parti minn din il-pubblikazzjoni ma tista' tkun riprodotta, distribwita jew trażmessa f'kwalunkwe forma jew b'kull mezz mingħajr il-permess bil-miktub tal-pubblikatur

# KONTENUT

**MESSAĠĠ MIS-SEGRETARJU PERMANENTI EWLIENI**
Is-Sur Tony Sultana ........ 1

**DAĦLA**
Prof. Godfrey Pirotta ........ 3

**LEJN ĊIVIL MALTI**
Godfrey A. Pirotta ........ 5

**L-INTRODUZZJONI TAL-EŻAMIJIET**
**GĦAD-DĦUL FIĊ-ĊIVIL**
Godfrey A. Pirotta ........ 19

**ID-'DENFIL' FL-EDUKAZZJONI TA' WLIEDNA**
Elizabeth Ebejer ........ 34

**TIEQA FUQ IS-SERVIZZ TAS-SAĦĦA F'MALTA**
Neil Spiteri ........ 54

**IR-RWOL TAD-DIPARTIMENT TAX-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI FL-ISTORJA**
Kenneth Cauchi ........ 75

**KONTRIBUTURI** ........ 99

**INDIĊI** ........ 103

# MESSAĠĠ MIS-SEGRETARJU PERMANENTI EWLIENI

Is-Sur Tony Sultana

Is-Servizz Pubbliku fl-Istorja u mhux l-istorja tas-Servizz Pubbliku.

Din mhix pubblikazzjoni li qiegħda tfittex li tikteb l-istorja uffiċjali tal-amministrazzjoni pubblika f'pajjiżna imma hija pubblikazzjoni li toffri lill-qarrej faċċati differenti tas-Servizz Pubbliku matul iż-żmien.

Għalhekk qed nitkellmu dwar is-Servizz Pubbliku fl-Istorja.

Jinkitbu ħafna kotba akkademiċi dwar l-istorja tal-amministrazzjoni pubblika. Kollha huma importanti u interessanti. Imma din id-darba qed inwasslu pubblikazzjoni bi lsienna, b'lingwaġġ li jifhmu kulħadd, u b'hekk nemmnu li nistgħu naslu għand il-klijenti tagħna.

L-amministrazzjoni pubblika jmiss magħha kulħadd u f'kull stadju ta' ħajjitna. Għalhekk dan mhux ktieb li għandu jitpoġġa fuq xkaffa u jiġma' t-trab. Huwa ktieb ħaj għax ġo fih se mmissu l-ħajja ta' kuljum ta' pajjiżna. L-amministrazzjoni pubblika matul iż-żmien dejjem rat kif għamlet biex ittejjeb lilha nnifisha u dejjem kienet spalla ma' spalla mal-Gvern tal-ġurnata. Is-Servizz Pubbliku spiss jiġi deskritt bħala s-sinsla tat-tmexxija li jattwa l-prinċipji tal-Gvern tal-ġurnata.

L-ewwel kapitli jitkellmu dwar l-ewwel passi li saru biex iċ-ċivil sar Malti. Meta l-Maltin bdew jimlew l-uffiċini u anke jekk inti Malti stajt tapplika u tilħaq pożizzjonijiet għoljin fl-istruttura. Nitkellmu dwar l-eżamijiet u kif kienu jsiru. U la Malta kienet kolonja ma stajniex ma nikkumparawx ma' x'kien qed jiġri f'kolonji oħra.

Fil-kapitli l-oħra nibdew niskopru dwar faċċati varji tas-Servizz. Primarjament dwar l-edukazzjoni, is-saħħa u x-xogħlijiet pubbliċi li bejniethom fil-preżent iħaddmu iktar minn nofs tal-amministrazzjoni pubblika kollha.

Fil-volumi li ġejjin, hemm il-ħsieb, li jitpoġġew taħt il-lenti aspetti oħra storiċi tal-ħidma ta' dipartimenti u entitajiet tal-amministrazzjoni pubblika.

Nixtieq nirringrazzja lill-editur ġenerali, il-Professur Godfrey Pirotta, flimkien mat-tim tiegħu tax-xogħol li twettaq u li ċert li se jitgawda minn ħafna nies. Nixtieq insellem ukoll lil min b'xi mod jew ieħor ta l-kontribuzzjoni tiegħu biex l-Amministrazzjoni Pubblika llum, mhux biss hija l-magna amministrattiva tal-Gvern, imma hija mill-aktar effikaċi u effiċjenti fejn is-servizzi jaslu għand il-pubbliku bl-eħfef mod possibbli u bl-iktar metodi innovattivi.

# DAĦLA

Prof. Godfrey Pirotta

Is-Servizz Pubbliku Malti kien sar il-focus tal-istudju tiegħi għaliex meta ġejt biex nagħmel id-Dottorat sibt li ħadd mill-istoriċi Maltin ma kien kiteb dwaru. Anki wara li kont ktibt l-istorja tas-Servizz Pubbliku Malti u numru kbir ta' artikli dwaru, kien ġie pubblikatur fuqi u qalli, "kont se nistaqsik biex tikteb ktieb dwar is-Servizz Pubbliku Malti imma x'hemm xi tgħid dwaru?" Tbissimt ġewwa fija u ma għedt xejn. Dan il-ktieb huwa biss farka minn dak kollu li jista' jinkiteb dwar l-amministrazzjoni pubblika f'Malta. Huwa tieqa fuq il-ħidma sfiqa u ma taqta' xejn biex dawn il-gżejjer u l-poplu tagħhom ikun moqdi kemm jekk hija saħħa jew edukazzjoni u anke jekk xogħlijiet pubbliċi, u ferm aktar. Fil-fatt ma nkunx qed neseġera jekk ngħid li jekk il-Malti llum huwa b'saħħtu, jekk qed jgħix f'akkomodazzjoni li tixraqlu, jekk huwa edukat tajjeb u kapaċi jaqla' l-għajxien tiegħu f'Malta jew barra minn xtutna, jekk igawdi stima f'għaqdiet internazzjonali bħall-Ġnus Magħquda u l-OSCE, parti kbira minn dan is-suċċess huwa bis-saħħa tas-Servizz Pubbliku u ta' dawk li ħadmu fih fil-passat u fil-preżent.

Biex tingħata ħajja lill-artikli li wieħed isib f'dan il-ktieb, hemm numru sabiħ ta' ritratti li jgħin b'mod qawwi biex jitwassal il-messaġġ dwar dak li jikkontribwixxi s-Servizz Pubbliku f'ħajjitna. Dawn ir-ritratti jagħtuna l-opportunità biex naraw kif affarijiet li naraw jew nużaw f'ġurnata jew oħra twieldu u saru parti minn ħajjietna. Numru minn dawn ir-ritratti se jieħdu lil xi wħud lura sew fi żmien meta kienu iżgħar waqt li oħrajn se juru dak li forsi drajna b'għajnejn ġodda.

Kif qal is-Segretarju Permanenti Ewlieni, dan il-ktieb mhux l-istorja tas-Servizz Pubbliku imma stejjer kemm dwar it-tiswir tas-Servizz Pubbliku u l-ħidma tiegħu. Taw sehemhom membri ta' tim li ħabirku biex jirriċerkaw il-kontenut ta' dawn l-artikli.

Nixtieq nirringrazzja lill-awturi, Elizabeth Ebejer, Kenneth Cauchi, u Neil Spiteri. Nirringrazzja wkoll lil David Bartolo tal-għajnuna li ta biex il-ktieb ikun irriċerkat sew. Ringrazzjament ukoll imur għall-ħaddiema tal-Arkivji Nazzjonali u tal-Bibjoteka Nazzjonali, lill-Uffiċċju tas-Supretendent tas-Saħħa Pubblika, lid-Dipartiment tal-Informazzjoni u l-istamperija tal-Gvern li għenu biex din il-ħarġa sseħħ. Fl-aħħar, imma żgur mhux l-inqas, nirringrazzja lis-Segretarju Permanenti Ewlieni tal-istedina tiegħu biex nikkontribwixxi u nagħti sehmi biex joħroġ dan il-ktieb.

# LEJN ĊIVIL MALTI

Godfrey A. Pirotta

It-tkeċċija tal-Franċiżi minn Malta ġabet tħarbit kbir. Sentejn ta' assedju kienu ġabu lil Malta għarkupptejha. L-Ingliżi, li issa ħadu f'idhom lil Malta, ma ridux jagħmlu l-istess żbalji li kienu għamlu l-Franċiżi u għalhekk pruvaw iwaqqfu mill-ġdid l-istituzzjonijiet li kienu jeżistu fi żmien il-Kavallieri u li xi wħud minnhom kienu għal qalb il-Maltin.[1] Kien għalhekk li fl-ewwel snin tal-ħakma Ingliża f'Malta, numru ta' Maltin reġgħu sabu ruħhom f'qagħdiet ta' tmexxija fl-amministrazzjoni pubblika ta' dawn il-gżejjer. Raġuni oħra kienet marbuta mal-fatt li l-Ingliżi ma tantx kienu familjari mal-ilsien Taljan, li kien l-ilsien li kien jintuża fl-amministrazzjoni ta' dak iż-żmien.[2] Fost dawk li sabu ruħhom f'impjieg importanti kien hemm membri tal-familja Casolani. Vincent Casolani u ħuh Louis, li t-tnejn li huma kienu ħadu parti mill-edukazzjoni tagħhom l-Ingilterra, ħaġa verament rari għal dak iż-żmien, kellhom għarfien tajjeb tal-ilsien Ingliż u probabbilment dak Taljan. Vincent ġie impjegat fis-Servizz Pubbliku meta kellu 15-il sena u ħuh Louis meta kellu biss 14-il sena.[3] Dan juri l-bżonn li kellhom l-Ingliżi ta' Maltin li setgħu jgħinu jimlew għan-nuqqas ta' għarfien tat-Taljan u l-Malti tal-Ingliżi. Dwar dawn iż-żewġ personaġġi, u familjari oħra tagħhom, nitkellmu iktar 'il quddiem. Barra minn hekk, Alexander Ball, biex jinħabb mal-Maltin u jħabbeb lill-Maltin mal-possibbiltà ta' ħakma Ingliża fil-ġejjieni, ra li numru ta' ħatriet uffiċjali li fi żmien il-Kavallieri kienu f'idejn Maltin, dawn jerġgħu jokkupawhom Maltin.

---

1) Il-Maltin xtaqu li l-Massa Frumenteria, li kienet responsabbli mix-xiri tal-qamħ u li fiha kienu investew flushom terġa' titwaqqaf, kif fil-fatt ġara. Riedu li l-Università terġa' tiftaħ il-bibien tagħha u hekk ġara. Imma l-istituzzjoni li l-aktar li riedu titwaqqaf mill-ġdid il-mexxejja Maltin, Il Consiglio Popolare, dan ma kienx fl-interess tal-Ingliżi li jwaqqfu.

2) Pirotta, G.A., (1996) The Maltese Public Service: The Administrative Politics of a Micro-state, Mireva Publications, Malta, Kap. 3.

3) Abela, A.E., (1988), The Order of St Michael and Saint George in Malta and Maltese Knights of the British Realm, Progess Press Ltd. Malta, p. 75; Schiavone, M.J., (2009), Dictionary of Maltese Biographies, PIN Publications, Malta, Vol.I, p. 514.

Bejn l-1800 u l-1811, iċ-Ċivil f'Malta kien iffurmat minn taħlita ta' Maltin u Ingliżi imma b'numru ta' Maltin jokkupaw ħatriet għoljin fis-Servizz Pubbliku. Pereżempju, fl-1804, Vincent Casolani kien jokkupa l-pożizzjoni ta' Assistent għas-Segretarju Privat ta' Ball, taħt ir-Reverendu Laing u wara taħt il-poeta famuż Ingliż Samuel Taylor Coleridge, meta kellu biss 18-il sena. Ta' 21 sena huwa ġie appuntat bħala Paymaster mad-Dipartiment tat-Teżor, ħatra li dam iżomm għal seba' snin.[4)]

Iżda ftit ftit, il-pożizzjoni ta' importanza li kienu jgawdu l-Maltin fiċ-Ċivil bdiet titnaqqar u posthom bdew jeħduh l-Ingliżi, li ftit jew xejn kellhom għarfien tal-amministrazzjoni Maltija. Thomas Maitland, li ġie maħtur Gvernatur fl-1813, is-sena li fiha l-Gran Brittanja għamlitha ċara li se tagħmel minn Malta kolonja tagħha, malajr beda jqalfat 'il barra mill-pożizzjonijiet li kienu jokkupaw fl-amministrazzjoni pubblika membri Maltin u minflokhom beda jaħtar nies mill-Gran Brittanja. Minn pożizzjonijiet ta' importanza, uffiċjali Maltin fis-Servizz Pubbliku bdew isibu ruħhom iktar 'l isfel fis-Servizz Pubbliku jew saħansitra fil-qiegħ tiegħu.[5)] Vincent Casolani, pereżempju, minn Paymaster spiċċa kaxxier. Madankollu, fl-1822, Maitland ħatar lil Casolani Kavallier tat-Tielet Klassi tal-Ordni San Mikiel u San Ġorġ li kien waqqaf hu stess.[6)]

Ta' min jgħid, iżda, li xi wħud minn dawk l-Ingliżi li ġew imlaħħqa fuqhom bħala Kapijiet ta' Dipartimenti kienu imposti minn Ministri Ingliżi, u għalkemm dawn kienu jirċievu salarji għoljin mill-kaxxa ta' Malta, madwar 700 mitt lira fis-sena, qatt ma rifsu f'dawn il-gżejjer. Xogħolhom, madankollu, kien isir mill-Maltin, li kif ngħidu, kienu mħallsin bis-soldi. Oħrajn ġew imlaħħqa fuq l-inizjattiva personali tal-Gvernatur għaliex jew kienu ħbieb tiegħu jew ħa grazzja magħhom. Din is-sitwazzjoni baqgħet hekk sal-1830 meta kummissjoni li investigat il-qagħda

4) Abela, (1988), op.cit., p.76; u Pirotta, G.A., (1996), p.43.

5) Pirotta, (1996), op. cit., Kap.4.

6) Abela., op.cit., (1988) p.79.

f'Malta kixfet dan l-abbuż u saret pressjoni biex iċ-ċivil ta' Malta u kolonji oħra ma jibqgħux jintużaw biex jaġevolaw ħbieb tal-Ministri. Imma post dawn il-kapijiet tad-dipartimenti b'salarju tajjeb ma ħaduhomx il-Maltin imma Ingliżi oħra.[7]

Meta tqis dan kollu, wieħed ma għandux għalfejn jiskanta li l-affarijiet ma kinux sejrin tajjeb f'Malta. Infatti kienu sejrin ħażin ħafna tant li Gvernatur wara l-ieħor bdiet tagħtihom rashom dwar x'setgħu jagħmlu biex jiġbru lill-Maltin mill-faqar li kienu sabu ruħhom fih. Skoċċiż li kien residenti l-Belt, fl-ittri tiegħu lil sħabu fil-Gran Brittanja, kien jirrakkonta dwar il-ġuħ li kienu qed isofru l-Maltin fis-snin għoxrin.[8] Ma setax jonqos li l-mexxejja tal-Maltin jibdew jagħmlu pressjoni fuq il-Gvern Ingliż biex dan iwettaq riformi politiċi u soċjali f'Malta. Fost it-talbiet tagħhom, li fil-parti kbira tagħhom kienu jsiru f'forma ta' petizzjoni lill-Maestà Tiegħu r-Re, huma bdew jinsistu għal Kostituzzjoni li toħloq gvern rappreżentattiv, Gvernatur Ċivili minflok wieħed militari u biex skrivani Maltin ikunu jistgħu jilħqu l-ogħla ħatriet fiċ-ċivil ta' Malta, li minnhom kienu imbarrati.[9] Wieħed jista' jgħid li din il-pressjoni kienet kostanti: bejn l-1800 u l-1809, il-mexxejja Maltin kienu jippressaw lil Alexander Ball biex jerġa' jwaqqaf il-Consiglio Popolare li kien serva bħala speċi ta' Parlament Rappreżentattiv fi żmien l-imblokk tal-Franċiżi. F'moħħ il-Gvern Britanniku Malta kienet gżira ta' importanza strateġika kbira, bażi navali u militari tal-aqwa grad. Fi kliem ieħor, Malta ma kienet xejn għajr fortizza u fortizza qatt ma setgħet tiġi fdata f'idejn gvern immexxi minn politiċi, aktar u aktar jekk il-politiċi kienu se jkunu nattivi tal-kolonja. Għalhekk, l-uniku tip ta' gvern li seta' jkollha Malta kien wieħed militari mmexxi minn uffiċjal għoli tas-servizzi.

7) Pirotta, (1996), op.cit., Kap. 3.

8) Malcolm, A., (1897), Letters of an Invalid from Italy and Malta 1826-28, ikkwotat f'Pirotta, G.A., (1996), p.119.

9) Pirotta, G.A., (1996), Ibid., CH. 5.



George Mitrovich

Il-pressjoni tal-mexxejja Maltin, fosthom George Mitrovich u Camillo Sceberras, ma waqfet xejn u meta din il-pressjoni sabet ukoll appoġġ minn xi membri tal-Parlament Britanniku, il-Gvern Ingliż, li issa kien jinsab f'idejn il-Partit Liberali, ħass li dak li kien qed jingħad fuq is-sitwazzjoni tal-poplu Malti kien iħammar wiċċ il-Gran Brittanja u għalhekk ried jara x'passi kellhom jittieħdu biex it-tmexxija tiġi riformata u l-ħajja tal-poplu Malti tittella' mill-qiegħ li kienet tinsab fih.[10] Biżżejjed ngħidu li tant kien hawn ġuħ f'Malta li numru ta' Maltin kienu mietu għax l-ikel li kielu ma kienx tajjeb għall-annimali.[11]



Camillo Sceberras

Rapport li kien talab il-Gvern Britanniku mingħand l-awtoritajiet f'Malta tant kien juri wiċċ ieħor minn dak li kienu jgħidu l-Maltin, u l-fatt li l-mexxejja Maltin irrifjutaw li jgħidu tagħhom f'dan ir-rapport, ħalla dubji kbar f'moħħ l-uffiċjali tal-Uffiċċju Kolonjali ġewwa Londra dwar kemm dan ir-rapport kien jirrappreżenta l-qagħda vera f'Malta. Għalhekk ġie deċiż, fl-1936, li tintbagħat Malta Kummissjoni Rjali biex tistħarreġ is-sitwazzjoni ta' Malta, tara jekk it-talbiet tal-Maltin kellhomx jintlaqgħu, u biex jagħmlu r-rakkomandazzjonijiet meħtieġa.[12]

10) Ponsonby lil Goderich, 20 ta' Lulju 1832, encl. Two Maltese Petitions, CO 158/73, Arkivju Nazzjonali Ingliż, Londra; Pirotta. G.A., (1996), Ibid., CH. 4.

11) Copies of Extracts of the Reports of the Commissioners Appointed to Inquire into the Affairs of the Island of Malta and of Correspondence there upon, (1838), li jinsab mad-dokumenti mħollija mill-Konti Messina, Librerija Nazzjonali ta' Malta, il-Belt Valletta, Malta.

12) Pirotta, G.A., (1996), Op.Cit., p. 139.

## Il-Kummissjoni Rjali tal-1836

Din il-Kummissjoni kienet ġiet fdata f'idejn John Austin u George Cornewall Lewis, żewġ liberali li kienu jgawdu rispett kbir fost il-liberali Britanniċi u fost it-tmexxija tal-Uffiċċju Kolonjali. It-tnejn kienu avukati imma waqt li Austin, li kien akkumpanjat mill-mara tiegħu Sarah, kien professur u intellettwali, Lewis, għalkemm avukat ukoll, kien attivista politiku li diġà kien ħa sehem f'żewġ Kummissjonijiet ġewwa l-Irlanda, li xogħolhom kien li jinvestigaw il-faqar f'din il-kolonja. Iktar 'il quddiem, Lewis spiċċa membru tal-Kabinett u fil-Parlament Britanniku kien jirrappreżenta l-kostitwenza ta' Hereford.[13] Mal-wasla tagħhom f'Malta f'Ottubru 1836, il-Kummissarji ġew mogħtija merħba kbira. Il-poplu Malti kien qed jistenna ħafna mingħandhom għaliex il-kundizzjoni li kien jinsab fiha kienet ħażina ħafna. Sarah Austin, il-mara ta' John Austin, f'ittra li bagħtet lil ħabiba tagħha stqarret "li qabel dan il-mument qatt ma rrealizzajt il-biċċa xogħol iebsa li ġie mqabbad ir-raġel tiegħi. L-għajjat ta' merħba li dwew matul id-dħul tagħhom fil-Belt kienu għalija sejħa mqanqla ta' nies li qed isofru u jinħtieġu l-għajnuna u l-ġustizzja."[14]



13) Ibid., p. 139.

14) Glenelg lil Austin u Lewis, Istruzzjonijiet, 16 ta' Settembru, 1836, CO159/78, Arkivju Nazzjonali Ingliż, Londra.

L-istruzzjonijiet li rċevew bħala parti mill-Kummissjoni tagħhom kienu li jistħarrġu t-talba tal-Maltin għall-Gvern Rappreżentattiv, jekk kienx hemm Maltin li kellhom "il-ħiliet u l-integrità meħtieġa għas-Servizz Pubbliku" biex dawn ikunu impjegati fl-ogħla uffiċċji tas-Servizz Pubbliku, u biex iwettqu studju ġenerali tal-oqsma kollha tal-amministrazzjoni pubblika f'Malta.[15)] F'dan il-kapitlu, li jinteressana huwa dak li għandu x'jaqsam mat-talba tal-Maltin biex ma jibqgħux miżmuma milli jokkupaw l-ogħla uffiċċji fis-Servizz Pubbliku. Kulma hemm bżonn ngħidu li dwar it-talba għall-Gvern Rappreżentattiv, Austin u Lewis ħassew li l-idea ta' kolonja tiggverna lilha nnifisha kienet kontradizzjoni fiha nnifisha. Barra minn hekk, Malta kienet wisq importanti strateġikament biex il-kontroll tal-gżira jitħalla jgħaddi f'idejn ċivili minflok uffiċjali militari u navali.[16)]



John Austin



George Cornewall Lewis

15) Rose, J., (1889), Three Generations of Englishwomen, Murray, UK., p. 102.

16) Pirotta, G.A., (1996), Op.Cit., Kap. 6

Fejn jidħol l-aspett tal-amministrazzjoni ġenerali, kemm ir-rapport kif ukoll l-ittri separati li l-Kummissarji kitbu, ma kien jagħmel ebda ġieħ lill-uffiċjali Ingliżi li kienu jikkontrollaw l-amministrazzjoni. F'ittra li Lewis bagħat lil ħabib tiegħu, Gvernatur fil-Kanada, qallu li minn dak li ra fl-Irlanda u Malta wasal għall-fehma li 'l-ħmieġ' tal-Gran Brittanja jintbagħat jiggverna u jamministra l-kolonji Britanniċi.[17] Kliem iebes ħafna li jagħti raġun lill-Maltin li tant kienu qed isofru taħt it-tmexxija ta' dawn l-uffiċjali. Austin u Lewis raw ħafna nuqqasijiet fil-poplu Malti imma l-ħtija għall-istat li kienet fih Malta, skont huma, kien kollu tort tat-tmexxija tal-uffiċjali Britanniċi. Skont Austin u Lewis, dawn l-uffiċjali, minflok ma għenu biex il-Maltin jakkwistaw il-ħiliet meħtieġa biex huma jkunu jistgħu jistrieħu fuqhom infushom, "intenzjonalment żammewhom fi stat ta' dipendenza,"[18] fgaw kull tip ta' riċerka u dibattitu billi komplew jipprojbixxu l-libertà tal-istampa u pubblikazzjoni, ipperpetwaw l-injoranza u saħansitra qiesu l-kummerċ bħala xkiel żejjed.

### It-Triq 'il Quddiem

Diġà għedna li l-idea li Malta jkollha Gvern Rappreżentattiv diġà kienet imwarrba u għalhekk li baqa' kien jekk il-Maltin impjegati mas-Servizz Pubbliku kellhomx jitħallew jokkupaw l-ogħla postijiet fl-Amministrazzjoni Pubblika. Li nies tal-lokal jitħallew jilħqu dawn il-pożizzjonijiet kienet xi ħaġa li għadha ma seħħietx fil-kolonji, għalkemm, kif se naraw, kienet teoritikament possibbli.[19] Il-Ministri ġewwa Londra kienu jikkontrollaw min jilħaq jew jiġi appuntat fihom. Ta' min wieħed jgħid li fl-Awstralija, il-kontroll tal-Kabinett Britanniku fuq xi ħatriet ta' xi uffiċjali għolja baqa' sal-1982. Kemm għalhekk kellhom ċans impjegati fiċ-ċivil ta' Malta jkunu minn tal-ewwel li jgawdu dan il-privileġġ? Il-Kummissarji kienu waslu għall-konklużjoni li l-Maltin kienu kapaċi u kellhom jinħatru Kapijiet ta' Dipartimenti. Il-problema kienet kif se

17) Lewis, G.C., (1870), Letters of Sir George Cornewall Lewis to Various Friends, Longmans, UK., p.65.

18) Ibid., p.71.

19) Ara Pirotta, G.A., (1996), Kap. 6.

tikkonvinċi lil Londra biex din ir-rakkomandazzjoni tiġi aċċettata. Ma kienx biżżejjed li jgħidu li dawk l-Ingliżi li kienu jokkupaw dawn il-ħatriet ma kienx jistħoqqilhom jokkupawhom għax ma kinux kapaċi. Kien hemm bżonn li l-bidla li xtaqu jaraw isseħħ tiġi ġġustifikata billi jintwera li dan il-pass kien se jissodisfa l-kriterji ta' ekonomija, effiċjenza, kapaċità, integrità, inċentiv għal żvilupp, kif ukoll ta' vantaġġ politiku. Fil-fatt, fir-rapport tagħhom Report Relative to the Employment of Maltese in Executive Offices ippruvaw jagħmlu preċiżament dan.[20]

Austin u Lewis argumentaw, pereżempju, li l-Maltin kienu jifhmu ferm aktar mill-Ingliżi dwar iċ-ċirkustanzi tal-pajjiż, il-liġijiet tiegħu, l-istituzzjonijiet tiegħu u l-użanzi tiegħu. Fl-istess ħin, il-Maltin kellhom għarfien tajjeb kemm tal-ilsien Malti u dak Taljan, li kien l-ilsien uffiċjali tal-amministrazzjoni f'Malta. F'ittra privata, Lewis diġà kien wasal għall-konklużjoni li Malta kellha numru kbir ta' istituzzjonijiet antiki li kienu jistrieħu fuq prinċipji legali u politiċi li kienu totalment differenti minn dawk li wieħed kien isib ġewwa l-Ingilterra u għalhekk ir-rakkomandazzjonijiet tagħhom kienu jagħmlu sens. Dan kien ifisser, għal Austin u Lewis, li kull suġġett kien jinħtieġlu studju profond qabel amministratur seta' jkun ċert li d-deċiżjoni tiegħu mhux se tkun żbaljata. Għalhekk kienu waslu għall-konklużjoni li anki uffiċjal Ingliż mogħni bl-ikbar kapaċità qatt ma "kien se jasal biex jakkwista għarfien estensiv u preċiż tas-sistema Maltija."[21]

Iktar serju minn hekk kien il-fatt, skont dawn iż-żewġ Kummissarji, li s-salarji f'Malta kienu ferm iktar baxxi minn dawk f'kolonji oħra, bil-konsegwengza li dawk il-Britanniċi li kienu jiġu maħtura fl-ogħla karigi f'Malta kienu, "fil-parti l-kbira tagħhom… persuni li, għal raġunijiet differenti, ma kinux kapaċi jiksbu suċċess fil-professjoni rispettivi tagħhom, jew naqsu li javvanzaw fil-karriera tagħhom ġewwa l-Ingilterra."[22] F'sitwazzjoni bħal din, huma għalhekk kienu

20) Report Relative to the Employment of Maltese in Executive Offices, pt II, pp.21-31.

21) Ibid., pp. 21-31.

22) Ibid., pp. 21-31.

tal-fehma li l-Gvern Ingliż u s-soċjetà Maltija jkunu moqdijin aħjar minn Maltin ta' kapaċità u b'għarfien tajjeb tas-sistema milli minn Ingliż, anki jekk huwa persuna ta' ċerta kapaċità.

Huma argumentaw ukoll li kien hemm vantaġġi politiċi x'wieħed seta' jaħsad jekk din ir-rakkomandazzjoni tiġi mwettqa. Skont Austin u Lewis, it-tneħħija tal-Maltin mill-ogħla qagħdiet, speċjalment dawk li kienu b'mod regolari jokkupaw fi żmien il-Kavallieri, kienet waħda mir-raġunijiet prinċipali ta' rabja li l-klassi ta' fuq u tan-nofs Maltin kienu jħossu kontra l-Ingliżi. Huma ħassewhom konvinti li dan l-aġir kien baxxa d-dinjità tal-Maltin f'għajnejn l-Ingliżi u l-barranin u f'għajnejhom stess.[23] Lewis kiteb privatament dwar "il-mibegħda kbira li jħossu l-Maltin lejn l-Ingliżi li jokkupaw l-aktar pożizzjonijiet imħallsa tajjeb fiċ-ċivil u x-xewqa kbira tagħhom li jasal iż-żmien meta dawn il-pożizzjonijiet ikunu mimlija mill-Maltin." Jekk l-affarijiet jibqgħu kif inhuma, saħqu l-Kummissarji, kien hemm probabbiltà li jista' jasal żmien ta' tqanqil politiku li jipperikola l-kontroll Britanniku f'din il-kolonja tant importanti.[24]

Kien hemm ukoll il-fatt tan-nefqa pubblika, li kif qalu l-Kummissarji, kienet qed timpatta fuq l-ekonomija u s-sistema tat-taxxi. Fil-petizzjoni li l-mexxejja Maltin kienu bagħtu Londra fl-1832, huma kienu saħqu li trażżin fis-salarji ta' dawn il-Kapijiet ta' Dipartimenti u skrivani Ingliżi oħra kienet tkun miżura ta' fejda mil-lat ekonomiku u twassal għal tnaqqis fit-taxxi. Huma saħqu wkoll li jekk dawn l-uffiċjali jiġu mibdula ma' uffiċjali Maltin, in-nefqa fuq is-salarji tkun ferm u ferm inqas għaliex uffiċjali Maltin kienu se jirċievu ħlasijiet iktar baxxi. Fuq din, fir-rapport tagħhom, Austin u Lewis qablu mal-Maltin. Huma spjegaw kif 28 uffiċjal pubbliku Ingliż kienu jdaħħlu 35 fil-mija tat-total tas-salariji u pagi mħallsa mill-Gvern kull sena u li s-salarji tagħhom kienu jammontaw għal 15 fil-mija tad-dħul kollu tal-Gvern. It-tneħħija ta' dawn l-uffiċjali pubbliċi Ingliżi u l-ħatra ta' Maltin minflokhom, skont il-Kummissarji, kellha twassal għal nuqqas sostanzjali fin-nefqa pubblika. Skont huma, is-salarju ta' Kap ta' Dipartiment

23) Portelli lill-Kummissarji, 1836, Bibl.MS., 263, Dok. 15, Librerija Nazzjonali, Il-Belt Valletta.

24) Lewis, G.C., (1870), Op. Cit., p. 292.

Malti ma kienx mistenni jaqbeż l-400 lira fis-sena, salarju li kien jipparaguna tajjeb ma' dħul ta' avukat stabbilit, tabib jew negozjant. B'dan is-salarju, wieħed kien żgur ħa jsib Maltin kapaċi waqt li Ingliż kapaċi lanqas biss kien jitħajjar. Dan il-pass kien ukoll se jirriżulta fit-tnaqqis ta' taxxi, speċjalment fi tnaqqis fuq it-taxxa tal-qamħ, pass li kien mistenni jkun milqugħ bil-ferħ mill-klassijiet ta' isfel li kienu tant qed isofru minħabba din it-taxxa. Għal Austin u Lewis, din il-miżura kellha għalhekk iġġib ekonomiji fin-nefqa tal-Gvern u ttaffi t-tbatija tal-ħaddiem.[25)]

Vantaġġ ieħor li wieħed kien jakkwista jekk wieħed jibdel dawn l-uffiċjali pubbliċi Ingliżi b'Maltin kien li jservi biex jinċentiva lill-Maltin biex jedukaw ruħhom biex ikunu jistgħu jikkwalifikaw għal impjieg mas-Servizz Pubbliku. Il-Kummissarji osservaw fir-rapport tagħhom li dawk fl-awtorità kienu ħfief biex jilmentaw li mhux faċli li ssib Maltin kapaċi jimlew dawn il-pożizzjonijiet imma fil-fehma ta' Austin u Lewis, it-tort ma kienx tal-Maltin minħabba l-fatt li dawn kienu imbarrin milli jilħqu f'dawn il-pożizzjonijiet. Minkejja dan kollu, huma ma kellhomx dubju li ma kienx se jgħaddi ħafna żmien biex jinstabu Maltin kapaċi biex imexxu dipartiment jew jaħdmu f'qagħdiet ta' responsabbiltà fiċ-ċivil, ladarba jinħoloq dan l-inċentiv. Madankollu, il-kriterju tal-ħatra ried ikun il-mertu għaliex inkella l-għan li kellhom f'moħħhom huma ma kienx se jintlaħaq.[26)]

In-nuqqas ta' mertu li ntuża biex jilħqu l-uffiċjali pubbliċi Ingliżi f'Malta, skont Austin u Lewis, wasslet għal ineffiċjenza kbira u li ġabet lil din il-gżira fi problemi kbar. L-uffiċjali pubbliċi Ingliżi mhux biss ma kinux l-aħjar biex jokkupaw dawn il-pożizzjonijiet imma moħħhom kien imxerred fuq affarijiet oħra, speċjalment id-divertiment. Iċ-ċans li din is-sitwazzjoni titranġa kien ikbar jekk il-Maltin jitpoġġew f'dawn il-ħatriet. Huma ħassew li jekk tiġi addottata sistema ta' promozzjonijiet fi ħdan l-istess dipartment, din iktar sejra ssaħħaħ il-ħidma

25) Ibid.

26) Report Relative to the Employment of Maltese in Executive Offices, Op. Cit.

taċ-ċivil. F'moħħ il-Kummissarji, sistema bħal din kienet se tgħin ukoll biex tiżgura li dawk li jkunu f'dipartiment jitgħallmu aħjar dwar dak kollu marbut ma' dak id-dipartiment u b'hekk il-kapaċità li jmexxuh tikber. Iktar minn hekk, huma waslu biex jgħidu fir-rapport tagħhom li l-ħatra ta' Ingliż bħala Kap ta' Dipartiment li qatt ma serva fih kienet kemm inġusta kif ukoll politikament żbaljata.[27)]

Kuntrarju għall-uffiċjali pubbliċi Ingliżi, il-Maltin ma kinux mistennija li jonqsu li jkunu preżenti fuq il-gżira daqs dawn l-uffiċjali. Dan kien punt ieħor li qajmu l-Kummissarji biex jiddefendu t-teżi tagħhom li l-Maltin ħaqqhom ikunu fl-ogħla pożizzjonijiet ta' tmexxija. Skont huma kien hemm ħafna inqas ċans li uffiċjali Maltin iħallu l-gżira biex jattendu għall-affarijiet privati tagħhom barra l-pajjiż kif kienu jagħmlu l-Ingliżi ta' spiss. Huma spjegaw li uffiċjali Ingliżi, li d-dħul tagħhom kien ta' 900 lira fis-sena, li kien daqs nofs in-nefqa fuq is-salarji kollha tad-dipartimenti li tagħhom kienu kapijiet, fuq medda qasir ta' żmien qattgħu mill-inqas sentejn u nofs barra l-gżira b'xogħolhom jagħmluh l-assistenti Maltin.[28)]

Fl-aħħar nett, Austin u Lewis qalu li ma setgħu jaraw ebda ġustifikazzjoni biex il-Maltin jiġu mċaħħda minn dak li l-Parlament Britanniku kien diġà aċċetta, jiġifieri li sudditi Britanniċi ġewwa l-Indja ma kellhom isibu ebda ostaklu, la fuq bażi ta' razza, kulur jew reliġjon, biex jilħqu l-ogħla qagħdiet fiċ-Ċivil tal-Indja. Dan kien ġie ddikjarat fl-India Charter mill-Parlament Ingliż fl-1833, tliet snin qabel. Skont il-Kummissarji, il-Maltin kienu poplu Kristjan u Ewropew u ħafna iktar superjuri fl-istituzzjonijiet, manjieri, u xjenza milli kienu l-Indjani u għalhekk dak li ġie konċess lill-Indjani kellu jiġi konċess lill-Maltin. Ammettew li l-Maltin ma kinux avvanzati daqskemm xtaquhom imma l-"morali u intellett tagħhom ma kinux baxxi daqs tal-Hindus." Għalhekk huma rrakkomandaw li, bl-eċċezzjoni

27) Ibid.

28) Ibid.

tal-karigi ta' Segretarju Prinċipali, Segretarju tal-Gvern u Awditur Ġenerali, kull ħatra fiċ-ċivil ta' Malta, minn dan iż-żmien 'il quddiem, kellha tingħata lill-Maltin.[29] Li l-Maltin kienu kwalifikati biex jokkupaw l-ogħla pożizzjonijiet fis-Servizz Pubbliku kienet ukoll il-fehma tal-Gvernatur Ponsonby. Madankollu, it-taqbil li għamlu l-Kummissarji bejn il-Maltin u l-Indjani, kien xi ftit jew wisq imġebbed u li kien se jagħmel impatt biss fuq dawk il-liberali li kienu jemmnu li l-imperu kien jitfa' obbligazzjoni fuq il-ħakkiema biex javvanzaw l-interessi ta' dawk soġġetti għal din il-ħakma.

Imma r-rakkomandazzjonijiet radikali li kienu qed jagħmlu Austin u Lewis ma kinux se jgħaddu mingħajr oppożizzjoni. Il-Gvernatur li ħa post Ponsonby, il-Ġeneral Bouverie, kien minn tal-ewwel li ma qabilx ma' dawn il-proposti. Huwa informa lis-Segretarju għall-Kolonji, Lord Glenelg, li "ma kienx lest jaċċetta l-analiżi tal-Kummissarji dwar il-karattru tal-Maltin meta mqabbel ma' dak ta' popli oħra f'kolonji oħra tal-Imperu... u sakemm Malta kienet se tibqa' kkunsidrata bħala fortizza u stazzjon navali, it-tneħħija ta' uffiċjali Ingliżi... bil-ħsieb li jieħdu posthom il-Maltin, mhux biss iġġib inkonvenjenzi u diffikultajiet, imma possibbilment anki perikli."[30] Dawn il-fehmiet kienu jqarrbu lejn diċeriji li bdew ixerrdu uffiċjali Ingliżi li l-Maltin ma kinux leali lejn il-Gran Brittanja u kellhom xewqa kbira li jaraw il-ħakma Ingliża mibdula ma' dik Russa. Austin u Lewis ċaħdu dawn id-diċeriji u saħqu li kulma riedu l-Maltin kienet riforma fit-tmexxija u mhux ħakma Tzarista. Għalhekk huma rrakkomandaw li Vincent Casolani jinħatar Kap tat-Teżor, Louis Casolani Kap tal-Portijiet u l-Imħallef Bonavia Kap tal-Qrati. Il-Kaptan Hunn, li postu kien se jieħdu Louis Casolani, akkuża lil dan tal-aħħar bi frodi. Casolani ċaħad l-akkużi u talab inkjesta pubblika, li l-Gvernatur fdaha f'idejn Austin u Lewis. Mill-inkjesta nstab li l-akkużi kienu għalkollox infondati u waqt li Casolani ngħata raġun, lill-Kaptan Hunn temmewlu l-impjieg fi żmien xahar.[31]

29) Ibid.

30) Bouverie lil Glenelg, 8 ta' Marzu 1838, CO158/115, Arkivju Nazzjonali Ingliż, Londra.

31) Ara Pirotta, G.A., (1996), Kap. 6

Iżda Bouverie kien ukoll kontra li biex wieħed jieħu promozzjoni jeħodha biss fid-dipartiment li kien impjegat miegħu. Huwa stqarr li jekk il-Gvern Kolonjali jaċċetta l-proposta tal-Kummissarji, din torbot idejn il-gvern f'Malta milli jkun jista' jagħżel dawk l-uffiċjali li l-iktar jixirqilhom promozzjoni.[32] Imma l-aħħar kelma kellha bilfors tkun ta' Lord Glenelg, Segretarju għall-Kolonji. Glenelg qabel mal-Gvernatur li jista' jkun hemm okkażjonijiet fejn, "għall-aħjar tas-Servizz Pubbliku, wieħed ikollu jabbanduna l-idea li f'dipartiment jistgħu jieħdu promozzjoni dawk biss li huma membri ta' dak id-dipartment," imma wiegħed li se tittieħed kunsiderazzjoni serja qabel xi ħadd barra minn xi dipartiment jiġi promoss fuq dawk li jservu f'dak id-dipartiment. Għalhekk, huwa ta' istruzzjoni lill-Gvernatur biex, minn żmien għal żmien jibgħat Londra, "imma qabel ma tinħoloq il-ħtieġa ta' xi promozzjoni," rapport dwar individwi fis-Servizz Pubbliku li jidher li jistħoqqilhom promozzjoni meta titfaċċa l-okkażjoni. Stqarr li mhux se jintrabat li dawn ir-rakkomandazzjonijiet tal-Gvernatur bilfors se jimxi magħhom imma biex jagħmel hekk irid ikun hemm raġunijiet tajba.[33]

Lanqas ma kien lest Glenelg li "fit-tqassim ta' ħatriet f'Malta, sudditi li mhumiex Maltin jew li ma jgħixux f'Malta jkunu għal dejjem esklużi minn ħatriet f'Malta." Fil-ħsieb tiegħu kien ikun żball li l-Maltin jibdew iqisu lilhom infushom u jitqiesu minn ħaddieħor fl-imperu, bħala poplu għalih waħdu marbut ma' din il-gżira żgħira u maqtugħ mill-opportunitajiet li jista' joffri l-imperu. Madankollu wiegħed li qabel xi barrani jitpoġġa fuq il-Maltin, l-Uffiċċju Kolonjali jara li l-interessi tal-Maltin li jistgħu jkunu konċernati jiġu mogħtija attenzjoni sħiħa. Imma biex jipprova b'mod prattiku u għas-sodisfazzjon tal-poplu Malti li ħatriet fis-Servizz Pubbliku, inkluż dawk ta' Kapijiet, se jkunu miftuħa għal uffiċjali Maltin li jixirqilhom, huwa rratifika l-ħatra tal-aħwa Casolani u tal-Imħallef Bonavia bħala Kapijiet ta' Dipartimenti differenti.[34]

32) Bouverie lil Glenelg, 8 ta' Marzu 1838, CO158/115, Arkivju Nazzjonali Ingliż, Londra.

33) Glenelg lil Bouverie, 27 ta' Marzu 1838, CO158/115, Arkivju Nazzjobali Ingliż, Londra.

34) Ibid

Minkejja li dan kien pass importanti 'l quddiem għal dawk il-Maltin li kienu impjegati fiċ-Ċivil ta' Malta, kien hemm Maltin oħra li ma żammewx lura milli jattakkaw lill-familja Casolani. Dawn l-attakki kien jistrieħu fuq żewġ saqajn: għira għaliex kien hemm ħafna li xtaqu li kienu huma li ħadu dawn il-ħatriet;[35] u għaliex il-familja Casolani kienet wisq viċin il-ħakkiema. Ironikament, ħafna minn dawn l-attakki kienu jsiru fil-gazzetti ta' dak iż-żmien u li l-eżistenza tagħhom kienu jafu lil Austin u Lewis. Kien fuq rakkomandazzjoni tagħhom li f'Malta ġiet introdotta l-libertà tal-istampa. Sa dak iż-żmien, l-unika stamperija li kellha liċenzja biex tippubblika informazzjoni u aħbarijiet kienet l-istamperija tal-Gvern.

**Għeluq**

Il-Kummissjoni ta' Austin u Lewis fetħet il-bieb biex uffiċjali pubbliċi Maltin ikunu jistgħu jilħqu l-ogħla karigi fis-Servizz Pubbliku ġewwa Malta. Bis-saħħa tagħhom tkissret il-ħakma li kellhom uffiċjali pubbliċi Ingliżi f'Malta. Mill-1838, ftit ftit, il-kontroll tal-parti l-kbira tad-Dipartimenti tal-Gvern bdew jgħaddu f'idejn il-Maltin. Għalkemm minn żmien għal żmien xi Ingliżi reġgħu ġew mogħtija xi ħatriet, dan kien iseħħ f'mumenti ta' taqlib politiku. Fl-1854, l-introduzzjoni tal-eżamijiet għad-dħul fis-servizz ċivili żgura li l-Maltin kienu huma li se jieħdu l-ħatriet f'Malta għaliex issa, l-hekk imsejjaħ Ċivil, kien se jkun dominat kważi għalkollox minn skrivani Maltin. Dwar dan l-iżvilupp nitkellmu f'kapitlu ieħor. Austin u Lewis qraw tajjeb il-kwalitajiet tal-Maltin. L-aħwa Casolani, li daħlu fis-Servizz Pubbliku ta' età żgħira u bis-saħħa tat-taqlib li seħħ wara t-tkeċċija tal-Franċiżi minn Malta u l-bidu tal-ħakma Ingliża, servew b'unur kif għamel l-Imħallef Bonavia. Fl-1853, Vincent Casolani ġie investit bl-unur ta' Kavallier tal-Ordni ta' San Mikiel u San Ġorġ fl-ogħla grad. Huwa serva fis-Servizz Pubbliku għal 54 sena u miet ftit wara li rtira fl-età ta' 69 sena. Wieħed minn uliedu, Gian' Nicola Casolani, ukoll serva fl-amministrazzjoni pubblika f'Malta, kif għamlu membri oħrajn tal-familja fis-snin ta' wara.

35) Abela, A.E., (1988), Op. Cit., p. 75.

# L-INTRODUZZJONI TAL-EŻAMIJIET GĦAD-DĦUL FIĊ-ĊIVIL

Godfrey A. Pirotta

Kull istituzzjoni jew organizzazzjoni toħloq il-proċess tagħha biex tingaġġa persuni biex jaħdmu fi ħdanha. Iċ-Ċivil, kif dejjem kienet magħrufa l-parti klerikali u maniġerjali tas-Servizz Pubbliku, ukoll wassal biex ħoloq proċessi differenti għal dan il-għan għalkemm dan ma seħħx mill-bidu tiegħu. Dawn il-proċessi, kif se naraw, inbnew fuq filosofija li tħares lejn il-kwalità ta' persuni, f'dawk li huma kapaċitajiet u karattru, li għandhom ikollhom membri taċ-Ċivil. F'dan il-kapitlu ħa naraw kif dawn il-proċessi ġew implimentati u l-filosofija li wasslet għall-addottazzjoni tagħhom fl-ewwel snin taċ-Ċivil Malti. Fil-prattika, l-ewwel skema ta' ingaġġ organizzata fuq bażi ta' prinċipji ċari seħħet f'nofs is-seklu dsatax u din, kif se naraw, kienet tieħu l-forma ta' eżami bil-miktub.

## Is-Snin ta' Qabel

Kif rajna fil-kapitlu ta' qabel, il-Gvern Kolonjali, fuq rakkomandazzjoni ta' Austin u Lewis, fl-1838 kien mhux biss aċċetta li l-Maltin kellhom id-dritt li jokkupaw fost l-ogħla ufficini fiċ-Ċivil Malti imma kien ukoll vara l-proċess billi ħatru żewġ skrivani Maltin, l-aħwa Casolani, u l-Imħallef Bonavia bħala Kapijiet ta' Dipartimenti differenti. Madankollu, ma kienx ġie diskuss kif kellu jkun il-proċess biex individwi jiġu ingaġġati fiċ-Ċivil meta jinħolqu vakanzi jew ikun hemm bżonn li jiġu impjegati nies ġodda. Fuq ħaġa waħda kien hemm qbil bejn l-Ufficcju Kolonjali, il-Gvernatur u l-Kummissarji Austin u Lewis, u din kienet li min jiġi ingaġġat irid ikun jistħoqqlu. Fil-fatt il-frażi "fuq mertu" kienet bdiet issir il-fus li fuqu beda jdur id-dibattitu li kien beda għaddej fil-Gran Brittanja sa mill-1830.[1] Is-sistema eżistenti fejn ministri jew nies b'influwenza fiċ-Ċivil Ingliż setgħu jdaħħlu lil min riedu jew għoġobhom diġà kienet bdiet turi difetti serji

1) Ara l-Ewwel Kapitlu tal-Ewwel Parti tal-ktieb ta' Peter Hennessy, (1989), The Making of an Institution, Fontana Press, U.K., pp. 17-51.

f'dik li kienet effiċjenza u effettività taċ-Ċivil. Dak iż-żmien ħadd ma kien iqisha bħala xi ħaġa kriminali jew ta' mistħija li individwi jġibu reklami fil-gazzetti fejn joffru l-flus lil min seta' joffrilhom impjieg fiċ-Ċivil.[2] U kif rajna, wieħed mill-argumenti li ġabu l-Kummissarji biex uffiċjali Ingliżi f'Malta jitneħħew mill-ħatra tagħhom u posthom jeħduh il-Maltin kien preċiżament l-istess. Il-parti l-kbira minn dawk l-Ingliżi appuntati fil-kolonji ma kienx jistħoqqilhom li jkunu fil-ħatra tagħhom.

Imma l-isfida li kellhom quddiemhom dawk li kienu jimbuttaw favur dħul fiċ-Ċivil fuq bażi ta' mertu kienet kif wieħed seta' jiddefinixxi fiex jikkonsisti mertu. Il-konklużjoni li waslu għaliha kienet dħul bl-eżami. Austin u Lewis, bħal ħafna intellettwali oħra li kienu qed jagħmlu ħoss fis-soċjetà għolja Ingliża matul dawk iż-żminijiet, kienu jemmnu li biex tkun kapaċi tmexxi kien jeħtieġ li tkun irċevejt edukazzjoni ta' kwalità u mhux inqas minn edukazzjoni universitarja. L-università kienet għalihom il-post li jiftaħ l-imħuħ u jnissel f'moħħ l-individwu l-kapaċità li jifli problemi u joħroġ b'soluzzjonijiet li jwieġbu għal dawk il-problemi. Fi ftit kliem, l-aħjar kap ta' dipartiment ried ikun wieħed imħarreġ fi proċessi analitiċi u intellettwali. L-eżami kien għalhekk meqjus bħala mezz importanti biex jiskopri jekk persuna li xtaqet tidħol fiċ-Ċivil kellhiex dawn il-ħiliet. Madankollu, ministri u politiċi kienu kontra l-idea ta' mertu u opponew bil-qawwa l-introduzzjoni ta' sistema ta' eżamijiet għad-dħul fiċ-Ċivil. Huma kienu jargumentaw li jekk toħloq sistema ta' eżamijiet kompetittivi setgħu jidħlu fiċ-Ċivil nies mill-klassijiet ta' isfel u l-klassijiet ta' fuq jitilfu l-kontroll politiku. Xi wħud, saħansitra, għamluha ċara li ma ridux jitħalltu.

Fl-1833 kien donnu ser isir l-ewwel żblokk fil-kwistjoni meta għall-ewwel darba sar eżami għad-dħul fiċ-Ċivil tal-Indja ġewwa Londra. L-Indja kienet kolonja ta' importanza kbira għall-Gran Brittanja. Saħansitra kien hemm min jgħid li l-Gran Brittanja mingħajr l-Indja, ma kienet imperu xejn. Kien ġie deċiż li għal kull post vakanti kellhom jiġu nominati erba' kandidati. Jekk ma tkunx nominat

2) Ibid.

ma kontx tista' tagħmel l-eżami. B'dan il-mod il-Ministri setgħu jżommu kontroll fuq min jidħol. Mingħajr il-patroċinju ta' xi Ministru ma kellekx ċans tikkompeti. Madankollu, tant kienet kbira l-oppożizzjoni għall-kunċett ta' mertu li l-eżami sar darba u dam għoxrin sena sakemm reġa' ġie introdott fl-1853.[3)]

## Malta Matul l-Istess Żmien

Fl-1847 Sir Richard More O'Ferrall, Kattoliku Irlandiż u bniedem bla ebda rabta mal-militar, ġie mlaħħaq Gvernatur Ċivili ta' Malta. Sab li f'Malta kien hemm bżonn ta' bosta riformi mhux inqas milli fiċ-Ċivil ta' Malta. Kien wasal għal tliet konklużjonijiet: li kien hemm bżonn ħafna iktar superviżjoni fuq l-amministrazzjoni; li l-moral tal-impjegati fiċ-Ċivil kellu bżonn jogħla; u li dawk li xtaqu jidħlu fiċ-Ċivil ikun hemm prova tal-kapaċità tagħhom li jservu b'mod effiċjenti.[4)] F'dan il-kapitlu l-aktar li jinteressani huwa t-tielet element għalkemm ma nistgħux ninjoraw it-tieni wieħed. Dan għaliex il-Gvernaturi li ġew fi żmien jew wara l-Kummissarji ma tantx żammew mar-rakkomandazzjonijiet tagħhom fosthom li nies fiċ-Ċivil ma jinqabżux meta tinħoloq promozzjoni mingħajr il-permess tal-Ministru responsabbli mill-Kolonji u li min jilħaq ikun jistħoqqlu. More O'Ferrall f'ittra lil Lord Grey, il-Ministru responsabbli mill-Kolonji, stqarr miegħu li 'persuni avvanzati fl-età u li kienu fallew f'karrieri oħra ġew impoġġija fuq dawk li għal snin twal u b'mod effiċjenti, ħadmu fis-Servizz Pubbliku.'[5)] Meta jiġri hekk, iċ-ċans ta' dawn tal-aħħar li jieħdu promozzjoni kien jisparixxi u miegħu l-moral u l-ħeġġa tagħhom. Biex tgħaxxaqha, it-talbiet li kienu jirċievu Gvernaturi biex jimpjegaw nies fis-Servizz Pubbliku kienu ta' eluf fis-sena u l-Gvernaturi, biex inaqqsu l-pressjoni fuqhom u jnaqqsu t-tgergir kontra t-tmexxija tagħhom f'Malta, li seta' jasal Londra, kienu jappuntaw nies anki meta ma jkunx hemm postijiet vakanti. Lord Grey fil-fatt, fl-1846, kien iċċensura lill-

3) Mason, P., ((1985), The Men Who Ruled India, Guild Publishers, U.K., p.125.

4) Pirotta, G.A., (1996), The Maltese Public Service: The Administrative Politics of a Micro-state, 1800-1940, Mireva Publications, Malta, p.186.

5) More O'Ferrall lil Lord Grey, 14 ta' Marzu 1849, CO158/145, Arkivju Nazzjonali, Londra.

Gvernatur Patrick Stuart talli kien għamel ħatriet mingħajr ebda referenza lejh u rrifjuta li jaċċettahom qabel ma jirċievi spjegazzjoni dwarhom.[6] Dan kollu juri li d-dħul fis-Servizz Pubbliku ma kienx regolat kif suppost.

Fil-fatt kienu saru abbużi li kellhom konsegwenzi serji. Pereżempju, it-tifel ta' wieħed miċ-Chief Secretaries, Fredrick Sedley, kien ġie l-ewwel appuntat skrivan u iktar tard Kap tal-Pulizija minkejja li ma kienx kwalifikat għall-ebda waħda minn dawn il-ħatriet.[7] Barra minn hekk, huwa kien daħal f'dejn ma' kważi kull stabbiliment kummerċjali fil-Belt, ħaġa verament perikoluża f'persuna li teħtieġ iżżomm l-ordni pubblika. Lord Grey stqarr li Servizz Pubbliku jmexxi tajjeb, id-dħul u l-promozzjonijiet kellhom ikunu bbażati fuq mertu u mhux kemm wieħed ilu fis-Servizz jew xi skuża oħra.[8]

Il-proposta li għamel More O'Ferrall biex dawn l-affarijiet jitranġaw kienet li 'kull persuna żagħżugħa li tkun tixtieq tidħol fiċ-Ċivil ta' Malta… kellha tkun obbligata li tagħmel l-eżami.'[9] Issa diġà rajna li fl-Londra kien hemm oppożizzjoni qawwija għal din it-tip ta' proposta. Madankollu, fl-Uffiċċju Kolonjali kien hemm min jaqbel mad-dħul ta' sistema ta' eżamijiet u numru ta' dipartimenti kienu diġà qed jesperimentaw bihom. Ir-risposta mibgħuta lill-Gvernatur kienet miftuħa biex dan tal-aħħar jinterpretaha kif xtaq, bl-eċċezzjoni li Segretarju Permanenti fil-Uffiċċju Kolonjali stqarr li ma kienx jaqbel li kellha tiġi ffissata l-età biex wieħed jidħol fiċ-Ċivil, waqt li Lord Grey ma riedx li l-promozzjonijiet isiru fuq bażi ta' seniority biss mingħajr attenzjoni għall-kapaċitajiet tal-persuni kkonċernati.[10]

---

6) Lord Grey lil Patrick Stuart, 22 ta' Diċembru 1846, CO158/182, Arkivju Nazzjonali, Londra.

7) Le Marchant to Lord Lytton, 10 ta' Settembru 1858, Arkivju Nazzjonali, Londra.

8) Minuta ta' Lord Grey tal-25 ta' Novembru 1848 fuq dispaċċ ta' More O'Ferrall lil Grey datata 9 ta' Novembru 1848, CO 158/143, Arkivju Nazzjonali, Londra.

9) More O'Ferrall lil Lord Grey, 9 ta' Novembru 1848, CO158/143, Arkivju Nazzjonali, Londra.

10) Merivale 24 ta' Novembru 1848 u Lord Grey, 25 ta' Novembru 1848, noti fuq More O'Ferrall lil Lord Grey, 9 ta' Novembru 1848, CO158/143, Arkivju Nazzjonali, Londra.

More O'Ferrall dam jaħsibha dwar jekk jintroduċix l-eżamijiet għad-dħul fiċ-Ċivil u ħa deċiżjoni biss fl-1851. Fl-20 ta' Jannar 1851, il-Gvernatur informa lill-Ministru tal-Kolonji li vakanza għal skrivan fid-Dipartiment tad-Dwana kienet ġiet mimlija permezz ta' eżami li kkompetew fih 14-il żagħżugħ Malti.[11] Imma More O'Ferrall ma kienx qal lil Lord Grey l-istorja kollha u billi din tal-eżamijiet kienet suġġett jaħraq reġa' kitiblu l-għada biex jinfurmah li din ma kinitx l-ewwel darba li uża din is-sistema u jagħtih spjegazzjoni għal dak li kien għamel. Huwa fil-fatt informa lil Lord Grey 'li għal xi żmien, kull meta nħolqot vakanza għal skrivan ġdid f'xi dipartiment u li għalihom kien hemm numru mdaqqas ta' applikanti, jiena addottajt is-sistema li ġiet stabbilita mid-Dipartiment tat-Teżor u tal-Ammiraljat fl-Ingilterra, billi għażilt numru mill-applikanti biex jikkompetu għal dawn il-vakanzi f'eżami apposta.'[12] Biex jilqa' għal xi kritika li setgħet issirlu, huwa fakkar lil Lord Grey li d-Dipartiment tat-Teżor ġewwa l-Gran Brittanja kien qed iħaddem sistema simili u wieħed għandu jkun jaf li dan id-Dipartiment kien l-iktar wieħed importanti mhux biss ġewwa l-Gran Brittanja, imma kellu awtorità fuq in-nefqa tal-kolonji, speċjalment dawk li bħal Malta kienu jiġu bżonn għajnuna finanzjarja. More O'Ferrall, qabel laħaq Gvernatur ta' Malta, kien impjegat ma' dan id-Dipartiment u għalhekk kien jaf dwar il-politika li kien qed iħaddem dan id-Dipartiment. Fil-fatt, fl-1853, sentejn wara l-pass li ħa l-Gvernatur, Charles Trevelyan, Segretarju Permanenti fid-Dipartiment tat-Teżor Ingliż flimkien ma' Sir Stafford Northcote, kienu ġew imqabbda biex jirrappurtaw dwar numru ta' aspetti dwar iċ-Ċivil Ingliż. Ir-rapport tagħhom, li ħareġ fl-1854, kien irrapporta li d-dħul fiċ-Ċivil kellu jkun permezz ta' eżamijiet kompetittivi.

11) More O'Ferrall lil Lord Grey, 20 ta' Jannar 1851, Dispaċċi lis-Segretarju tal-Istat, Vol.7, Arkivju Nazzjonali ta' Malta, Rabat, Malta.

12) More O'Ferrall lil Lord Grey, 21 ta' Jannar 1851 Dispaċċi lis-Segretarju tal-Istat, Vol.7, Arkivju Nazzjonali ta' Malta, Rabat, Malta.

More O'Ferrall ipprova jkompli jiġġustifika l-introduzzjoni tal-eżamijiet billi saħaq 'li dan l-esperiment kien irnexxa u sodisfatt li fiċ-Ċivil daħlu nies kwalifikati.' Huwa enfasizza wkoll li din is-sistema kienet qed isservi ta' stimulu għall-edukazzjoni u kienet ħa tgħin twessa' l-interess fost iż-żgħażagħ għall-edukazzjoni. Huwa stqarr li fil-passat 'ħafna Dipartimenti kienu qed isofru minn ħafna nuqqasijiet... minħabba l-ħatra ta' persuni li ma kinux kompetenti.' Huwa għalhekk issuġġerixxa li Lord Grey kellu joħroġ ordni 'li tistabbilixxi li l-eżamijiet għandhom ikunu l-uniku mezz biex persuni jidħlu fiċ-Ċivil imma li tħalli f'idejn il-Gvernatur livell ta' diskrezzjoni biex meta jkun hemm il-bżonn, u bil-permess tas-Segretarju Kolonjali, jiddevja minn din ir-regola.'[13] Waqt li Lord Grey ma għamel ebda kumment fuq l-aħħar parti tal-proposta tal-Gvernatur, huwa infurmah li japprova b'mod sħiħ il-politika li kien addotta. Ir-raġuni li Lord Grey qabel ma' More O'Ferrall kienet li l-eżamijiet kienu miftuħa għal dawk nominati mill-Gvernatur u dan kien dak li jiġri fl-Ingilterra. L-eżamijiet ma kinux miftuħa għal kull min xtaq jagħmilhom imma għall-magħżulin.

## L-Eżamijiet Isiru l-Uniku Mezz ta' Dħul

Iż-żmien li kull Gvernatur kien iżomm il-ħatra kienet ta' sitt snin. Numru ta' Gvernaturi mhux dejjem baqgħu fil-kariga għal dan il-perjodu u More O'Ferrall kien wieħed minnhom. Huwa kien kisirha ma' ħafna Maltin għaliex kien waqqaf refuġjati Taljani, li kienu qed jaħarbu mill-ġlied li kien għaddej fl-Italja, milli jinżlu l-art. Fil-fatt ħafna Taljani diġà kienu qed jitħallew jidħlu Malta imma dawn bdew jidhru ta' periklu għas-sigurtà tal-fortizza. Londra kienet qablet li ma jitħallewx jinżlu iktar Taljani f'Malta imma More O'Ferrall ma felaħx għall-kritika kontinwa kontra tiegħu u rriżenja. Jidher li wara t-tluq tiegħu, is-sistema tal-eżamijiet waqfet u kollox reġa' għal dak li kien qabel. Is-suċċessur tiegħu, Sir William Reid, ħass li s-sistema tal-eżamijiet kienet sistema tajba u fl-1857 reġa' introduċieha.

13) Ibid.

Ir-raġunijiet għaliex Reid ħa dan il-pass kienu tlieta. L-ewwel nett, Reid, bħal More O'Ferrall, ma kienx kuntent bil-kwalità ta' dawk li kienu qed jidħlu fiċ-Ċivil jew kienu qed jokkupaw ħatriet fih. Huwa kien ġie kkwotat minn viżitatur li qal li 'waħda mid-diżgrazzji tal-pajjiż (Malta)… kienet in-numru ta' żgħażagħ li rċevew dik li mingħalihom kienet edukazzjoni ta' kwalità, li ma għandhomx riżorsi u ma hemmx spazju għalihom fil-professjonijiet.'[14] Skont Reid, dawn kienu jqattgħu l-ħin tagħhom fil-kafetteriji, jitkellmu dwar il-politika u jippjanaw Kostituzzjonijiet liberali għar-Repubblika indipendenti ta' Malta. Il-Gvernatur irrakkonta li wieħed li ġie quddiemu biex jitlob impjieg fiċ-Ċivil meta staqsieh x'kienet il-professjoni tiegħu dan wieġeb li kien politikant. Qal ukoll li meta kkonfronta żgħażagħ oħra li kienu qed jitolbu impjieg bil-karta tal-eżami għad-dħul fiċ-Ċivil tal-Indja, dawn weġbuh li ebda Malti ma kien kapaċi jwieġeb dawk il-mistoqsijiet.[15] Dawn, qal il-Gvernatur, kienu l-kandidati għaċ-Ċivil!! Imma li tirrifjuta li taċċetta li tipprovdilhom impjieg kellha żewġ perikli: l-ewwel li toħloq skuża għal aġitazzjoni politika; u t-tieni, li ddgħajjef l-interess fl-edukazzjoni għaliex dawk milquta ma jarawx l-edukazzjoni bħala muftieħ għal impjieg sigur.

It-tieni raġuni kienet li l-Gvernatur kien il-ħin kollu jirċievi talbiet mingħand żgħażagħ, jew il-ġenituri tagħhom għal impjiegi fis-Servizz Pubbliku. Reid irrapporta li, fl-ewwel għaxar xhur tas-sena 1857, kienu waslu għandu 1,163 talba għal impjieg minkejja l-fatt li minn Frar ta' dik is-sena d-dħul fiċ-Ċivil kien permezz ta' eżamijiet kompetittivi.

Imma għal Reid kien hemm raġuni ferm iktar importanti minn dawn ta' fuq għalxiex kellha tiġi addottata sistema ta' eżamijiet. Din kienet marbuta mal-fatt li fl-1849, fi żmien More O'Ferrall, il-Gvern Ingliż kien ikkonċeda lil Malta Kunsill tal-Gvern li fih kienu jpoġġu l-Kapijiet tal-iktar Dipartimenti importanti bħala Membri Uffiċjali u dawn fil-Kunsill kienu jiffurmaw il-maġġoranza. Il-

14) Simpson, M.C.M., (1882), Conversations and Journals in Egypt and Malta of N.W. Senior, Vol. II, Sampson Low, Marston, Searle & Rivington, U.K., pp. 253-4.

15) Ibid., p.254.

kumplament tal-Kunsill kien magħmul, għall-ewwel darba, minn Membri Eletti. Il-Gvernatur għalhekk kien wasal għall-konklużjoni li la 'issa fil-Kunsill setgħu jpoġġu Membri Eletti… qed dejjem jinħass il-bżonn li l-Membri Uffiċjali jkunu nies ta' ħila, kapaċi jiddiskutu u jiddibattu kwistjonijiet ta' importanza li jiġu quddiem il-Kunsill bħala istituzzjoni leġiżlattiva.'[16) ] Dan kien punt importanti għaliex issa dawn il-Kapijiet tad-Dipartimenti kien ser ikollhom ir-rwol li jixbah dak ta' Ministri kif nafuh illum u billi kienu jgawdu l-maġġoranza fil-Kunsill il-ħila tagħhom li jmexxu tajjeb u id f'id mal-Membri Eletti kienet tisboq fuq kollox.

L-ewwel eżami verament kompetittiv għal skrivani fiċ-Ċivil ġie mħabbar fil-Gazzetta tal-Gvern ta' Frar 1857.[17)] F'dan il-każ, kuntrarju għal dak li kien jiġri qabel, l-eżami ma kienx ristrett għall-kandidati nominati mill-Gvernatur imma kien miftuħ għal kulħadd, basta b'kondotta nadifa. Dan kien imur kontra dak li kien jiġri fl-Ingilterra fejn biex wieħed seta' jagħmel l-eżami kien jeħtieġ in-nomina tal-Ministru. Fil-fatt, fl-1857, saru tliet eżamijiet, wieħed f'Marzu, wieħed f'Mejju u ieħor f'Novembru. Biex imexxu l-eżamijiet, il-Gvernatur ħatar Bord ta' ħamsa min-nies li kien magħmul mir-Rettur tal-Università bħala President, l-Ispettur tal-Istituzzjonijiet tal-Karità, il-Librar Prinċipali, id-Direttur tal-Iskejjel Primarji u l-Assistent Supretendent tal-Portijiet.[18)]

16) Reid lil Labouchere, 23 ta' Mejju 1875, CO158/181, Arkivju Nazzjonali, Londra.

17) Malta Government Gazzette, No 1902, 13 ta' Frar 1857 u No.1903, 27 ta' Frar 1857, Arkivju Nazzjonali ta' Malta, Rabat, Malta.

18) Malta Government Gazzette, No.1903, 27 ta' Frar 1857, Arkivju Nazzjonali ta' Malta, Rabat, Malta.

# THE MALTA GOVERNMENT GAZETTE.

N° 1902. ] Friday 13th Febuary, 1857. [ *Price One Penny.*

*All public Acts appearing in this Gazette, signed by the proper Authorities, are to be considered as Official and obeyed as such.*
By Command VICTOR HOULTON, *Chief Secretary to Government.*

## MINUTE

BY HIS EXCELLENCY THE GOVERNOR.

AN examination for a Clerkship under Government will be made on Monday the 2nd March next, in the Council room at the Palace of Valletta, to commence at 10 a. m. on that day.

Candidates wishing to compete for this Clerkship are required to send their names (written at full length) and a certificate of their ages, to the Chief Secretary, on or before the 26th instant, but no one will be allowed to compete if he be above 22 years of age.

The Candidate recommended by the Board will be appointed to the Clerkship.

By Command,

Palace, Valletta, 9th February, 1857.
VICTOR HOULTON, *Chief Secretary to Government.*

## NOTIFICAZIONE

DI SUA ECCELLENZA IL GOVERNATORE.

LUNEDI' 2 del mese di Marzo p. v. avrà luogo un esame per la situazione di uno Scrivano addetto al servizio del Governo. L'esame si terrà nella sala del Consiglio nel Palazzo della Valletta, ed avrà principio alle ore 10 a. m. di quel giorno.

Gli Aspiranti i quali bramassero concorrere per questa situazione son richiesti, fino al di 26 del corrente mese, di rimettere al Principal Segretario i loro nomi (scritti per intiero) ed un certificato della loro età, e non sarà ammesso a tale esame chiunque avesse più di 22 anni.

L'Aspirante raccomandato dal *Board* verrà nominato alla situazione.

Per Comando,

La Valletta, dal Palazzo, 9 Febbrajo, 1857.
VICTOR HOULTON, *Principale Segretario di Governo.*

## GOVERNMENT NOTICE.

THE following Extract is republished for general information.

*Extract of a Letter from Dr Edward Seaton to the Home Secretary of State, (Parliamentary Paper 3rd May, 1853.)*

1. To prove the influence of vaccination in England:

| | |
|---|---|
| Out of every 1,000 deaths in the half-century from 1750 to 1800, there were of small pox. | 96. |
| Out of every 1,000 deaths in the half-century from 1800 to 1850, there were of small pox. | 35. |

Either small pox has become naturally milder, or is treated more successfully, or the mortality from it has been diminished by vaccination. That the last is the true cause can be proved from independent evidence.

2. To prove the influence of vaccination on the continent:

| | |
|---|---|
| In various German States, sufficient evidence can be obtained to show that, before vaccination was used, out of every 1,000 deaths, there occurred from small pox . . . . . . . | 66·5 |
| After vaccination there occurred . . . . . | 7·26 |

## NOTIFICAZIONE DI GOVERNO.

IL seguente Estratto è nuovamente pubblicato per informazione di tutti.

*Estratto di una lettera del Dr Edward Seaton al Segretario di Stato per l' Interno (Carte Parlamentarie, 3 Maggio 1853.)*

1. Onde provare l' influenza della vaccinazione in Inghilterra:

| | |
|---|---|
| Di ogni 1,000 morti nel mezzo secolo dal 1750 al 1800, vi furono di vajuolo . . . . . | 96 |
| Di ogni 1,000 morti nel mezzo secolo dal 1800 al 1850, vi furono di vajuolo . . . . . | 35 |

O il vajuolo sia divenuto naturalmente più mite, od esso sia trattato con più buon successo, oppure la mortalità dal medesimo cagionata sia stata diminuita mediante la vaccinazione. Che l' ultima sia la vera causa si può avverare da prove indipendenti.

2. Onde provare l' influenza della vaccinazione nel continente:

| | |
|---|---|
| In varj stati della Germania, si possono ottenere prove sufficienti per dimostrare che, prima che fosse usata la vaccinazione, di ogni 1,000 morti, vi occorsero di vajuolo . . . . | 66·5 |
| Dopo la vaccinazione vi occorsero . . . . . | 7·26 |

Is-suġġetti kienu jvarjaw bejn tmienja u għaxra u kienu jinkludu l-Aritmetrika, l-Ingliż u t-Taljan, tliet suġġetti meqjusa obbligatorji. Suġġetti oħra offruti dik is-sena kienu jinkludu l-Kimika, ilsna moderni, fi kliem ieħor il-Franċiż u l-Ġermaniż, Storja Moderna u Antika, il-Ġeoloġija, it-Tpinġija u l-Kitba.[19] Kif wieħed jista' jara, dawn l-eżamijiet kienu joffru sfida lill-kandidati u kienu jimponu fuqhom il-ħtieġa ta' dedikazzjoni lejn l-istudju. Punt ieħor interessanti huwa l-fatt li kull kandidat, biex ikun jista' jidħol fiċ-Ċivil, kellu jgħaddi minn eżami fl-Ingliż. Dan ifisser li l-kwistjoni li nqalgħet kważi tletin sena wara fejn il-grupp anti-riformista oppona bil-qawwa l-ilsien Ingliż, li saret magħrufa bħala l-Kwistjoni tal-Lingwa, ma kinitx dwar jekk l-ilsien tal-ammistrazzjoni kellux ikun l-Ingliż jew it-Taljan, imma dwar interessi ekonomiċi.[20] Kif diġà nnutajna, Reid, kontra dak li kien jiġri l-Ingilterra għażel li l-kompetizzjoni tkun miftuħa. L-uniċi kundizzjonijiet li għamel kienu li wieħed ried jissottometti ismu flimkien ma' ċertifikat tal-età tiegħu lill-Uffiċċju taċ-Chief Secretary u jkun ta' kondotta nadifa. Kien hemm kundizzjoni dwar l-età għaliex dawk li setgħu jagħmlu l-eżami riedu jkunu taħt it-tnejn u għoxrin sena.

19) Ibid., u Malta Government Gazzette, No 1907, 24 ta' April 1857 u No. 1916, 26 ta' Ġunju 1857, Arkivju Nazzjonali ta' Malta, Rabat, Malta.

20) Pirotta, G.A., (2015), Bread, Language and Civil Service Employment, f'Chircop, J., Colonial Encounters: Maltese Experiences of British Rule 1800-1970s, Horizons Publication, Malta, pp.355-69.

# THE MALTA GOVERNMENT GAZETTE.

N° 1933.] **Friday 27th February, 1857.** [*Price One Penny.*

*All public Acts appearing in this Gazette, signed by the proper Authorities, are to be considered as Official and obeyed as such.*
By Command VICTOR HOULTON, *Chief Secretary to Government.*

## MINUTE

BY HIS EXCELLENCY THE GOVERNOR.

THE subjects of examination referred to in the Government Minute of the 9th instant, will be :—

1. Reading English and writing it from dictation.
2. First four rules of Arithmetic, (simple and compound) proportions, fractions, first book of Euclid, and rudiments of Algebra.
3. History (ancient) of Rome and of Greece.
4. History (modern) of Europe.
5. Ancient Geography and the modern divisions of the World.
6. Modern Languages—French, German and Italian.

The Board of examiners to consist of the following Officers of the Government—

The Rector of the University—*President.*

The Inspector of Charitable Institutions and Prisons.

The Librarian of the Public Library.

The Director of the Primary Schools.

The Second Assistant Superintendent of the Ports.

The candidate recommended must be a Gentleman of unexceptionable good conduct.

By Command,

Palace, Valletta, 26th February, 1857.

VICTOR HOULTON, *Chief Secretary to Government.*

## NOTIFICAZIONE

DI SUA ECCELLENZA IL GOVERNATORE.

LE materie intorno alle quali si aggirerà l'esame di cui si fa menzione nella Notificazione del 9 del corrente mese, saranno le seguenti :—

1. Leggere l' Inglese e scriverlo sotto dettatura.
2. Le prime quattro regole dell' Aritmetica (semplici e composte) proporzioni, frazioni, il primo libro d' Euclide, e i rudimenti d' Algebra.
3. Storia (antica) di Roma e Grecia.
4. Storia (moderna) dell' Europa.
5. Geografia antica e le moderne divisioni del Mondo.
6. Lingue moderne—Francese, Tedesca e Italiana.

Il *Board* degli esaminatori sarà composto dei seguenti Ufficiali del Governo—

Il Rettore dell' Università—*Presidente.*

L' Ispettore delle Istituzioni di Carità e delle Prigioni

Il Bibliotecario della Pubblica Biblioteca.

Il Direttore delle Scuole Primarie.

Il Secondo Assistente Soprintendente dei Porti.

La persona raccomandata dev' essere di condotta per ogni riguardo irreprensibile.

Per Comando,

La Valletta, dal Palazzo, 26 Febbrajo, 1857.

VICTOR HOULTON, *Principale Segretario di Governo*

## GOVERNMENT NOTICE.

THE following list of Books purchased for the Public Library of Malta, is published for general information.

## NOTIFICAZIONE DI GOVERNO.

LA seguente lista de' Libri acquistati per compra dalla Libreria Pubblica di Malta, è pubblicata per informazione di tutti.

### NOTE OF BOOKS PURCHASED FOR THE PUBLIC LIBRARY.

| | | | |
|---|---|---|---|
| Soria, Corso di Diritto Pubblico.—3 gr. 4to. | £ 2 | 0 | 0 |
| Le Play, Les Ouvriers Europeens.—1 *imp.* Fol. | 3 | 5 | 3 |
| Mackintosh, History of England.—10 in 12mo. | 1 | 15 | 0 |
| Th. Moore, History of Ireland.—4 in 12mo. | 0 | 14 | 0 |
| Sir W. Scott, History of Scotland.—2 in 12mo. | 0 | 7 | 0 |
| Dunham, Europe in the middle ages.—4 in 12mo. | 0 | 14 | 0 |
| Cooley, Maritime and Inland discoveries.—3 in 12mo. | 0 | 10 | 6 |
| Early English Writers.—1 in 12mo. | 0 | 3 | 6 |
| Bell, Lives of English Poets.—2 in 12mo. | 0 | 7 | 0 |
| Lives of English Dramatists.—2 in 12mo. | 0 | 7 | 0 |
| Sir H. Nicolas, Chronology of history.—1 in 12mo. | 0 | 3 | 6 |
| Italian and Spanish literary men.—3 in 12mo. | 0 | 10 | 6 |

Jidher, li minħabba li l-kwistjoni kienet għadha taħraq fl-Ingilterra, Reid, bħal More O'Ferrall qablu, naqas li jinforma lis-Segretarju għall-Kolonji dwar din il-miżura li kien ħa mill-ewwel u meta infurmah kienu diġà saru żewġ eżamijiet.[21] Imma meta l-informazzjoni waslet għand is-Segretarju tal-Istat għall-Kolonji, dan approva dak li għamel il-Gvernatur u esprima t-tama 'li din il-miżura tħalli l-effetti mixtieqa.'[22] Jidher ukoll li l-Gvernatur lanqas kien ikkonsulta mal-Membri Eletti tal-Kunsill, kif kien imdorri dejjem jagħmel għaliex fis-seduta ta' Ġunju tal-istess sena, iċ-Chief Secretary, li kien jippresedi l-Kunsill, ġie mistoqsi numru ta' mistoqsijiet dwar l-eżamijiet. L-Avukat Laferla staqsieh jekk fil-futur l-impjiegi ġodda maċ-Ċivil kinux se jkunu maħtura wara eżami. Staqsieh ukoll jekk is-suġġetti li kienu se jiġu eżaminati l-kandidati kinux se jkunu dejjem l-istess. Iċ-Chief Secretary wieġeb li bħala regola ġenerali, l-impjiegi ta' skrivani żgħażagħ se jkun b'dan il-mod. Dwar jekk is-suġġetti kinux se jibqgħu l-istess huwa stqarr li jista' jkun hemm xi tibdil f'xi każijiet.[23]

L-introduzzjoni ta' eżamijiet kompetittivi miftuħin għal kulħadd ġibdu l-attenzjoni tal-Kummissjoni għas-Servizz Ċivili ġewwa Londra. Din il-Kummissjoni kienet twaqqfet fl-1855 biex torganizza l-eżamijiet għal dipartimenti fl-Ingilterra u issa riedet tisma' mingħand il-Gvernatur Reid dwar kif kienet qed titħaddem is-sistema f'Malta. Reid issuspetta li l-Kummissjoni mhux ħa tapprova l-idea ta' kompetizzjoni miftuħa mingħajr nominazzjoni u fit-tweġiba tiegħu wera li ma kienx lest jittollera ndħil mill-Kummissjoni. 'Minkejja x'jistgħu jaħsbu oħrajn dwar l-iskema addottata,' huwa qalilhom li huwa konvint 'li s-sistema li jimpjega żgħażagħ taħt it-22 sena li jkunu għaddew minn eżami rigoruż, qed taħdem b'mod vantaġġjuż għaċ-Ċivil Malti u l-kompetizzjoni għall-impjieg fiċ-Ċivil kienet qed twassal għal titjib fis-sistema edukattiva.'[24]

---

21) Pirotta, G.A. (1996), The Maltese Public Service: The Administrative Politics of a Micro-State 1800-1940, Mireva Publications, Malta, p.193.

22) Reid lil Labouchere, 23 ta' Mejju 1857, CO158/181, Arkivju Nazzjonali, Londra.

23) Minuti tad-Dibattiti tal-Kunsill tal-Gvern, CO161/127, Arkivju Nazzjonali, Londra.

24) Reid lil Labouchere, 18 ta' Diċembru 1857, CO158/182, Arkivju Nazzjonali, Londra.

Li din l-istqarrija tal-Gvernatur ma kinitx biss difiża għall-iskema li kien daħħal dwar dħul fiċ-Ċivil ġiet ikkonfermata fl-1879, tnejn u għoxrin sena wara, meta Penrose Julyan, li kien intbagħat Malta biex jinvestiga ċ-Ċivil Malti osserva 'li s-sistema kompetittiva għad-dħul fiċ-Ċivil, kienet bla dubju tat lis-servizz klassi aħjar ta' skrivani minn dawk li kienu qed jokkupaw karigi iktar għolja fiċ-Ċivil.'[25)]

## Għeluq

Il-ħidma biex kull pajjiż isib metodi biex ikollu l-aktar Servizz Pubbliku effiċjenti u effettiv huwa proċess li ma jieqaf qatt. Matul kull seklu f'kull pajjiż insibu attentati biex dan il-proċess jissaħħaħ u jkun ta' servizz veru għaċ-ċittadin. Illum l-eżaminijiet ma għadhomx il-metodu prinċipali jew waħdu biex persuna tidħol fiċ-Ċivil. Fil-passat, pajjiżi oħra b'ambizzjoni li jaħkmu pajjiżi oħra bil-ħsieb li jisfruttaw ir-riżorsi umani u materjali tagħhom, il-kapaċità tas-Servizz Pubbliku li ssostni b'mod effiċjenti dawn l-ambizzjonijiet kienet importanti ħafna. Id-dibattitu dwar riforma fis-Servizz Pubbliku ġewwa l-Gran Brittanja kien parti minn din l-ambizzjoni imma l-interessi tal-ftit għal żmien twil ċajpru l-bżonn li jkun hemm proċess ta' reklutaġġ li jassigura li l-aktar nies kapaċi kienu jidħlu fiċ-Ċivil. Iżda l-idea li d-dħul fiċ-Ċivil isir bl-eżami saret dejjem iktar id-diska li madwarha sar dan id-dibattitu. Malta ma kellha ebda waħda minn dawn l-ambizzjonijiet imperjali imma hi wkoll kellha bżonn amministrazzjoni ta' kwalità. Kemm fl-Ewwel Kapitlu u kif ukoll f'dan il-Kapitlu rajna li n-nuqqas ta' amministrazzjoni tajba kienet anki wasslet biex f'Malta jkun hawn ġuħ kbir u minħabba l-inkompetenza ta' dawk li kienu jokkupaw l-aqwa ħatriet fiċ-Ċivil, l-amministrazzjoni tal-pajjiż kienet dgħajfa. Waħda mir-raġunijiet li l-Maltin membri taċ-Ċivil ġew mogħtija l-opportunità li jilħqu l-ogħla karigi fiċ-Ċivil kien għaliex il-Kummissarji kienu jemmnu li b'din il-miżura l-amministrazzjoni f'Malta kienet se tara titjib kbir. Imma għalkemm din il-miżura ġiet addottata u n-numru ta' Maltin f'karigi ogħla beda dejjem jiżdied, kien jidher li mhux qed jintlaqa' l-għan li l-aħjar nies jibdew jokkupaw l-ogħla uffiċċji fil-pajjiż. U kien

25) Julyan lil Hicks Beach, 7 ta' April 1879, CO158/255, Arkivju Nazzjonali, Londra.

għalhekk li Gvernaturi bħal More O'Ferrall u Reid bdew iħarsu, bħal ħafna oħrajn fl-Ingilterra, lejn l-introduzzjoni tal-eżamijiet bħala l-mezz biex jintgħażlu dawk l-iktar kwalifikati biex jidħlu fiċ-Ċivil. U, jekk noqgħod fuq dak li qal Penrose Julyan, jidher li dan l-iżvilupp kellu effett tajjeb. Jidher ukoll li d-deċiżjoni ta' William Reid li jiftaħ l-eżamijiet għal kulħadd, mingħajr il-bżonn ta' nominazzjoni, kien fattur importanti biex dan l-għan jintlaħaq. Huwa interessanti li dak li għamel Reid dam ma seħħ ġewwa l-Ingilterra sal-1870 meta fl-aħħar dawk li kienu favur kompetizzjoni ristretta bejn il-ħbieb kellhom iċedu għall-progress. Malta dan għamlitu, minkejja li kienet kolonja u tiddependi fuq ix-xewqat u d-direttivi tal-Uffiċċju Kolonjali, 13-il sena qabel l-Ingilterra.



CIVIL SERVICE EXAMINATION 1923.

TIME TABLE.

| | | |
|---|---|---|
| February 20th (Tuesday) | 9 to 11.30 a.m. | English Composition. |
| | 12 ,, 1. p.m. | Translation from Italian into English. |
| ,, 21st (Wednesday) | 9 ,, 11.30 a.m. | Italian Composition. |
| | 12 ,, 1. p.m. | Translation from English into Italian. |
| ,, 22nd (Thursday) | 9 ,, 12. a.m. | Arithmetic. |
| ,, 23rd (Friday) | 9 ,, 12. a.m. | Précis Writing and Indexing. |

N.B.—Candidates are required to attend at 8.30 a.m. on the first day of the examination.

Eżempju tipiku tas-suġġetti u tal-mod
ta' kif kienu jpoġġu għall-eżami tad-dħul fiċ-Ċivil



## CIVIL SERVICE OF MALTA.

### Form of Application

to be filled by candidates for the Examination referred to in Government Notice No. [illegible] dated the [illegible] November 192[illegible].

This form, fully and legibly filled up, is to be returned with the examination fee to the Office of the Head of the Ministry.

No entrance form will be received which is not accompanied by a fee of 15/-

1. Name of candidate in full (surname) Agius Gilibert
   (Christian name) Carmelo
2. Permanent postal address 49 Falzon Street, Sliema
3. Father's (or guardian's) name Gio. Battista
   and occupation Accountant

### Selection Form
FOR FINAL EXAMINATION.

Initials to be placed against subject chosen

| Initials | Subject | Max. | Min. |
|---|---|---|---|
| * [initials] | Typewriting | 50 | 25 |
| | Phonography (Speed tests—English and Italian) | 100 | 50 |
| [initials] | Book-keeping (by double entry) | 100 | 50 |
| | French—Composition | 50 | 25 |
| | Translation from English | 50 | 25 |
| [initials] | Geography (Political and Physical) | 100 | 50 |
| [initials] | European History—1780 to 1880 | 100 | 50 |
| [initials] | Economics—Elements of Economics. *Production.* Meaning of production of wealth. The Agents of production. Land labour. Capital. The part that each plays. *Mechanism of Exchange.* Money; its functions; influence of demand and supply in fixing prices; final or marginal utility; the organization of the market. *Systems of distribution.* The remuneration of the several agents of production. Rent. Wages. Profits. Interest. Credit. | 100 | 50 |

* "Empire" providing own machine

N.B.—1. Not less than three subjects must be taken up.

2. No alteration in the selection of subjects will be allowed after the 10th February 1923.

3. Candidates taking up typewriting must mention the make of machine they propose to use and whether they will provide their own machine; if not, they will be given such machines as are available.

(Signature of applicant in full) C Agius Gilibert

(Date of application) 23rd January 1923

# Id-'Denfil' fl-Edukazzjoni ta' Wliedna

Elizabeth Ebejer

Jekk hemm xi ħaġa li tnissel fija tbissima u nostalġija, hi l-faċċata ta' ktieb oranġjo, b'denfil jaqbeż 'il barra mill-baħar. Din il-faċċata ta' ktieb mhi xejn ħlief il-ktieb 'Id-Denfil.' 'Id-Denfil,' is-serje li għal tlieta u tletin sena kienet is-serje li għas-sitt snin tal-iskola primarja kienet użata għall-qari tal-Malti. Sitt kotba li kienu mimlija proża, poeżija u kif ukoll xi dramm ċkejken, imma l-iktar importanti vokabularju ta' kliem Malti. Ġenerazzjoni sħiħa ta' studenti qraw fil-klassi minn din l-antoloġija ta' kitbiet bil-Malti. B'xi mod, ilkoll iltqajna ma' din is-serje ta' kotba, jekk konniex studenti aħna, jew it-tfal tagħna jew in-neputijiet tagħna, dan il-ktieb kien parti mill-mixja tagħna fl-ewwel snin tal-iskola primarja, iżda hu wkoll parti mill-Istorja tal-Edukazzjoni Maltija.

Smajt diversi anedotti rigward kif beda l-ħsieb biex l-istudenti li kienu jattendu l-iskola primarja jkollhom ktieb tal-qari ġdid bil-Malti. Għalkemm għall-ebda waħda minn dawn l-anedotti ma sibt referenza, sibt li kien hemm linja ta' ħsieb komuni, dik li jinbidel il-ktieb 'Ġabra ta' Ward' għal serje ta' kotba li jirriflettu l-ħajja attwali Maltija u storja riċenti ta' dawk iż-żminijiet.

Is-serje 'Ġabra ta' Ward' kienet ilha sa mis-snin tletin tintuża minn studenti tal-primarja. Is-sitt kotba ta' 'Ġabra ta' Ward' kienu kotba ta' antoloġija ta' kitba bil-Malti għall-istudenti tal-primarja. M'hemmx kliem biżżejjed ta' ħajr lil Emanuel Benjamin Vella għal dan ix-xogħol imprezzabbli, 'Ġabra Ta' Ward.' Vella kien inkarigat jikteb dawn il-kotba mid-Direttur tal-Edukazzjoni, Dr A. V. Laferla.[1) ] Kienu sitt kotba fejn l-ewwel tnejn kienu għat-tfal iż-żgħar u l-bqija skont is-sena tal-iskola tal-primarja. Dawn il-kotba nkitbu skont "is-sistema tal-"Għaqda" taħt il-Kostituzzjoni tal-1934 dwar it-tagħlim tal-Malti bħala Lsien tal-Edukazzjoni."[2)]

1) Cremona, A, E. B. Vella - Il-Malti, Ħarġa 22, Numru 2 pġ 83

2) ibid

Fl-1934, il-Lingwa Maltija ġiet iddikjarata l-lingwa uffiċjali flimkien mal-Ingliż u t-Taljan. L-Għaqda Kittieba tal-Malti kienet ilha snin taħdem fuq regoli ġodda biex dawn jgħinu fit-tħaddim korrett tal-Malti.[3] Fl-1921, hija ħarġet 29 ittra tal-alfabett Malti, li 24 huma konsonanti u 5 huma vokali. Vella, b'dan l-għarfien kollu kiteb sitt kotba b'regoli tal-għaqda u tħaddim perfett tal-Malti. Skont Cremona "Din ma kenitx biċċa xogħol hekk ħafifa daqskemm tidher, għaliex fil-ġabra ta' bċejjeċ tal-qari għat-tfal hemm is-sengħa tal-metodu pedagoġiku tat-tagħlim li fiha Manwel Vella kien imħarreġ sewwa."[4] Vella ħaseb ukoll biex l-istejjer ikollhom l-istampi u għal dan il-għan kien tqabbad l-artist Robert Caruana Dingli.[5] Dawn il-kotba kienu mitbugħa fl-istamperija tal-Università ta' Oxford, peress li f'dawk is-snin id-Dipartiment tal-Edukazzjoni f'Malta kellu kuntratt magħhom.[6]



50. ID-DENFIL

L-isem tal-kotba tal-Malti huwa *Denfil* u fuq il-qoxra għandna disinn ħelu ħafna ta' dan l-annimal tal-baħar. Ħafna jaħsbuh ħuta kbira, imma fis-sewwa ma huwiex ħuta bħalma m'hijiex ħuta l-baliena.

Id-denfil igħix kważi fl-ibħra kollha u ssibu dejjem qtajja' qtajja'. L-għors tagħhom jiġru b'ħeffa kbira u jaqbżu qbiż li jgħaġġeb. Mhux l-ewwel darba li rajnihom jaqbżu ferħanin aħna u sejrin bil-vapur bejn Malta u Għawdex. Is-sajjieda tagħna jgħidu wkoll li d-denfil idur mal-luzzu tagħhom huma u jistadu 'l barra għal-lampuki.

Id-denfil igħix minn dak li jipprovdilu l-baħar, bħalma huma l-ħut u l-qarnit. Id-denfil omm ikollha ż-żgħar minn wieħed sa tnejn fis-sena u trabbihom fuq il-ħalib tagħha. Iddum tieħu ħsiebhom bl-ikbar kura sakemm ikunu kibru.

Il-baħħara jaraw fid-denfil annimal kwiet u ħabib. Huma jemmnu li d-denfil hu sinjal ta' risq, barka u wegħda ta' baħar tajjeb.

Hemm ħafna stejjer fuq id-denfil. Waħda minnhom tgħid li d-dniefel ma humiex għajr is-suldati tal-Farawni li nqerdu fil-Baħar l-Aħmar huma u jiġru wara l-Iżraeliti.

112

Wieħed mill-kittieba antiki Rumani jirrakkonta kif denfil kien jieħu rikeb fuq dahru tifel l-iskola. Imma dawn ma humiex ħlief ħrejjef ħelwin dwar dan l-annimal tant mans.

Jingħad li d-denfil għandu dehen kbir; mhux l-ewwel darba li ħeles xi nies mill-għarqa jew minn kelb il-baħar. Jingħad ukoll li bil-ħsejjes li jagħmlu b'ħalqhom jiftiehmu ma' xulxin. Imma l-akbar gost tagħhom hu l-logħob u l-qbiż fil-baħar. Mhux għaġeb mela meta naraw xi denfil fuq it-televiżjoni jaqbeż u jogħla, u jilgħab ferrieħi.

113

---

3) Il-Portal – siltiet storiċi miġjuba minn Heritage Malta l-Akkademja tal-Malti - https://akkademjatalmalti.files.wordpress.com/2020/05/il-portal-malti.pdf

4) Cremona, A. E. B. Vella - Il-Malti, Ħarġa 22, Numru 2 pġ. 83

5) Anastasi, Anastasia - Robert Caruana-Dingli (1882-1940): A Critical Analysis of his Works (1882—1940), 1999

6) Grech, Sergio - Emanuel Benjamin Vella: Profil u Kommemorazzjoni

L-antoloġija ta' dawn is-sitt kotba kienet mogħnija minn kitba mexxejja ta' proża u poeżija u li sal-lum għadek issib nies li jiftakru strofa ta' poeżija li kienu qraw minn 'Ġabra ta' Ward'. Ta' għalliem u ħassieb, Vella niseġ aspetti differenti tal-ħajja Maltija, kif ukoll dik barranija.[7] Ippreżenta l-istorja, il-kultura u r-reliġjon bl-iktar mod ħafif li hekk l-istudenti setgħu jifhmu. Ma' dan kollu, skont Farrugia: "Din l-antoloġija kellha l-iskop li tgħin lit-tfal jaqraw ix-xogħlijiet letterarji li fiha, u jitgħallmu u japprezzaw l-ilsien nazzjonali."[8] Vella ħalla legat warajh, dak li permezz ta' dawn il-kotba nissel f'ġenerazzjoni ta' poplu mħabba lejn l-ilsien Malti u żerriegħa f'kittieba għal kitba bil-Malti u għal letteratura Maltija.

Għal erbgħin sena, 'Ġabra ta' Ward' baqa' l-ktieb li l-istudenti kellhom għall-qari bil-Malti fl-iskejjel. F'dawk l-40 sena, Malta għaddiet minn bidliet storiċi, imma wkoll l-istorja tad-dinja globali għaddiet minn diversi waqtiet ta' taqlib, fosthom it-Tieni Gwerra Dinija, li taw xejra oħra lid-dinja.

Wara snin ta' diskussjonijiet mill-mexxejja tagħna, mal-Gvern Ingliż, Malta ħadet l-Indipendenza mill-Imperu Britanniku fl-1964. Is-serje 'Ġabra ta' Ward' kien għad fiha kitbiet li jirriflettu l-qagħda ta' Malta qabel l-1964, u dan meta kien hemm edizzjoni ġdida fl-1970. Barra t-tibdil politiku, Malta għaddiet minn tibdil soċjali u tibdil demografiku matul is-snin ħamsin u sittin. Kull tibdil soċjali, li jseħħ minn żmien għal żmien, jgħin biex ikun hemm l-aġġornament meħtieġ fl-ambjent edukattiv. L-għan ta' min qed imexxi jkun li jtejjeb il-livell tal-edukazzjoni.[9]

Fil-fatt matul is-snin sebgħin kienu diversi l-inizjattivi ġodda u innovattivi fil-kamp edukattiv, u li dawn għadhom magħna sal-lum. Fost dawn kienu l-ftuħ bi prova ta' ammont ta' ċentri tal-kindergarten madwar il-gżejjer, li dawn laqgħu

7) Cassar, George - Il-Versatilità fl-Kitba ta' Emmanuel Benjamin Vella

8) Farrugia, Randon - Mill-Ġabra ta' Ward għal Żmienna: Studju Soċjolingwistiku dwar numru ta' kliem magħżul pġ. 1

9) Xuereb, John - Studju, Eżerċizzji u Suġġerimenti mibnija fuq Id-Denfil 2

fihom tfal żgħar sa minn età ta' erba' snin u kif ukoll kienu jilqgħu lil dawk ta' ħames snin.[10] It-tfal li bdew jattendu l-ewwel sena tal-primarja kienu jagħlqu sitt snin.

## Il-mixja għal ktieb ġdid ta' qari

Madankollu nħass il-bżonn li jinbidel il-ktieb 'Ġabra ta' Ward,' li kien ilu erba' diċenji jintuża minn studenti tal-primarja. Skont Grech, is-Sinjorina Agatha Barbara, li kienet Ministru tal-Edukazzjoni, fl-1973 daħlet "għall-isfida li titħejja skema ġdida ta' qari."[11] Il-ħsieb ta' ktieb ġdid bil-Malti f'idejn l-istudenti Maltin kien beda jinħema.

Għal dan il-għan, is-Sur Anthony Depares, li kien Assistent Direttur fil-Ministeru tal-Edukazzjoni, ġie inkarigat biex jaħtar bord,[12] li kien magħmul minn numru ta' Kapijiet tal-Iskola u Assistenti Kapijiet.[13] Dawn kienu magħżula biex f'qasir żmien jaħdmu għal kotba bil-Malti ta' xejra moderna.[14]

Fis-sena 1974, is-serje 'Id-Denfil' kienet mitbugħa u f'idejn l-istudenti tal-primarja. F'din l-ewwel serje kienu sebgħa l-kotba li ħarġu, u li kienu ser ikopru s-sitt snin tal-primarja. Fil-Kelmtejn ta' Qabel, Depares[15] jibda l-messaġġ tiegħu:

> *"Id-Dipartiment tal-Edukazzjoni ħass il-ħtieġa li tinkiteb bil-Malti serje ta' kotba ġodda u moderni għat-tfal Maltin li jattendu l-Iskejjel Primarji. Din is-serje hija magħmula minn kotba li huma miktuba u miġbura minn kapijiet u minn għalliema ta' Skejjel Primarji. Dawn il-*

---

10) Ebejer, E. Agatha-Il-mara tal-Azzar, sks, pg 57

11) Grech, Sergio - Storja Qasira tal-Antoloġija Letterarja fis-Sistema Edukattiva Lokali

12) Fenech, Victor - Il-Ktieb Malti, pġ. 174 – pin2003

13) Depares, A. - Id-Denfil 1974 - Kelmtejn ta' Qabel

14) ibid

15) Ibid

*persuni mhux biss għandhom wisq għal qalbhom it-tagħlim tal-Ilsien Malti – l-ilsien ta' Art twelidna – imma għandhom ukoll esperjenza kbira fit-tagħlim u fil-metodi xjentifiċi tal-qari."*

Permezz ta' din id-daħla għandna informazzjoni dwar l-għan, kif ukoll it-tħejjija, u min kienu l-imħuħ wara dan ix-xogħol bil-lingwa Maltija. Depares ikompli billi jagħti informazzjoni dwar kif ser tkun maqsuma din is-serje. Din is-serje kienet ser tkun maqsuma fi tnejn: bl-ewwel kotba għall-istudenti ż-żgħar li kienu msejħa 'Taż-Żgħar,' 'L-Ewwel Ktieb,' 'L-Ewwel Ktieb - Stejjer,' u 'It-Tieni Ktieb,' u l-oħrajn għal studenti ikbar fil-livell primarju, li kienu 'It-Tielet Ktieb,' 'Ir-Raba' Ktieb' u 'Il-Ħames Ktieb.'

Għall-kotba tal-istudenti ż-żgħar, l-għalliema maħtura kienu Maria Rosa Mifsud, Ġuża Frendo, Maria Muscat u Maria Puli[16) ] waqt li J.J.Camilleri, Pawlu Mifsud u Victor Fenech[17)] [18)]għall-istudenti l-kbar. Kollha kemm huma kienu għalliema jew parti mill-kamp edukattiv. Filwaqt li l-kittieba għall-kotba tat-tfal iż-żgħar kienu kollha nisa, il-kotba tal-istudenti l-kbar kienu kollha rġiel. Permezz ta' din il-kitba ta' Depares għandna dawl rigward li l-kittieba li kienu kontemporanji f'dawk iż-żminijiet taw il-permess tagħhom biex, ix-xogħol tagħhom ikun parti minn din is-serje. Dan kollu kien ser jgħin biex it-tfal Maltin ikollhom ċans jaqraw kitbiet minn Maltin bħalhom, kemm jekk kienet proża imma wkoll il-ħlewwa tal-poeżija Maltija. Flimkien ma' dawn il-kitbiet kien hemm xi stejjer li kienu mis-serje 'Ġabra ta' Ward,' li kienu inklużi f''Id-Denfil.'

Depares jiżżiħajr ukoll lill-għalliem tal-arti, Ġużeppi Mallia, li kien inkarigat mill-għajnuna viżwali fid-Dipartiment tal-Edukazzjoni, li f'qasir żmien għamel

16) ibid

17) ibid

18) Depares jikteb l-isem tagħhom bil-Malti fil-Kelmtejn ta' Qabel, filwaqt l-informazzjoni li ssib fuq it-Title Page tal-ktieb l-ismijiet huma bl-Ingliż.

id-disinji tal-istampi tas-serje kollha ta' 'Id-Denfil.' Mallia kien l-artist ta' diversi kotba li kienu mitbugħa mill-Ministeru tal-Edukazzjoni, fosthom is-serje tas-suġġett tal-Istorja, 'Ġrajjiet Malta.'[19] Depares iżid ir-radd ta' ħajr tiegħu lid-Direttur tad-Dipartiment tal-Istatistika u lill-Uffiċjali tal-Istamperija tal-Gvern,[20] li ħadmu biex din is-serje tkun f'idejn l-istudenti fl-iqsar żmien possibbli. Depares juri l-apprezzament tiegħu lill-Ministru tal-Edukazzjoni u Kultura, is-Sinjorina Agatha Barbara, tal-għajnuna kollha li kien hemm bżonn.[21]

Depares iħeġġeġ lill-għalliema biex jgħallmu permezz ta' dawn il-kotba bil-Malti, kif jgħallmu lingwi oħra, sabiex l-istudenti "jitgħallmu s-sengħa tal-qari bla tbatija, b'interess u b'ħeffa li tassigura l-progress tagħhom mhux biss fl-iskola primarja imma wkoll fis-sekondarja u matul ħajjithom kollha".[22]

Forsi tgħidu għalfejn tajt daqshekk importanza lejn id-daħla ta' Depares li sibt f''Id-Denfil: L-Ewwel Ħarġa,' 1974. L-informazzjoni li kiteb Depares hi imprezzabbli iżda wkoll li, waqt li l-Kelmtejn ta' Qabel tal-Ewwel Ħarġa huma miktuba mill-Assistent Direttur Anthony Depares. Fil-ħarġiet ta' wara naraw tibdil, fejn ikun il-Ministru tal-Edukazzjoni tal-ġurnata li jikteb il-Kelmtejn ta' Qabel, Dr Philip Muscat u Dr Ugo Mifsud Bonniċi. Każ li sibt waqt din ir-riċerka hu li kien hemm ħarġa minnhom li għalkemm hemm il-Kelmtejn ta' Qabel, m'hemmx firma .[23]

---

19) Grech, S. - Storja Qasira tal-Antoloġija Letterarja fis-Sistema Edukattiva Lokali

20) Depares, A. - Id-Denfil: L-Ewwel Ktieb – Stejjer - Kelmtejn ta' Qabel – l-uniku ktieb li sibt li ħareġ fl-1974

21) Ibid

22) Ibid

23) Sibt 'Id-Denfil' tal-Ħarġa tal-1994 li hu bla firma – iżda sibt ukoll kotba tal-istess sena tal-1994, li kienu bil-firma.

## Id-Denfil

Matul it-tlieta u tletin sena li 'Id-Denfil' dam f'idejn l-istudenti, kien hemm diversi edizzjonijiet. Fit-Tieni Ħarġa tal-1981, is-serje kienet ippubblikata kollha f'daqqa, biss fl-1984 insibu li kienu ġew mitbugħa 'Id-Denfil 1,' 'Id-Denfil 2' u 'Id-Denfil 3,' filwaqt li fl-1985 kienu mitbugħa l-kumplament. Donnu li dan l-eżerċizzju kien irrepetut fis-snin ta' wara li s-serje tkun maqsuma u ma ssirx kollha f'daqqa. Il-ħames ħarġa ta' 'Id-Denfil 3' u 'Id-Denfil 4' kienet fl-1994, u donnu dik is-sena hi l-aħħar edizzjoni li ħarġet qabel ma spiċċa minn idejn l-istudenti fl-2007.

Fl-1974, is-serje ta' kotba ta' 'Id-Denfil' kienet mitbugħa fl-Istamperija tal-Gvern flimkien ma' St Paul's Press Ltd., il-Marsa. Kif ktibt iktar 'il fuq, fl-edizzjonijiet differenti, l-istamperija fejn kienu mitbugħa l-kotba kien Interprint, il-Marsa. Jidher li l-aħħar ħarġa ta' 'Id-Denfil' kienet fl-1994. Skont Grech, fl-2007, meta Dr Louis Galea kien il-Ministru tal-Edukazzjoni, 'Id-Denfil' tneħħa u ktieb ieħor kien introdott fis-sistema edukattiva, li kien ippubblikat minn Merlin Publishers.[24)]

Fl-1974, l-istudenti li kienu qed jattendu l-primarja kellhom kotba ġodda bil-Malti li "huma s-sisien li fuqhom tinbena t-triq li twassal it-tfal Maltin biex bħal dawk ta' pajjiżi oħra jitgħallmu jaqraw u jiktbu bi lsien art twelidhom."[25)] Attard iżid jikteb li "kif stqarrew magħna xi għalliema anzjani, il-kotba ta' Id-Denfil imlew vojt kbir li kien ilu jinħass ħafna fl-Iskejjel Primarji."[26)]

Fl-1974 ħarġu seba' kotba li kienu: 'Id-Denfil taż-Żgħar' u 'Id-Denfil 1,' u 'Id-Denfil 1 – Stejjer' u 'Id-Denfil 2.'[27)] Dan il-ktieb 'Id-Denfil 2,' flimkien mat-tlieta l-oħra, kienu għall-ewwel tliet snin tal-primarja. Minn 'Id-Denfil 3' sa 'Id-Denfil 5,'[28)]

---

24) Grech, Sergio - Storja Qasira tal-Antoloġija Letterarja fis-Sistema Edukattiva Lokali

25) Attard, Saviour - Fil-Baħar Mad-Denfil: Studju Morfoloġiku Dwar il-Ktieb Id-Denfil Taż-Żgħar, pġ. 2, 1978

26) Ibid

27) Fenech, Victor - Il-Ktieb Malti, pġ. 174 – pin2003

28) Ibid

l-età tal-istudenti kienet bejn is-seba' snin u l-ħdax-il sena. B'hekk 'Id-Denfil 2' kien għat-tielet sena tal-iskola primarja u 'Id-Denfil 5' kien għas-sitt sena tal-iskola primarja.

L-istampa li kien hemm fuq il-qoxra ta' quddiem ta' kull ktieb ta' din is-serje hi kollha l-istess, dik ta' denfil jaqbeż u li hu mdawwar minn baħar daqsxejn imħarrek fuq sfond oranġjo. Kulma kien hemm differenti minn livell għall-ieħor kien in-numru fiċ-ċirku abjad. In-numru kien jagħmel distinzjoni ta' liema livell hu l-ktieb. Fil-ħarġa ta' 'Id-Denfil' tal-1974, 'Id-Denfil taż-Żgħar,' 'Id-Denfil 1' u 'Id-Denfil 1 – Stejjer,' kienu mitbugħa b'qoxra iebsa (hard bound). Dawn it-tliet kotba huma wkoll mimlija stampi ta' Mallia u l-istampi huma monochrome colouring. F''Id-Denfil Taż-Żgħar,' kull sezzjoni hi monochrome colouring li b'kuluri differenti jagħmel id-distinzjoni bejn sezzjoni u oħra. 'Id-Denfil 1' u 'Id-Denfil 1 – Stejjer,' ukoll huma magħmula b'monochrome colouring. Għalkemm ma kellux qoxra iebsa, 'Id-Denfil 2' kien ukoll mimli stampi li kienu monochrome colouring. Minn 'Id-Denfil 3' sa 'Id-Denfil 5,' l-istampi huma kollha monochrome. Fuq kull tpinġija li hemm f''Id-Denfil' hemm il-firma ta' Mallia. Ma' dan inżid li l-qoxra ta' dawn il-kotba hi ratba  (soft bound).







Fl-1981 ħarġet it-tieni ħarġa ta' 'Id-Denfil.' Din is-serje kienet riveduta wara li kien intbagħat kwestjonarju fl-iskejjel kollha ta' Malta u Għawdex, u b'dak li kien imressaq ħadmu fuq x'kien hemm bżonn li jinbidel, u kif ukoll itejjeb lil din is-serje.[29] Inħatar bord ġdid li kien maħtur mid-Direttur tal-Edukazzjoni, Dr F.X. Chetcuti.[30]

Fost l-affarijiet ġodda f'din is-serje naraw li 'Id-Denfil taż-Żgħar,' 'Id-Denfil 1' u 'Id-Denfil 1 – Stejjer,' spiċċaw u issa kien hemm 'Id-Denfil 1,' li fih kien hemm kitbiet li dehru fil-kotba imsemmija iktar 'il fuq. Mill-1981 'il quddiem, kull sena tal-iskola primarja kien hemm 'Id-Denfil' skont is-sena, b'hekk min kien fl-ewwel sena tal-iskola primarja kellu 'Id-Denfil 1' u min kien fis-sitt sena tal-primarja kellu 'Id-Denfil 6.' Kull ħarġa li baqgħet toħroġ kienet b'dan il-format. Il-qoxra tal-ktieb 'Id-Denfil' mill-1981 'il quddiem kienet ratba, b'hekk tneħħiet li l-ewwel ktieb ikun b'qoxra iebsa.

Maż-żmien kienu diversi l-edukaturi li kienu parti mill-bord u li ħadmu biex 'Id-Denfil' jaġġorna u fejn kien hemm bżonn isir tibdil. Barra li sar tibdil fl-ewwel żewġ kotba ta' 'Id-Denfil' fl-1981, minn 'Id-Denfil 3' sa 'Id-Denfil 6' naraw li għalkemm inżammu l-istess proża u poeżiji, naraw li f''Id-Denfil' saret żieda ta' stejjer u poeżiji bħalma seħħ f''Id-Denfil 6,' jew naraw li jkun sar tibdil fl-istejjer bejn livell u ieħor. Skont Fenech, dan it-tibdil li sar fit-tieni ħarġa tal-1981, sar għaliex kien hemm pressjoni minn Kastilja biex isir aġġornament u tibdil fl-istejjer li kien hemm fil-kotba.[31]

Din is-serje ma kinitx biss magħmula għall-iskejjel tal-Istat, imma wkoll għall-iskejjel tal-Knisja u dawk privati. Skont Ellul, 'Id-Denfil' kien qed jintuża fl-iskejjel tal-Istat u f'xi skejjel privati.[32]

---

29) Kelmtejn ta' Qabel – Dr Philip Muscat, 1981

30) Fenech, Victor, Il-Ktieb Malti – pġ. 174, pin 2003

31) Fenech, Victor, Il-Ktieb Malti – pġ. 174 – pin 2003

32) Ellul, AnnMari - Studju Analitiku tal-Ktieb Id-Denfil 3 bħala Ktieb Tal-Qari, 1989

Is-serje 'Id-Denfil,' kif ktibt iktar 'il fuq, kienet maqsuma fi tnejn: dik għat-tfal iż-żgħar, dawk li kienu jattendu l-ewwel u t-tieni sena tal-iskola primarja, u mit-tielet ktieb sas-sitt ktieb għal studenti ikbar. 'Id-Denfil 1' hu l-uniku ktieb li m'għandux werrej waqt li l-kotba l-oħrajn għandhom. Biss f''Id-Denfil 1,' fuq wara tal-ktieb hemm sezzjoni bi kliem ġodda li l-istudenti ltaqgħu magħhom fis-sezzjonijiet A, B u Ċ. Fl-istejjer ta' dawn it-taqsimiet niltaqgħu mat-tfal li huma l-protagonisti: Ġużi, Rita, Toni u Lina. Fil-ħarġa tal-1974 kienu parti mill-ewwel tliet kotba imma ma jidhrux fil-kumplament ta' 'Id-Denfil.' Hekk it-tkomplija tal-istorja ma seħħitx minn ktieb għall-ieħor, bħalma kien hemm fil-kotba tal-qari bl-Ingliż ta' Peter u Jane, li kienu fl-iskema tal-qari bil-lingwa Ingliża ta' Ladybird. F''Id-Denfil 2' insibu tqassim iktar ċar tas-suġġetti u wkoll introduzzjoni tal-poeżija. Fl-istess ktieb, f'Taqsima D insibu l-ktieb kollu li kien ħareġ fl-1974, 'Id-Denfil 1 – Stejjer.' Fil-fatt il-werrej, li qiegħed fuq wara tal-ktieb, hu l-istess bħal dak li kien hemm fl-imsemmi ktieb.

It-tipa li tintuża fl-ewwel kotba hija kbira u tajba biżżejjed li tgħin lill-istudenti ż-żgħar jaqraw. It-tipa gradwalment tiċkien skont liema livell hu 'Id-Denfil.' It-tipa, flimkien mal-istampi ċari, huma kruċjali biex il-messaġġ ta' dak li hemm miktub jasal għand l-istudenti ż-żgħar.

Kemm fil-ktieb 'Id-Denfil 1' u 'Id-Denfil 2,' li ħarġu mill-1981 'il quddiem, l-istampi li nsibu ma' kull storja huma kollha monochrome colour. Filwaqt minn 'Id-Denfil 3' sa 'Id-Denfil 6' huma monochrome, u dan jaf iwassal biex l-istejjer jidhru monotoni. Kien hemm kritika dwar il-fatt li 'Id-Denfil' baqa' qatt ma kien stampat bi stampi bil-kulur. Dan meta l-istudenti fil-klassi kellhom aċċess għal kotba tal-qari bl-Ingliż li kellhom stampi bil-kulur. Il-kotba bl-istampi tal-kulur, u kif ukoll tipa tajba tal-kitba, jgħinu biex jistimulaw l-immaġinazzjoni tal-istudenti, u anki jgħinu biex jifhmu ċerti kunċetti aħjar. Kien hemm punt kruċjali għalfejn din is-serje qatt ma saret bil-kulur - dak finanzjarju.

Il-bord li kien maħtur għall-ewwel ħarġa tal-1974, u dawk il-membri li kienu fil-bordijiet ta' wara raw b'reqqa kbira l-għażla ta' kitba, li kienet ser tkun ippreżentata u li tkun tajba għal kull livell tal-istudenti, b'lingwa li kienet mitkellma sew minnhom u b'hekk setgħu jaqrawha faċilment. L-esperjenza tagħhom fil-klassijiet u l-għalliema tal-istudenti setgħu jagħrfu l-bżonn ta' dan kollu. Il-vokabularju kien il-fus ta' dan kollu u li ma' kull livell kien introdott kliem ġdid, li seta' jgħin lill-istudenti jħaddmu dan kollu f'suġġetti differenti. Minn 'Id-Denfil 2' sa 'Id-Denfil 6' iddaħħlet antoloġija ta' kitba li tkun tajba għat-tfal u li tkun mifhuma mit-tfal.



Skont Friġġieri, 'antoloġija' hija *"ġabra ta' proża jew poeżija, jew tagħhom flimkien magħmula mill-awtur innifsu jew minn ħaddieħor, aktarx imqassma skont xejriet u forom differenti, ngħidu aħna, skont temi, epoki, stili u l-bqija."*[33] L-edukaturi ħadu ħsieb li jgħaqqdu materjal tajjeb u interessanti skont l-età tat-tfal. B'hekk raw li l-materjal ikollu tagħlima, iżda wkoll li jieħdu gost jaqraw. Ħadu ħsieb li l-kelma 'letteratura' mhux tbegħedhom minnha, imma tolqothom u l-istudenti jaraw is-sabiħ tagħha, dak li tgħinhom fit-tħaddim tal-lingwa. Ħadu ħsieb li l-lingwaġġ użat ikun miftiehem, u bl-għajnuna tal-għalliema fil-klassi, ikabbru l-vokabularju tagħhom. Galea tikteb li "kitba apposta għat-tfal mhix ħaġa ħafifa, anzi tista' tgħid toffri aktar problemi lill-awturi. Il-kittieb huwa diġà bniedem matur u għalhekk forsi hu aktar faċli li jogħġob lill-qarrej adult. Fil-kitba għat-tfal wieħed irid joqgħod attent għax tfal min-natura tagħhom jimpressjonaw ruħhom u għad iridu jiffurmaw il-personalità tagħhom. L-awtur għandu ċerta responsabbiltà lejn it-tfal."[34]

Għalkemm il-kotba li huma fis-serje 'Id-Denfil' huma kollha differenti minn xulxin, f''Id-Denfil' hemm linja fina, li tinsab fil-kotba kollha, dawk l-affarijiet li aħna mdawrin bihom ikunu fil-kotba - l-Istorja, il-Kultura u r-Reliġjon. F'kull ktieb għandek issib stejjer u informazzjoni dwar l-Istorja ta' Malta u dwar Maltin bħalhom, ma' dawn ukoll is-sens ta' mħabba lejn dawn il-gżejjer. Naqraw dwar snajjiet differenti u kif ukoll xogħlijiet differenti li l-Maltin kienu jaħdmu fihom. B'hekk dan il-ħsieb kien iwassalna lejn l-industrija u l-ekonomija li matul dawk iż-żminijiet Malta kienet ħierġa minn ekonomija ta' bażi navali tal-flotta Ingliża għal kamp u swieq ġodda ta' manifattura u kif ukoll ħolqien ta' setturi ġodda. Tagħrif dwar Malta u Għawdex u t-traġitt bejn iż-żewġ gżejjer, ta' tfal Maltin iżuru Għawdex u ta' tfal Għawdxin iżuru Malta, li dan il-kunċett għadu jsir anki llum minn studenti li jattendu kemm skejjel tal-gvern, tal-knisja u dawk indipendenti. F'kull ktieb ser issib stejjer fuq artijiet imbiegħda fejn ħafna Maltin

33) Friggieri, Oliver - Dizzjunarju ta' Termini Letterarji, pġ. 70, (Malta: PEG, 2011)

34) Galea, Elizabeth - Letteratura Maltija għat-Tfal vol. 11: Letteratura u kitba oħra bil-Malti għat-tfal f'xi ġurnali Maltin mis-sena 1946 sal-bidu tas-snin tmenin, pġ. 3, 1985

issa kienu qed joqogħdu u għandhom familja, b'tagħrif dwar dawn l-artijiet. Naraw ukoll il-ħsieb, il-bżonn li nieħdu ħsieb dawn il-gżejjer u ma nħammġux u nżommu madwarna nadif. Dan il-ħsieb kien ikopri fis-sens wiesa' tiegħu. F'kull ktieb għandek issib stejjer dwar siġar u ġonna u l-bżonn li nieħdu ħsieb in-natura. L-imħabba lejn l-annimali u kif nieħdu ħsiebhom. Permezz ta' ħrejjef, niltaqgħu ma' annimali li dawn jibqgħu għeżież għat-tfal. L-annimali li jitkellmu b'diskors li t-tfal jifhmu. L-istess annimali li jafu jagħtu tagħlima u jwasslu valuri tajba fil-ħajja ta' kuljum, u hekk iwasslu tagħlima. It-tfal jempatizzaw mat-tfal li jkunu qed jitħaddtu u hekk jħossuhom parti mill-istorja li jkunu qed jaqraw. Ħafna drabi niltaqgħu mal-ħsieb li nieħdu ħsieb xulxin u naħdmu flimkien. Il-bżonn li nieħdu ħsieb l-ilma li hu riżorsa importanti u ma jkunx hemm ħela.



F'kull ktieb ta' 'Id-Denfil' naraw iċ-ċirku ta' attivitajiet u kif ukoll naraw dwar il-folklor Malti li dawn il-gżejjer huma mogħnija bih. Naraw ċelebrazzjonijiet varji, mill-festa tar-raħal sal-Milied, mill-Karnival sal-festi tal-Għid u l-ikel li jittiekel matul dawn il-festi u ċelebrazzjonijiet. Naraw rispett lejn ir-Reliġjon. Kif kienu mqassma l-istejjer, kif ukoll poeżiji, kienu b'tali mod skont il-kalendarju tas-sena skolastika. Imma wkoll li f'kull 'Id-Denfil' issib l-erba' staġuni, issib l-għajnuna lil ħaddieħor u ssib tagħlima, li anki jekk taqraha llum jaf tagħtik sens tajjeb fil-ħajja ta' adult/adulta. Fuq kollox, kull ktieb kien jgħin biex irawwem fl-istudent l-imħabba lejn il-lingwa Maltija permezz ta' kitbiet mill-isbaħ dwar il-lingwa tagħna.

## Id-Denfil jirrifletti l-ħajja

Matul l-istorja ta' 'Id-Denfil' kien hemm diversi ħarġiet ġodda tas-serje. Naraw li sar aġġornament u li dawn il-kotba jirriflettu dan it-tali tibdil. Naraw aġġornament fil-Malti miktub minn ħarġa għall-oħra.

Biss Malta għaddiet minn proċess politiku u kif ukoll ekonomiku matul is-snin tmenin. It-tneħħija tal-Marriage Bar fl-1980[35] għen biex iktar tfajliet komplew kemm bl-istudji tagħhom fil-livell terzjarju, imma wkoll in-nisa bdew joħorġu jaħdmu anki wara li jkunu żżewġu u kellhom it-tfal. Ir-raġel ma kienx għadu dak li hu biss joħroġ mid-dar għax-xogħol u hu l-bread winner tal-familja, imma issa huma t-tnejn, il-mara u r-raġel. Il-Kummissjoni għall-Avvanz tal-Mara ġibdet l-attenzjoni wara li sar studju rigward il-kotba li kienu użati fl-iskejjel primarji.[36] Fl-1989, il-Kummissjoni għall-Avvanz tal-Mara rat li l-kotba li huma użati fl-iskejjel primarji Maltin qed jibagħtu linji sottili li l-mara hi tajba biss għax-xogħol tad-dar. Anki l-istampi li kien fihom tara diversi drabi r-raġel jaqra gazzetta fuq pultruna u l-mara tnaddaf jew issajjar. L-imsemmi studju jinnota li fil-kotba li huma ppreżentati bil-lingwa Maltija qed jibagħtu messaġġi żbaljati. Dan jikkonsisti li l-ħajja pubblika hija r-renju tar-raġel. L-irġiel biss jintwerew f'pożizzjonijiet ta' importanza jew f'xogħol prestiġjuż. L-irġiel huma dejjem ippreżentati weħidhom fir-rwoli ta' tobba, dentisti, pulizija, bejjiegħa, negozjanti u saħansitra bħala surmastrijiet u għalliema. Għall-kuntrarju, l-uniku rwol tal-mara huwa dak biex tieħu ħsieb id-dar u l-familja biss.[37]

---

35) Il-Marriage bar kienet li maż-żwieġ mara tieqaf taħdem u b'hekk kienet ixxekkel lill-mara milli tkompli taħdem wara li tkun iżżewġet

36) Grech, D. (1997). Analiżi u klassifikazzjoni tat-temi fit-testi Maltin għat-tfal tal-primarja pġ. 26

37) Ibid pġ. 30

Marbut ma' dan il-punt għażilt li nara l-ktieb 'Id-Denfil 4' tal-ħarġa tal-1985 u l-ħarġa tal-1994 u għażilt dawn l-istejjer:

Storja Numru 38 – L-Indafa fit-Toroq

Storja Numru 52 – Jum l-Omm

Storja Numru 57 – Pajjiż Wieħed Familja Waħda

**L-Indafa fit-Toroq** - għandna żewġ persuni: Ċikku l-kennies u s-Sur Remiġ li qed jitkellmu rigward li kulħadd jarmi barra u l-ħmieġ fit-toroq. Fid-djalogu bejn iż-żewġt irġiel, is-Sur Remiġ jgħid: "Dan nuqqas ta' edukazzjoni, Ċikk. Min hu edukat iżomm it-toroq indaf bħalma jżomm daru nadifa." L-istampa ma' din l-istorja tal-ktieb li ħareġ fl-1985 jidhru żewġ irġiel jitkellmu, biss minn gallarija tidher mara qed titfa' flixkun għal barra. Fil-ktieb li ħareġ fl-1994 jidhru l-irġiel imma l-mara ma tidhirx.

Hekk qed naraw li sar aġġornament bl-eliminazzjoni tal-mara mill-istampa, u l-ħmieġ jista' jagħmlu kulħadd. Biss hekk qed naraw kemm dak li kien qed jgħid is-sur Ċikk kien qed jindika għan-nisa li jnaddfu d-dar, u jħammġu barra.

**F'Jum l-Omm** hi kitba ta' Joseph Sciberras. Din l-istorja hi meħuda minn 'Ġabra ta' Ward.' Din il-kitba hi dwar l-omm. Fil-ktieb li ħareġ fl-1994 hemm din in-nota miktuba b'tipa rqiqa li tgħid hekk: "Din is-silta ilha li nkitbet żmien. Illum il-qagħda tal-mara fil-ħajja ta' madwarna hi differenti. Ħafna nisa joħorġu jaħdmu u qed jidħlu f'għadd ta' professjonijiet. L-għajnuna fit-trobbija tal-ulied u l-kura fid-dar tingħata wkoll mill-missier. Iżda xorta jibqa' r-rispett li għandu jkun hemm lejn l-omm."

B'hekk sar aġġornament f'dan il-kuntest,



Il-*pulizija* jżomm l-ordni u jara li ħadd ma jikser il-liġi tal-pajjiż. It-*tabib* jieħu ħsieb saħħitna; il-*kennies* iżomm il-pajjiż nadif; il-*qassis* jieħu ħsieb ruħna u jmexxina fit-triq it-tajba li twassalna għal-ħajja ta' dejjem.



Art twelidna għandha bżonn kulħadd, u kull xogħol hu meħtieġ daqs kull xogħol ieħor. Aħna t-tfal ukoll nistgħu nkunu ċittadini tajba jekk nagħmlu x-xogħol tagħna sewwa.

Irridu mmorru l-iskola fil-ħin, noqogħdu attenti, nistudjaw u nagħmlu l-*homework*. Irridu nkunu kwieti u ma ndejqux lil ħaddieħor bi storbju żejjed. Irridu nkunu ndaf u nżommu l-indafa madwarna.



Fuq kollox, irridu nħobbu u nobdu lill-ġenituri tagħna, u ngħinuhom kull fejn nistgħu. Il-ġenituri tagħna qegħdin flok Alla. Huma jmexxuna fit-triq tas-sewwa u lesti li jagħmlu kollox għalina. Jagħmel ħażin ħafna min ma jismax minnhom u ma jagħtihomx il-ġieħ li jistħoqqilhom.

ROGANTINO GAMBIN



## Taqsima D

# Ejjew naqraw storja





## Il-Ħmar

Ħmar kien imur kuljum lejn il-belt.
Kien iġorr żewġ kaxxi tqal bil-melħ.



**Pajjiż Wieħed Familja Waħda.** F'din il-kitba naraw tibdil kemm fl-istampa kif ukoll fil-kitba. Fil-ktieb li ħareġ fl-1985, hemm miktub hekk: Il-pulizija jżomm l-ordni u jara li ħadd ma jikser il-liġi tal-pajjiż. It-tabib jieħu ħsieb saħħitna. Il-kennies iżomm il-pajjiż nadif. Il-qassis jieħu ħsieb ruħna u jmexxina fit-triq it-tajba li twassalna għall-Ħajja ta' Dejjem. L-istampa li hemm ma' din il-kitba hi ta' rġiel biss fix-xogħol jew il-missjoni tagħhom. Fil-ktieb li ħareġ fl-1994, barra din il-kitba li ktibt fuq, hemm din is-sentenza miżjuda: "Daż-żmien tara ħafna nisa jaħdmu kullimkien, bi wħud, barra għalliema jilħqu tobba, avukati u inġiniera." L-istampa tbiddlet u kienu inklużi u b'hekk miżjuda ma' dawk li diġà kien hemm nisa f'xogħlijiet differenti u hekk issa huma flimkien mal-irġiel..

F'dawn l-eżempji rajna kif stejjer jew stampi setgħu jagħtu messaġġi lit-tfal f'dawn il-kotba. Iżda hekk rajna wkoll minn dawn l-eżempji li 'Id-Denfil' kien qed jaġġorna maż-żminijiet li din is-soċjetà kienet qed tinbidel. Barra dawn il-kunċetti, iktar ma beda jgħaddi ż-żmien, iktar kien hemm bżonn ta' aġġornament. L-istampi f''Id-Denfil' kienu juru nies ta' karnaġġjon abjad u ma sar qatt aġġornament dwar dan li jkun hemm tibdil fil-karnaġġjon. Kien hemm stejjer li jidhru nies qed ipejpju meta kienet għaddejja kampanja kbira kontra t-tipjip u dwar il-ħsara li dan jagħmel lill-bniedem. Punt ieħor kien li kulħadd imur il-festa jew li jmur il-knisja u attivitajiet reliġjużi, meta nafu li dan il-poplu ilu jara tibdiliet. Punt ieħor kien li l-familja li nafu evolviet matul is-snin. Ma' dan hemm id-dħul tat-teknoloġija u l-informatika li kienu nieqsa fil-kotba. Is-serje 'Id-Denfil' baqgħet tintuża sas-sena skolastika 2006-2007.

Illum għaddew ħamsin sena minn meta feġġ 'Id-Denfil.' Ftit kienu l-kitbiet jew ir-riċerki dwar din is-serje ta' kotba li għal tlieta u tletin sena kienu parti mill-istorja edukattiva Maltija u ġenerazzjoni sħiħa użaw dawn il-kotba. Il-ftit kitbiet dwarhom saru minn studenti li kienu qed jistudjaw l-Università ta' Malta biex isiru għalliema, u dawn kienu miktuba lejn l-aħħar tas-snin sebgħin u bidu tas-snin tmenin. Ħafna minnhom studjaw l-ewwel ħarġa ta' 'Id-Denfil' tal-1974 u t-tieni ħarġa tal-1981. It-teżijiet li kienu sottomessi għamlu studju kif dan il-ktieb

bħala għodda hu tajjeb u li bi ftit għajnuna, bħal pereżempju żieda ta' kotba bl-eżerċizzji, bħalma kienu tal-iskema tal-Ingliż, jaf seta' jkun aħjar biex jgħin lill-istudenti fl-istudju tagħhom tal-Malti. Fl-istudji tagħhom għarfu li seta' kien hemm post li jista' jitjieb 'Id-Denfil' u fejn seta' kien hemm nuqqas taw il-parir tagħhom. Apparti dawn it-teżijiet kważi ma ssib xejn ħlief forsi xi aċċenn b'xi sentenza jew tnejn f'xi ktieb jew f'xi artiklu.

Sadanittant tara kif 'Id-Denfil' baqa' fil-memorja riċenti meta fis-17 ta' Frar 2023, il-kumpanija Maltapost ħarġet żewġ bolli, waħda ta' €0.37 bil-qoxra tal-ktieb 'Id-Denfil' u oħra bil-qoxra ta' ktieb 'Il-Ġojjin'[38] ta' €3.00.[39] Fi stqarrija għall-istampa, il-kumpanija kitbet hekk: "Ġenerazzjoni sħiħa ta' tfal tal-iskola Maltin esperjenzaw din il-maġija permezz ta' żewg pubblikazzjonijiet lokali maħbubin ħafna minn kullħadd - "Id-Denfil" u "Il-Ġojjin." Illum, ħafna adulti għadhom jgħożżu memorji sbieħ ta' dawn il-kotba ikoniċi Maltin li tant qraw matul is-snin skolastiċi bikrin tagħhom."[40]







38) Cutajar, Tony. C. - Is-serje 'Il-Ġojjin' maħruġ għall-ewwel darba fl-1984

39) https://www.maltapost.com/news-details?id=6324

40) ibid

Kumpanija privata, f'dawn l-aħħar snin ipproduċiet l-istampa ta' quddiem tal-kotba 'Id-Denfil' f'poster. Huma kitbu hekk ma' dan il-poster li hu forma ta' souvenir: "Just looking at this book cover sends us right back to school, as this was the literature book we all consumed in Maltese schools. The dolphin jumping out of the sea is instantly recognisable, and that bright orange is imprinted into our minds. This book is a literal cult hero of Maltese childhoods and school times."[41)]

Matul l-aħħar xhur rajna wkoll ammont żgħir ta' stejjer li kienu jagħmlu parti mis-serje 'Id-Denfil,' li saru f'forma ta' cartoon animat, b'lingwaġġ li hu politikament korrett u li jħaddan is-soċjetà fil-wesgħa tagħha. Kull vidjow ta' animazzjoni hu ppreżentat b'sottotitoli bil-Malti li jixegħlu meta jkun qed isir il-qari waqt l-animazzjoni. Dan il-proġett kellu s-sapport tal-Arts Council Malta (Kultura TV).[42)]

41) https://www.souvenirsthatdontsuck.mt/shop?&search=denfil

42) https://www.gwida.mt/mt/bil-filmat-serje-qasira-ta-cartoons-tal-istejjer-popolari-minn-id-denfil---dalwaqt

**Għeluq**

Għal ħafna, is-serje 'Id-Denfil' taf tnissel nostalġija, għal oħrajn jaf tkun memorja kollettiva. Minn żmien għal żmien tara kitbiet fuq il-midja soċjali rigward dawn il-kotba u dwar xi storja jew oħra li kienu parti minn dawn il-kotba. Illum għadek issib xi ktieb ta' 'Id-Denfil' f'xi ħanut li jkun ibigħ l-antikitajiet jew xi bażar. Għadek issib nies jistaqsu lil-librar għalihom, u li dawn issa saru kotba għar-riċerka u mhux biex jissellfu lill-pubbliku. Dan għaliex il-Malti miktub m'għadux l-istess bħal dak li niktbu bih illum skont id-Deċiżjonijiet. Iżda, għadek issib nies jistaqsu jekk għadx xi darba jerġax ikun hemm ħarġa oħra ta' din is-serje 'Id-Denfil'.

Illum għaddew ħamsin sena mill-1974, minn meta 'Id-Denfil' beda jintuża mill-istudenti Maltin li kienu jattendu l-iskola primarja, u li kellhom bħala ktieb tal-qari bil-Malti.

Ħamsin sena għaddew mill-Ewwel Ħarġa ta' 'Id-Denfil,' għal ħafna hu memorja sabiħa u għal oħrajn jaf hu monotonija, għal ħafna hu qari bl-amment u għal oħrajn sens ta' għarfien... għalija kien il-ktieb li nista' nistqarr li għeni biex nibda naqra waħdi, bla għajnuna ta' ħadd. 'Id-Denfil,' bil-mod mexxej tiegħu, minn suġġett għal ieħor nissel fija mħabba lejn il-ktieb, imma wkoll l-indipendenza li naqra u nesplora s-sabiħ tal-ktieb... is-sabiħ tal-qari.

# TIEQA FUQ IS-SERVIZZ TAS-SAĦĦA F'MALTA

Neil Spiteri

Minħabba l-pożizzjoni strateġika ta' pajjiżna f'nofs il-baħar Mediterran, u minħabba s-sehem li tajna f'numru ta' gwerer, Malta minn dejjem kienet meqjusa bħala infermiera, u s-servizzi tas-saħħa offruti f'pajjiżna kienu fost l-aqwa ta' kull perjodu.

Kieku wieħed kellu jistaqsi għal xiex jinqalgħu l-iktar il-Maltin, żgur li tissemma l-ospitalità. Ħafna nies jassoċjaw l-ospitalità biss mal-lukandi, restoranti, u turisti, u ninsew li intrinsikament l-ospitalità tirrigwardja wkoll is-saħħa.

Fil-preżent insibu total ta' 10,718-il ħaddiem relatat mas-saħħa fil-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva.[1] Dan huwa numru sostanzjali ħafna li juri kemm is-saħħa (u magħha l-edukazzjoni) dejjem ingħatat prijorità mill-amministrazzjoni pubblika. B'hekk insibu li iktar minn kwart tal-ħaddiema tal-Gvern jaħdmu f'xogħol relatat mas-saħħa. Fost il-karigi l-aktar b'saħħithom insibu 'l fuq minn 3400 infermier u 'l fuq minn 600 tabib u konsulent.



1) Minn tagħrif intern miksub mill-People & Standards Division fi ħdan is-Servizz Pubbliku (OPM)

Hemm varjetà sħiħa ta' professjonijiet fil-qasam tas-saħħa. Dawn ivarjaw minn professjonijiet bħal infermiera, tobba ta' diversi speċjalizzazzjonijiet, qwiebel, spiżjara, dentisti, allied health professionals minn 20 qasam differenti bħal fiżjoterapija, radjografija, diversi xjenzati u terapisti, Environmental Health practitioners u carers, sa karigi mhux daqshekk li se tassoċjahom direttament mal-mestier. Pereżempju, fil-lista nsibu li hemm impjegati reliġjużi, kokijiet, barbiera, tekniċi tad-dikontaminazzjoni, ġardinara, deffiena, attendants fil-kamra mortwarja u librara. Kunċett ġdid li ġie introdott dan l-aħħar huwa dak tan-navigatur tal-kanċer fejn pazjenti morda jingħataw persuna li permezz tagħha jinnavigaw is-servizzi meħtieġa.

Ta' min jgħid ukoll li rridu noqogħdu b'seba' għajnejn meta niġu biex nikkwotaw l-istatistika. Dan għaliex l-impjiegi mediċi ma jeżistux biss taħt il-kappa tal-awtoritajiet tas-saħħa u l-anzjanità attiva. Insibu numru żgħir ta' tobba u infermiera li jaħdmu f'istituzzjonijiet oħra taħt ministeri oħra bħal fil-każ tal-faċilità korrettiva ta' Kordin, Sedqa eċċ.

Sal-1998, kien hawn 1156 infermiera f'pajjiżna[2] filwaqt li sal-2005 dawn telgħu għal 1918.[3]



2) Mistoqsija Parlamentari 2397 tad-disa' leġiżlatura datata 9 ta' Diċembru 1998 - https://pq.gov.mt/PQWeb.nsf/7561f7daddf0609ac1257d1800311f18/195d5d68e79680e8c1256e8d00331c7c!OpenDocument

3) Mistoqsija Parlamentari 13127 tal-għaxar leġiżlatura datata 11 ta' Lulju 2005 - https://pq.gov.mt/PQWeb.nsf/7561f7daddf0609ac1257d1800311f18/c1256e7b003e1c2dc1257034003ba00b!OpenDocument

Il-portafoll tas-saħħa sa minn żmien ilu kienet abbinata wkoll mal-Ministeru responsabbli tal-ambjent. F'waħda mill-ħarġiet tal-fuljett "Il-Gżejjer"[4] ġie rrappurtat li "d-Dipartiment tas-Saħħa u tal-Ambjent jixtieq għal darba oħra jiġbed l-attenzjoni tal-pubbliku għall-isforzi ripetuti tiegħu biex Malta tinżamm nadifa. Għal dan il-għan il-koperazzjoni tal-pubbliku ġiet ripetutament mitluba fl-imgħoddi." L-istess avviż jgħid li din il-koperazzjoni mhux dejjem tingħata u dak iż-żmien kien hemm l-użanza illegali li l-iskart u żibel jiġu mormija illegalment f'toroq ewlenin, fi bliet u rħula, u f'postijiet oħra. L-avviż iwissi li dan l-abbuż huwa kundannabbli u flimkien mal-Pulizija, id-Dipartiment, permezz tal-ispetturi sanitarji, se jieħu passi qawwija biex tiġi infurzata l-liġi u dawk li jiksru l-liġi jiġu mħarrka. Qisu dan suġġett li dejjem hu topiku u baqa' jgħodd sal-lum!

L-istorja tal-infermiera barranin li tant qed toħloq diskussjonijiet illum, mhi lanqas xi ħaġa ġdida hekk kif storikament dejjem kien hawn bżonn ta' iktar u iktar infermiera milli kienu qed jilħqu. Fis-sena 2000 ġa kienu qed jiġu rappurtati infermiera barranin mal-Gvern. F'dak iż-żmien kien hemm 41 infermier barrani fosthom mir-Renju Unit, l-Albanija, in-Niġerja, il-Jugoslavja, l-Indja, il-Pakistan, il-Filippini u l-Bulgarija.[5]

Il-problema ta' nuqqas ta' infermiera kienet endemika hekk kif fl-2008 ġie dokumentat illi fl-isptar Mater Dei biss kien hemm bżonn ta' 140 infermier addizzjonali biex jintlaħaq il-complement kollu u biex l-isptar jaħdem fl-ogħla livell ta' effiċjenza.[6]

---

4) Fuljett, "Il-Gżejjer," Ġunju 1977, Dipartiment tal-Informazzjoni

5) Mistoqsija Parlamentari 15961 tad-disa' leġiżlatura datata 16 ta' Mejju 2000 - https://pq.gov.mt/PQWeb.nsf/7561f7daddf0609ac1257d1800311f18/3ba60574b43cf06ec1256e8d003459f9!OpenDocument

6) Mistoqsija Parlamentari 4152 tal-11-il leġiżlatura datata 21 ta' Jannar 2008 - https://pq.gov.mt/PQWeb.nsf/7561f7daddf0609ac1257d1800311f18/c1256e7b003e1c2dc125750f003520ef!OpenDocument

Min-naħa l-oħra, sal-2011, ġie identifikat li skont eżerċizzju ta' capacity building, il-pajjiż kellu vakanza ta' 253 tabib u 96 paramediku.[7)]

Storikament, in-numru ta' infermiera impjegati mas-Servizz Pubbliku dejjem baqa' jiżdied minn sena għal sena ħlief xi eċċezzjonijiet żgħar u din xi ħaġa li tinftiehem la l-popolazzjoni żdiedet ukoll. L-istess għall-qwiebel. Mhux biss żdiedet il-popolazzjoni, iżda żdiedu wkoll is-servizzi anke f'postijiet differenti u mhux biss fl-isptarijiet. U hekk għandu jkun.

Fis-sena 2021 ġie rilevat illi fil-faċilità korrettiva ta' Kordin hemm 12-il professjonist mediku, tmien professjonisti oħra u anke dentist.[8)]

Fil-ġurnal maħruġ fl-2019[9)] fl-okkażjoni tal-għoxrin anniversarju mit-twaqqif tal-Malta Association of Public Health Medicine, intqal li bejn l-2009 u l-2017, in-numru ta' professjonisti jaħdmu fil-qasam tas-saħħa pubblika żdied b'67%. Filwaqt li bejn l-2016 u l-2018, in-numru ta' Allied Health Professionals żdied b'26%. L-awturi, Amanda Bugeja, Beatrice Farrugia u Kenneth Grech jattribwixxu dan għall-avvanzi teknoloġiċi, reazzjoni għal ħtieġa ta' servizzi ġodda, speċjalizzazzjoni u ftehimiet kollettivi mal-unions.

L-istess awturi jfakkru li Malta kellha braindrain qawwi ta' tobba bejn l-2006 u l-2009 li kienu jmorru jistudjaw barra. Dan wassal għat-twaqqif tal-Foundation School u tal-Malta Post Graduate Medical Training Centre kif ukoll għal kollaborazzjoni ma' istituti edukattivi barranin. Dan l-istudju sab ukoll illi normalment madwar 507 pazjenti jintbagħtu barra minn Malta għal trattament li ma jistax isir Malta. Sakemm sar dan l-istudju, dan in-numru beda nieżel peress li s-servizz u t-taħriġ f'Malta tjieb.

7) Mistoqsija Parlamentari 22993 tal-11-il leġiżlatura datata 8 ta' Marzu 2011 - https://pq.gov.mt/PQWeb.nsf/7561f7daddf0609ac1257d1800311f18/c1256e7b003e1c2dc1257826004b1e08!OpenDocument

8) Mistoqsija Parlamentari 19405 tat-13-il leġiżlatura datata fi 3 ta' Marzu 2021 - https://pq.gov.mt/PQWeb.nsf/7561f7daddf0609ac1257d1800311f18/c1257d2e0046dfa1c125868d00513d54!OpenDocument

9) Public Health in Malta 1999-2019 20th Anniversary Edition, 'Development of Health Services in Malta: Past, present and future' – Amanda Bugeja, Beatrice Farrugia, Kenneth Grech, edizzjoni PDF online

## Prevenzjoni

Fost ix-xogħol siewi li jagħmlu l-uffiċjali tas-saħħa nsibu x-xogħol relatat ma' prevenzjoni tal-mard. Ovvjament mhux kull tip ta' mard tista' tevitah imma hemm mard li bi ftit attenzjoni tista' tevita li jaqbdek. Waħda mill-battalji missielta f'dawn l-aħħar diċenji kienet il-ġlieda kontra l-użu tat-tabakk. F'dan il-każ insibu kemm emendi fil-liġijiet biex dawn jibqgħu jżommu l-pass mal-industrija tat-tabakk, kif ukoll reklamar u kampanji pubbliċitarji u servizzi biex jgħinu lil min ipejjep biex jeħles mill-vizzju tat-tipjip.

Fl-4 ta' Diċembru 1976,[10)] ġie rappurtat li ġiet imnedija kampanja edukattiva dwar l-effetti negattivi li jħalli t-tabakk fuq il-bniedem. Il-kampanja kienet inizjattiva ta' żewġ ministri ta' dak iż-żmien, Dr Ċensu Moran (Saħħa) u Dr Philip Muscat (Edukazzjoni) u ġiet varata mis-Segretarju Permanenti tal-Edukazzjoni, is-Sur Paul Naudi. Is-Sur Naudi, f'konferenza stampa, kien qal li qed jitwaqqaf kumitat konġunt bejn id-dipartimenti tas-saħħa u tal-edukazzjoni u ġiet iffissata ġimgħa kontra t-tabakk bejn is-6 u t-12 ta' Diċembru 1976.

Ir-rapport ta' The Times of Malta jkompli jgħid li l-għan ta' din il-kampanja kien li jħeġġeġ lit-tfal u żgħażagħ ma jaqbdux dan il-vizzju. Is-Sur Naudi ħabbar kampanja edukattiva fuq numru ta' programmi televiżivi u fuq ir-radju. Huwa għamel appell speċjali lill-għalliema u lill-ġenituri biex jekk ipejpu, ma jagħmlux dan quddiem uliedhom.



ANTI-SMOKING DRIVE LAUNCHED

Mr P. Naudi, Permanent Secretary at the Ministry of Education, launched an anti-smoking campaign during a press conference at the Ministry, yesterday. The campaign is being carried out on the initiative of two Ministers, Dr. Ph. Muscat, Minister of Education, and Dr. V. Moran, Minister of Health and Environment.

Mr. Naudi said a committee composed of representatives of the two Ministries and other Government departments had been formed to carry out the campaign.

An anti-smoking week is being held between December 6 and 12 as part of the campaign. This includes several programmes and discussions on Television Malta, Cable Radio and Radio, all dealing with the habit of smoking.

The campaign is aimed at preventing children from taking up smoking and at being a measure of self-discipline for smokers who will be made aware of the health hazard of smoking.

Mr. Naudi made a special appeal to parents and teachers who smoked in front of children in homes and schools. He said that, where possible, these should not smoke in the presence of children to eliminate the danger of the young taking up the habit. The campaign committee had asked for the cooperation fo the Malta Union of Teachers to help in this matter.

**Young girl smokers**

Dr. L. Vassallo, the representative of the Ministry of Health and Environment on the campaign committee, said that a survey on smoking among the general public, especially among children, was being carried out and results would coincide with the anti-smoking week. He said that the first impressions of the survey on smoking among children in schools, especially among girls, were very alarming as the number of smokers was much greater than was expected.

The Department of Health through this campaign is asking the general public to avoid smoking in certain public places especially on buses and in cinemas. Cigarette vendors are also asked to cooperate by refusing to sell cigarettes to children under the age of 16.

Attending the press conference were Mr. Alfred Zammit Montebello, School Psychologist, Mr. P. Galea, Education Officer in charge of youth, and Mr. M. Serracino Inglott, chairman of the campaign.

---

10) Times of Malta, is-Sibt 4 ta' Diċembru 1976, f'paġna 15

Min-naħa tar-rappreżentant tal-Ministeru tas-Saħħa, Dr L. Vassallo, dan kien qal li qed isir survey dwar it-tipjip fost it-tfal u b'allarm qal li l-ewwel riżultati kienu jindikaw numri kbar ta' bniet ipejpu. Permezz ta' din il-kampanja, id-Dipartiment kien qed iħeġġeġ lil min ipejjep biex ma jpejjipx f'postijiet pubbliċi bħal fuq il-karozzi tal-linja u fiċ-ċinema, u appella lill-bejjiegħa tat-tabakk biex ma jbigħux tabakk lil min kellu inqas minn 16-il sena.

F'artiklu ta' faċċata li kien deher fil-fuljett tad-Dipartiment tal-Informazzjoni "Il-Gżejjer,"[11] artiklu skjett ħafna - "Il-Perikli tas-Sigaretti," jissemma kif is-sigaretti, apparti ħsara finanzjarja, jagħmlu ħsara fiżika. L-awtur jgħid li ma jistax isemmi l-mard kollu relatat mat-tipjip imma semma l-mard tal-qalb fosthom l-anġina, il-bronkite kronika u l-kanċer tal-bronki jew tal-pulmun. L-awtur jagħlaq billi jikteb – "Diġà ttieħdu passi. Ir-reklami fuq it-television inqatgħu. It-tipjip fil-karozzi tal-linja u fiċ-ċinema sar ipprojbit. Saru wkoll kampanji u propaganda biex il-poplu jirrealizza l-periklu tas-sigaretti."

Iżda sabiex l-isforzi kontra l-użu estensiv tat-tabakk jibdew jieħdu aktar ħajja, anke bis-saħħa li tagħti l-liġi, dawn seħħew f'Diċembru tal-1986 meta ġiet ippubblikata l-liġi dwar il-kontroll tat-tabakk. Din il-liġi kienet tipprojbixxi l-użu tat-tabakk fuq it-trasport pubbliku, fiċ-ċinema, fit-teatri, fl-isptarijiet, fl-istudios televiżivi u fl-iskejjel. F'dan kollu kellhom sehem sħiħ l-uffiċjali pubbliċi taħt il-gwida tas-Supretendent tas-Saħħa Pubblika, li kellu l-għan joffri l-għajnuna kollha lill-Gvern biex jiġġieled l-indifferenza pubblika fuq is-suġġett, speċjalment fi żmien fejn l-użu tat-tabakk kien moda. Għan ieħor tas-Supretendenza kien illi jiġu indirizzati l-forzi ekonomiċi tal-industrija tat-tabakk b'leġiżlazzjoni u regolamentar.

11) "Il-Gżejjer," Jannar 1977, Dipartiment tal-Informazzjoni

# Il-Perikli tas-Sigaretti

**IS-SIGARETTI huma attrazzjoni qawwija għal ħafna nies li huma maħkuma minn dan il-vizzju — irrid insejjaħlu vizzju u mhux sempliċi drawwa, għaliex kif ser naraw aktar tard, għalkemm it-tipjip jista' jservi temporanjament ta' sollievo jew ta' passatemp, b'danakollu jkun qed jesponi lill-individwu konċernat f'perikolu serju f'dak li jirrigwarda s-saħħa tal-bniedem.**

Il-vizzju tat-tipjip jista' jibda b'diversi modi — bħal ngħidu aħna, wieħed ipejjep għax irid ikompli fis-soċjetà u ma jridx jidher differenti minn ħaddieħor. Hawn min ipejjep biex igħaddi ż-żmien jew għax igħid li jtaffi n-nervi. Fiż-żgħażagħ imbagħad għandna sitwazzjoni oħra — ħafna żgħażagħ ta' minn għaxra sa erbatax-il sena jaraw (sfortunatament ħażin) is-sigaretti bħala simbolu ta' rġulija — jekk huma jpejjpu allura m'għadhomx tfal, iżda saru rġiel minn lejn għan-nhar. Ma jirrealizzawx illi ser jaqbdu drawwa li aktar tard ser isibuha diffiċli li jaqtgħu.

## IL-ĦSARA GĦAS-SAĦĦA

Miniex ser nitkellem fuq il-problemi finanzjarji — għalkemm dawn ukoll jistgħu jkollhom riflezzjoni fuq s-saħħa għax jekk bniedem irid jonfoq ċertu flus kuljum għas-sigaretti jrid inaqqashom mill-flus tal-ħajja għalih u għall-familja tiegħu. Sejjer niddiskuti biss xi ħsara jistgħu jagħmlu s-sigaretti fuq is-saħħa tal-bniedem. Ma nistax insemmi l-mard kollu, imma sejjer nillimita ruħi għal tliet mardiet serji: —

## IL-MARD TAL-QALB

Huwa fatt, illi min ipejjep għandu aktar ċans li jimrad bl-"anġina" jew trombosi ta' l-arterji tal-qalb. Ir-riskju ta' min ipejjep huwa d-doppju. Dan ma jfissirx li s-sigaretti waħedhom huma l-kawża — però huwa ċert illi huma jikkontribwixxu għal dan il-mard. In-numru ta' każi ta' din il-kwalità talmard qed jikber ġmielu u nistgħu ngħidu li laħaq proporzjonijiet bħal meta nsemmu l-epidemja. Għandna nagħmlu kuraġġ però, mill-fatt li hemm xhieda li jekk wieħed jieqaf ipejjep ikun qed inaqqas ir-riskju li jmut b'din il-marda. Però jinħtieġ li jieqaf qabel ma jkun tard wisq.

## IL-BRONKITE KRONIKA

Aktar ma wieħed ipejjep, aktar wieħed ikun qed jirrita l-bronki u l-pulmuni. M'hemm ebda dubbju li s-sigaretti jirritaw. Aktar tard, wieħed jibda jbati minn sogħla kera (speċjalment fil-għodu) qtiegħ ta' nifs u katarru. Is-sogħla tista' tkun inkrepattiva ħafna u tħallik sfinit. Meta l-marda tidħol 'il ġewwa ħafna, taffettwa anke l-pulmuni (emfizema) u jkun hemm ukoll "ażżma". Aktar tard tbati ukoll il-qalb. Ta' min jinnota illi l-ħsara li jagħmlu s-sigaretti f'dan ir-rispett hija irriversibbli.

## IL-KANĊER TAL-BRONKI JEW TAL-PULMUN

Din il-marda fatali, qegħda kull ma tmur tiżdied. M'hemm ebda dubbju li s-sigaretti jistgħu jġibu kanċer. It-tobba rnexxielhom jidentifikaw sustanza li tinsab fis-sigaretti li tista' tikkaġuna l-kanċer. Huwa veru li hemm forma a' dan il-kanċer tal-pulmuni li tista' taffettwa lil min ma jpejjipx, però dawn il-każi huma minoranza żgħira ħdejn il-maġġoranza tal-każi. L-irġiel huma ferm iktar suxxettibbli, però mindu n-nisa saru jpejpu wkoll, id-differenza bejn l-irġiel u n-nisa qegħda kull ma tmur tonqos.

## X'JISTA' JSIR

Diġà ttieħdu passi. Ir-reklami tas-sigaretti minn fuq it-television inqatgħu. It-tipjip fil-karozzi tal-linja u fi-cinemas sar ipprojbit. Saru wkoll kampanji u propaganda biex il-poplu jirrealizza l-perikolu tas-sigaretti.



Fost l-inizjattivi interessanti li saru mid-Direttorat tal-Promozzjoni tas-Saħħa u Prevenzjoni tal-Mard, kien hemm il-pubblikazzjoni u tqassim ta' fuljetti, kif ukoll banners fit-toroq. Twaqqfu kliniċi apposta u Malta ssieħbet ukoll fil-kompetizzjoni "Quit and Win," li kienet timmotiva nies li jpejpu biex jieqfu jagħmlu dan u fl-istess ħin jieħdu sehem f'kompetizzjoni. Fost oħrajn, bħala premjijiet kienu jingħataw karozzi, cruises, holiday breaks u flus.[12)]

Ir-regolamenti kontra t-tipjip, li kienu ġew ippubblikati fl-1986, ġew emendati b'numri ta' avviżi legali li komplew jagħmluha dejjem aktar projbittiva li tpejjep biex jipproteġu s-saħħa pubblika. Wara dibattiti u kontroversji, f'April tal-2004 daħlet leġiżlazzjoni li biha ma setax isir iktar tipjip f'postijiet kummerċjali. Il-General Retailers and Traders Union u l-Malta Hotels and Restaurant Association garrew li ma kinux konsultati biżżejjed. Malta kienet pijuniera f'dan il-qasam hekk kif saret it-tieni pajjiż fl-Unjoni Ewropea wara l-Irlanda b'leġiżlazzjoni ta' dan it-tip. Fl-2016, għadda wkoll l-avviż legali 386 li għamilha illegali li xi ħadd ipejjep f'karozzi privati li jkollhom fihom it-tfal.

Dawn il-miżuri wasslu biex it-tabakk tradizzjonali jieħu daqqa 'l isfel fil-popolarità. Fi studju li sar fl-1992 mill-Ministeru għas-Saħħa nstab li 40% tal-irġiel u 18% tan-nisa kienu jpejpu. Dan il-persentaġġ niżel għal 25.6% fost l-irġiel u 15.8% fost in-nisa sal-2008. L-aħħar figuri tal-2020 urew li bħala medja, wieħed jew waħda minn kull ħames persuni tpejjep (20%) li hija 3% inqas mill-medja Ewropea.

Ma jfissirx illi l-kampanji relatati mas-Saħħa kollha jiksbu suċċess. It-tabakk illum infirex f'numru ta' prodotti oħra bħas-sigaretti elettriċi, sostituti ta' tabakk varji, nikotina u tabakk imsaħħan. Dawn wasslu għal sfidi ġodda. L-istess il-ġlieda kontinwa biex il-poplu Malti jagħmel iktar eżerċizzju ħalli tonqos il-pjaga tal-obeżità.

---

12) Artikli fuq il-kompetizzjoni 'Quit and Win' dehru fuq it-Times of Malta - https://timesofmalta.com/articles/view/big-prizes-for-stubbing-out-the-habit.125869, https://timesofmalta.com/articles/view/more-willing-to-quit-smoking.52282 u The Malta Independent - https://www.independent.com.mt/articles/2004-04-08/local/Quit-Smoking-and-win-65834

Bla dubju li l-uffiċjali pubbliċi li jaħdmu f'dan il-qasam mhux se jispiċċaw bla xogħol hekk kif l-isfidi jibqgħu jvarjaw maż-żmien però dejjem se jibqgħu jaħdmu biex jipproteġu.

## Sptarijiet




L-ewwel sptar f'Malta, b'mod dokumentat, twaqqaf fl-1372 u ġie msejjaħ Santu Spirtu, fir-Rabat. Skont l-istoriku Paul Cassar,[13] "dan l-isptar seta' eżista sa mill-1220 u jista' jkun li twaqqaf minn San Franġisk ta' Assisi. Li nafu żgur hu li fl-1372 dan l-isptar kien taħt it-tmexxija tal-Ordni Reliġjuż Franġiskan. Meta ġew l-Ordni ta' San Ġwann f'pajjiżna fl-1530, ma setax jonqos li bħala Ordni Ospitaliera, waħda mill-ewwel azzjonijiet tagħhom kien l-organizzazzjoni ta' sptar fil-Birgu. Hekk kif inbniet il-Belt Valletta, dan l-isptar bikri ġie trasferit għall-infermerija fejn illum hemm Dar il-Mediterran. Is-Sagra Infermeria kienet toffri livell għoli ta' ospitalità fejn il-morda kienu jingħataw l-ikel fuq platti tal-fidda. Il-morda kienu kollha rġiel għax in-nisa kellhom sptar ieħor fil-viċinanzi magħruf bħala Casetta. Fis-sena 1634, minħabba l-pesta kien inbena sptar fuq Manoel Island magħruf bħala l-Lazzaretto li kien sptar speċifiku għall-mard infettiv. Fl-1676, il-Gran Mastru Nicolas Cottoner waqqaf l-iskola tal-anatomija u kirurġija fis-Sacra Infermeria. Interessanti kif fl-1739, l-iġsma ta' min kien imut fl-Infermeria kienu jingħataw lil din l-iskola għall-istudji neċessarji. Minn hawnhekk nibdew niltaqgħu ma' Maltin li għamlu suċċess f'dan il-qasam.

13) Cassar, Paul, (1977), Historical Review of the Development of Medicine and Surgery in Malta

L-istoriku Paul Cassar isemmi lill-anatomista MA Magri li fl-1740 inħatar dissettatur fl-isptar Santa Maria ta' Firenze u fl-1748 beda jgħallem is-suġġett f'Messina. Isemmi wkoll lil Emanuel Grillet li laħaq Professur fl-Ostetrija fl-Università ta' Palermo. Fl-iskola tal-Anatomija f'Malta kien jaħdem u jgħallem Mikiel Anġ Grima, li kellu kitbiet ippubblikati f'Londra fl-1773, kif ukoll Joseph Barth li saħansitra serva bħala tabib tal-għajnejn tal-Imperatriċi Awstrijaka Maria Theresa u ta' binha Joseph II. Barth miet fi Vjenna fl-1818.

It-tobba u professjonisti Maltin fil-qasam mediku kellhom il-vantaġġ li jaħdmu mill-qrib ma' tobba Ingliżi tal-armata Britannika fosthom fil-gwerra tal-Krimea. B'hekk mhux biss kellhom ideat teoretiċi imma anke prattiċi.

**Temi Zammit**



Wieħed mill-aktar persunaġġi magħrufa f'Malta u madwar id-dinja kollha huwa Sir Themistocles Zammit jew kif inhu magħruf aħjar, Temi. Temi Zammit twieled fit-30 ta' Settembru 1864. Gradwa bħala tabib fl-1889 u sena wara, flimkien ma' Dr Fabrizio Borg, beda jeditja La Rivista Medica. Temi Zammit laħaq Spiżjar Analitiku mal-Gvern fl-24 ta' Diċembru 1890 b'paga ta' 100 lira sterlina fis-sena. Fl-1896 Zammit ħa l-ewwel x-ray f'pajjiżna ta' pala ta' id (probabbli tiegħu stess).

Temi Zammit jibqa' magħruf l-aktar għall-iskoperta tiegħu fl-1905 li l-mikrobu li jwassal għad-deni rqiq tal-Brucellosis jasal għand il-bniedem mill-ħalib tal-mogħoż. Dan wassal biex il-ħalib kollu tal-mogħoż beda jiġi pasturizzat mill-1938 'il quddiem.

Id-deni rqiq kien marda komuni fil-pajjiżi Mediterranji u kien jissejjaħ b'ħafna ismijiet fosthom il-Malta Fever, Mediterranean Fever, Cyprus Fever, Neapolitan

Fever u l-Melitococcosis. Bil-pożizzjoni li kellha Malta f'nofs il-Mediterran, speċjalment fil-gwerer, bħal ngħidu aħna tal-Krimea bejn l-1853 u l-1856, Malta kienet tilqa' mijiet ta' feruti. Permezz ta' din il-marda, kien jitla' d-deni, li ma kien jinżel b'xejn, lanqas meta kienu jamministraw mediċini li s-soltu jaħdmu kontra d-deni. Skont Joseph Carbone,[14)] it-tabib militari J.A.Marsten irrefera għal dan id-deni bħala 'Undulant Fever' u l-ewwel referenza għall-mikro-organiżmu li kien jikkawża dan id-deni sar bejn l-1886 u l-1887. Id-deni kien jaffettwa l-aktar lill-Ingliżi għax il-Maltin kellhom qisu immunità u kienu jittrattawh daqslikieku kien riħ komuni. Mhux ta' b'xejn li l-Ingliżi ppanikkjaw!

Fl-1904 l-awtoritajiet Ingliżi waqqfu kummissjoni magħmula minn rappreżentanti tal-Ammiraljat, il-War Office u l-Gvern Ċivili mmexxija mill-Kurunell David Bruce. Temi Zammit kien mitlub jifforma parti minn sottokumitat. F'rapport li kien kiteb flimkien ma' Maj W.H. Horrocks, u Capt. Crawford Kennedy, Temi Zammit kien qal li l-kaġun tal-marda kienu l-mogħoż. Huwa qal li madwar 41% tal-mogħoż kienu infettati bil-mirococcus melitensis filwaqt li 10% minnhom kienu jgħaddu l-mard mill-ħalib.

Ma ninsewx li f'dawk iż-żminijiet, il-bejjiegħa tal-ħalib kienu jduru minn post għall-ieħor bil-merħliet tagħhom fit-toroq Maltin. Fil-Belt Valletta kienu jiddaħħlu madwar elfejn mogħża. Is-sidien tal-ħwienet tat-te kien ikollhom mogħża huma wkoll biex tagħtihom il-ħalib frisk. Wara l-iskoperta li għamel Temi Zammit, l-Ingliżi raw kif għamlu u abolixxew il-ħalib tal-mogħoż mill-isptarijiet u l-kwartieri tagħhom. Skont Joseph Carbone, is-Sanità, fl-1906, ħarġet ordni li kienet inqrat ukoll fil-Knejjes, sabiex il-Maltin ma jibqgħux jixorbu ħalib mhux mgħolli. Il-Maltin ma tantx laqgħu din l-ordni b'mod tajjeb tant li ħafna baqgħu jixorbu l-ħalib dirett. Il-gazzetta Daily Chronicle ġabet artiklu[15)] fejn fiha ċaħdu li l-ħalib tal-mogħoż kien jagħti d-deni rqiq. Il-gazzetta ppuntat subajha lejn id-drenaġġ li kien jidħol mal-bastimenti Ingliżi u li minħabba l-bini tal-breakwater, ma kienx jissaffa u joħroġ mill-port kif suppost.

14) Carbone, Joseph, (2014), Il-Marda tad-Deni Rqiq fid-Dinja, f'Malta u f'Ħal Kirkop

15) Artiklu li deher fid-Daily Chronicle – "Hanno insultato la capra Maltese"

Il-Malti kellu rasu iebsa mhux ħażin biex jaċċetta dawn l-ideat ġodda u kellna nistennew sal-1935 li l-pasturizzazzjoni tal-ħalib saret b'obbligu. Din kienet proprju s-sena li fiha miet Temi Zammit.

Temi Zammit serva ta' Direttur tal-Laboratorju tas-Saħħa Pubblika bejn l-1916 u l-1920 kif ukoll bħala Rettur tal-Università ta' Malta mill-1920 sal-1926. Apparti karriera medika, Temi Zammit ħalla impatt kbir fil-qasam arkeoloġiku u letterarju.

## Saħħa fl-iskejjel

Aspett ieħor interessanti fl-istorja tas-saħħa f'pajjiżna kien is-servizz tas-saħħa fl-iskejjel. L-idea[16] ta' dan is-servizz nibtet f'moħħ Dr Charles Mattei fl-1909. Mattei kien Uffiċjal Mediku tas-Sanità fuq it-tielet distrett. Malta dak iż-żmien kienet maqsuma fi tliet distretti sanitarji u Għawdex kien meqjus bħala distrett wieħed. Fir-rapport annwali tiegħu għall-1909,[17] Dr Mattei kien issuġġerixxa li metodu effettiv ta' kif tipprevjeni t-tifrix ta' mard bħad-difterja u l-ħosba kien billi tingħata attenzjoni lil saħħet it-tfal fl-iskejjel.




Skont Carmel A. Mifsud,[18] l-ewwel impjegat pubbliku li ħadem bħala uffiċjal mediku fl-iskejjel bħala part time kien Dr George Apap, li ġie appuntat fit-23 ta' Novembru 1929 b'paga ta' 120 lira sterlina fis-sena. Kien bidu modest ħafna għal din l-iskema meta tqis li fl-iskejjel kien

16) Mifsud, Carmel A., (1960), The School Health Service in the Maltese Islands

17) Ibid., jissemma r-rapport ta' Dr Mattei – 'Report of the Public Health Department for 1908/1909'

18) Ibid.

hemm popolazzjoni studenteska ta' 24,000 tifel u tifla. Id-direttur tal-iskejjel elementari nieda dan is-servizz bi skopijiet ta' prevenzjoni u azzjoni immedjata.

Fl-1931 kien ingaġġat uffiċjal ieħor li kien jaħdem sagħtejn kuljum filwaqt li fl-1938 l-iskema kellha għall-ewwel darba impjegata full time (Dr Irene Condachi). Apparti x-xogħol vast ta' spezzjonijiet fuq it-tfal kollha fl-iskejjel, l-uffiċjali kellhom ix-xogħol li jiddokumentaw dak kollu li sabu sabiex f'każ ta' mard, il-ġenituri kienu jiġu notifikati mill-kap tal-iskola. L-uffiċjali kienu jagħtu lezzjonijiet dwar l-iġjene inġenerali lil studenti ikbar.

Skont rapporti varji li kienu jsiru dak iż-żmien, ix-xagħar mimli qamel u insetti oħra kont issibu kullimkien, u l-okkażjonijiet fejn ma kinux jiskopru problemi f'dan ir-rigward kienu eċċezzjonijiet. Problema oħra diffusa ħafna kienet illi minħabba l-faqar li kien jeżisti, it-tfal ma kinux jingħataw biżżejjed ikel u kienu jbatu minħabba nuqqas kbir ta' vitamini. Kien minn hawn li ħarġet l-idea li fl-iskejjel jibda jitqassam il-ħalib. Bejn l-1933 u l-1934 beda jitqassam il-ħalib fl-iskejjel kemm filgħodu f'każijiet normali imma anke waranofsinhar f'każijiet estremi ta' nuqqas ta' nutrizzjoni. Dan f'Malta biss għax f'Għawdex ma kinitx daħlet din il-prassi.

Fl-1937, f'survey[19] li sar fuq 1240 student bejn għaxar snin u 12-il sena, kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex, instab li l-parti l-kbira tat-tfal kienu nieqsa minn proteini, xaħam, melħ minerali u vitamini.

Kien qed jinstab ukoll ħafna tfal b'vista tal-għajnejn difettuża b'effetti tat-trakoma, bi snien imħassrin u anke bi problemi ta' tunsilliti akuti.

Nistgħu għalhekk ngħidu li sat-Tieni Gwerra Dinjija ma konniex għadna organizzati sew bħala pajjiż għal dawn il-problemi, għalkemm konna bdejna.

19) Ibid., id-dettalji tas-survey inġiebu minn 'Report on the Working of Govt. Depts. During 1936/1937'

Fl-1 ta' April 1947, wara l-perjodu ikrah tal-gwerra, is-servizz mediku fl-iskejjel, bħala struttura, ġie trasferit għad-Dipartiment tas-Saħħa fejn hemmhekk baqa' jissoda maż-żmien. Jekk sal-1942 is-servizz kellu biss żewġ uffiċjali pubbliċi tobba full time u speċjalista part time, sal-1955, kienu twarrbu flus biex is-servizz jibda jaħdem b'seba' uffiċjali mediċi, erba' infermiera u speċjalista tal-għajnejn part time. Kien żmien fejn l-iskejjel bdew jinbnew b'rati qawwija u sal-1958 in-numru ta' tfal fl-iskejjel iktar minn irdoppja u tela' għal 56,000.

Ftit aktar kmieni, eżattament fit-28 ta' April 1952, il-Gvern beda joffri b'xejn servizz ta' tilqim fl-iskejjel permezz ta' tim żgħir li kien iżur l-iskejjel. Skont Carmel A. Mifsud, biex jingħata dan is-servizz pubbliku kienu qasmu lil Malta u Għawdex fi tnejn sabiex it-tilqim jingħata f'rotazzjoni ta' sentejn. L-ewwel grupp kien jingħata t-tilqim kontra d-difterja u t-tifojde, biex sentejn wara jingħata dak tat-tuberkolosi u viċi versa. Apparti t-tilqim fih innifsu, kienet issir kampanja ta' tagħrif ħalli anke l-ġenituri tat-tfal kienu jiġu preparati x'ser jiġri.

Jingħad ukoll li għalkemm it-tilqim beda b'mod uffiċjali u sistematiku fl-1952, ġa kien hemm attentat tliet snin qabel, b'tilqim kontra d-difterja.

Illum il-ġurnata, l-uffiċjali mediċi Maltin għadhom iwasslu lill-poplu programm vast ta' vaċċinazzjoni fosthom għal kontra d-difterja, tetnu, pertussis, polio, ħosba, gattone, ħosba Ġermaniża, meninġite, pulmonite u epatite B li jibdew mill-etajiet ta' trabi ta' tmien ġimgħat sa sena u b'numru ta' boosters sal-età ta' 16-il sena. Fis-sena 2022 intlaħqet rata impressjonanti ta' 98% ta' tilqim.

### L-isptar ċentrali fil-Furjana u l-Isptar San Luqa

L-isptar ċentrali fil-Furjana, fejn illum insibu d-Depot tal-Pulizija, ma kienx iddisinjat biex ikun sptar. Meta nbena fl-1734 mill-Gran Mastru Vilhena, kien intiż biex jilqa' fih tfajliet foqra fejn setgħu jitgħallmu xogħlijiet tal-idejn bżonjużi.[20)]

20) Calleja, Josette, (Mejju 2004), The Central Hospital at Floriana 1870-1913

Meta beda jintuża bħala sptar fl-1850, l-impjegati mediċi kienu jikkonsistu minn erba' tobba, erba' kirurgi, spiżjar u żewġ assistenti. Sal-1872 diġà nsibu referenzi ta' kemm ma kienx adegwat l-isptar u kemm kien żgħir għall-popolazzjoni ta' dak iż-żmien. Sal-1878, insibu 170 persuna rikoverata fih. Meta tikkonsidra l-kobor tal-binja, kif ukoll it-tip ta' mard li kien komuni dak iż-żmien, fosthom mard li jittieħed minn persuna għall-oħra, diġà nsibu rakkomandazzjonijiet sa mill-1885 sabiex jinbena sptar ġdid. Madankollu, sal-1937, l-isptar ċentrali tal-Furjana baqa' l-isptar ewlieni ta' Malta fejn kien jakkomoda 253 sodda.

L-ewwel ġebla tal-Isptar San Luqa fi Gwardamanġa tpoġġiet fil-5 ta' April 1930. Il-bini ta' dan l-isptar il-ġdid kien b'pass kajman speċjalment wara li faqqgħet it-Tieni Gwerra Dinjija. Fil-gwerra ma setax jonqos li jkun hemm arranġamenti differenti biex jintlaħqu kemm jista' jkun feruti. Kien żmien kaotiku f'dan il-qasam. Sal-1939 id-Dipartiment tas-Saħħa kien lest biex jipprovdi sa 1,500 sodda għal dak kollu li seta' jinqala' kif ukoll 100 sodda għall-maternità. Id-Dipartiment tal-Kirurġija kif ukoll id-Dipartiment tal-Maternità u Ġinekoloġija ġew trasferiti għall-Isptar Bugeja tal-Ħamrun fl-1940 filwaqt li każijiet mediċi tal-irġiel ġew trasferiti lejn il-Kulleġġ San Alwiġi f'Birkirkara. In-nisa u każijiet tal-ENT ġew trasferiti lejn l-Isptar tal-Blue Sisters. Is-servizzi tal-maternità ġew trasferiti lejn l-orfanatorju Adeleide Cini fil-Ħamrun.

Meta beda jiġi ppjanat l-Isptar San Luqa fl-1927, għall-bidu kienu intiżi li jkollu bejn 350 u 400 sodda. Madankollu, sal-1937 kien hemm pjani ġodda għal 510 sodod. Waqt il-gwerra, l-Isptar San Luqa kien beda jiffunzjona parzjalment, imma ntlaqat mill-bombi Nażisti Faxxisti tant li ħaddiem tilef ħajtu u oħrajn sfaw feruti. Fil-faċċata tal-Isptar San Luqa, inti u dieħel għadhom jidhru marki ta' shrapnels mill-bombi tal-għadu.

Wara t-Tieni Gwerra Dinjija bdew iseħħu t-transfers lejn San Luqa. Sal-1957 l-isptar kellu 546 sodda, numru li reġa' ġie deskritt bħala pressanti ħafna u mhux biżżejjed. Għalkemm kien hemm pjani li jinbena sptar ieħor fin-Naxxar, fid-diċenji li kien imiss, dejjem baqa' jiġi mkabbar u modifikat l-Isptar

San Luqa. Sa Diċembru 1962,[21] l-isptar kellu dawn id-diviżjonijiet sa dak iż-żmien: swali mediċi, operazzjonijiet, maternità, ġinekoloġija, ENT, ortopediku, snien, pedjatrija, X-Ray, trasfużjonijiet tad-demm, laboratorji tal-patoloġija u batterjoloġija, casualty, u dipartiment tal-OutPatient li fih kien jinkludi klinika għall-psikjatrija. Skont dan ir-rapport, każijiet relatati ma' ġilda u għajnejn kienu għadhom qed jiġu kkurati fl-isptar ċentrali tal-Furjana. Bħala headcount ta' nies, fl-Isptar San Luqa ġew irrekordjati dawn:



Supretendent Mediku wieħed, erba' reġistraturi, għoxrin tabib fl-ewwel sena tagħhom, spiżjar u tliet assistenti, 30 konsulent, 51 infermier, għaxart iqwiebel, 164 assistent infermier u 30 soru tal-karità. Ma' dawn wieħed irid iżid 166 impjegat ieħor b'xogħlijiet varji u 52 impjegat industrijali u tekniku.

21) "Malta Review" ta' Diċembru 1962, Dipartiment tal-Informazzjoni

Fil-5 ta' Ġunju 1965, fl-isptar infetħet skola tal-infermiera ġdida minn Lady Dorman.[22] Din l-iskola setgħet takkomoda 120 student, numru li sa Settembru 1965 kellu jimtela. L-iskola kienet tinkludi librerija u laboratorji. Apparti minn hekk, kien hemm living quarters inkluż sodod, b'veduti tal-port, kappella ċkejkna u televiżjoni. Il-Malta Review tgħid: "This School and home is truly something of which Malta can be proud and should encourage many more nurses of GCE standard to train for this most absorbing and rewarding of professions for women."



Fil-pjan ta' żvilupp għal Malta 1973-1980[23] maħruġ mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru, insibu din l-istrateġija li kellu jieħu l-pajjiż. "Nagħrfu li l-istandards tas-Saħħa huma aktar minn xewqa soċjali. Li jkollna poplu b'saħħtu jfisser li jkollna poplu aktar produttiv. Dak kollu li se nagħmlu se jkompli jgħolli l-livell tas-servizz tas-saħħa. Se nespandu s-servizzi distrettwali u ntejbu l-kwalità. Se nimmodernizzaw is-servizzi mogħtija mill-isptarijiet u se nżidu l-kapaċità. U se nintroduċu kunċett ġdid fil-kura tal-anzjani u l-persuni bi bżonnijiet speċjali."

Fit-30 ta' Lulju 1976 infetħu[24] fl-Isptar San Luqa s-swali ddedikati għat-terapija intensiva. Kien hemm b'kollox għaxar sodod armati bl-aqwa teknoloġija u anke b'infermiera li kienu ngħataw taħriġ speċjalizzat fl-Isptar St. Mary fl-Ingilterra. F'Novembru 1977,[25] l-isptar saritlu estensjoni maġġuri bil-bini tal-isptar għat-tfal u maternità ddedikat lil Karen Grech. Kellu b'kollox 120 sodda u 20 cot

22) Malta Review ta' Lulju 1965, Dipartiment tal-Informazzjoni

23) Development Plan for Malta 1973-1980, OPM, Ottubru 1974, stampat fl-Uffiċċju Ċentrali tal-Istatistika (Printing Division)

24) "Il-Gżejjer," Awwissu 1976, Dipartiment tal-Informazzjoni

25) "Il-Gżejjer," Novembru 1977, Dipartiment tal-Informazzjoni

għal tfal li jitwieldu qabel iż-żmien. B'hekk, il-kapaċità totali tal-Isptar San Luqa telgħet għal 1100 sodda, li kien ifisser 3.3 sodod għal kull elf popolazzjoni, ratio meqjus aċċettabbli. Sadanittant, l-Isptar Paul Boffa fil-Furjana ġie rinnovat fl-1970 u beda jservi ta' sptar speċjalizzat għall-kura tal-kanċer, dermatoloġija u infezzjonijiet. Fl-1973 beda xogħol maġġuri ta' rinnovar fis-swali ta' San Vinċenz de Paule, inkluż l-installazzjoni ta' central heating fl-1975.

F'dak il-perjodu l-investiment fis-Saħħa kien wieħed kbir għal dak iż-żmien. Minn investiment kapitali ta' 0.2 miljun lira fl-1973 din telgħet għal 1.2 miljun lira fl-1977.[26)] Hawnhekk ta' min isemmi li f'dan il-perjodu, il-prezz taż-żejt kważi kkwadrupla minħabba l-gwerra bejn l-Għarab u l-Iżrael u għalhekk dawn il-figuri huma iktar impressjonanti.

Għadda ż-żmien u l-popolazzjoni kompliet tikber.

Sal-1990 l-idea li kellu jinbena sptar ġdid flok l-Isptar San Luqa bdiet takkwista l-forza. Għal dan il-għan, il-Gvern ta' dak iż-żmien stabbilixxa l-FMSS (Foundation for Medical Sciences and Services) filwaqt li l-Gvern iffirma ftehim ta' kollaborazzjoni mal-Fondazione Sab Raffaele del Monte Tabor. Filwaqt li l-pjanti oriġinali kienu jindikaw sptar ta' 480 sodda, wara evalwazzjoni tal-proġett u l-bidla tal-Gvern bejn l-1996 u l-1998, il-proġett inbidel għal sptar ta' 980 sodda.

---

26) Development Plan for Malta 1973-1980 Supplement. OPM, Ottubru 1977

L-isptar Mater Dei nfetaħ finalment fid-29 ta' Ġunju 2007.



Il-Ministru għall-Politika Soċjali John Dalli kien qal li l-Isptar Mater Dei kellu 25 sala tal-operazzjonijiet u sala oħra li tintuża fil-Labour Ward, għall-operazzjonjiet ċesarji. Dak iż-żmien kienu qed jintużaw bejn 13 u 15-il sala kuljum. Il-ministru kompla jgħid li "l-għan primarju wara l-migrazzjoni tal-isptar kien li nimxu għal servizz aħjar u mhux għal tkabbir. Iżjed swali tal-operazzjonijiet ikunu jistgħu jinfetħu malli jkun hemm personell neċessarju bħal nurses, support staff u impjegati fi gradi oħra."[27)]

Din twassalna għall-kwistjoni ta' jekk għandniex faċilitajiet u riżorsi adegwati fil-qasam tas-saħħa, bħall-kwistjoni ta' min ġie l-ewwel, jekk hux il-bajda jew it-tiġieġa.

27) Mistoqsija Parlamentari 1598 tal-11-il leġiżlatura datata 7 ta' Lulju 2008 - https://pq.gov.mt/PQWeb.nsf/7561f7daddf0609ac1257d1800311f18/c1256e7b003e1c2dc125747f0028ceb5!OpenDocument

Hija tema li tibqa' tkun diskussa sena wara sena – ir-riżorsi huma adegwati, speċjalment dawk umani? U jekk mhux adegwati, kif fl-istess waqt tibqa' mxerrda l-qlajja' jew ħrafa li ċ-ċivil huwa smin iżżejjed?

**Sptarijiet Oħra**

Għalkemm l-Isptar Mater Dei jibqa' l-ikbar sptar fil-preżent b'1270 sodda, is-sistema preżenti tas-saħħa tilqa' wkoll sptarijiet oħra li huma iktar speċjalizzati. Hekk insibu l-Isptar Karen Grech f'San Luqa li bi kważi 300 sodda jintuża bħala sptar ta' rijabilitazzjoni għal persuni li jkunu batew minn puplesija, trawma, jew amputazzjoni. L-onkoloġija, li qabel kienet fl-Isptar Sir Paul Boffa, imxiet għall-Isptar Sir Anthony Mamo, biswit il-Mater Dei. F'dan l-isptar tingħata kura u trattament ħolistika inkluż kimoterapija u radjuterapija avvanzata f'madwar 113-il sodda. L-Isptar Sir Anthony Mamo ġie miftuħ fl-20 ta' Settembru 2015.

Fl-Isptar Monte Karmeli, li jinsab f'Ħ'Attard, jiġu offruti servizzi relatati ma' saħħa mentali u psikjatrija.

Fir-residenza San Vincenz de Paule jinsab sptar dedikat għall-anzjani li jkollhom bżonn kura fit-tul. Għall-pazjenti Għawdxin insibu l-Isptar f'Għawdex li jesa' 302 sodod. L-attività f'dan l-isptar hija waħda varjata fosthom b'faċilità hyperbarbaric li tintuża l-aktar minn għaddasa f'diffikultà.

Madwar Malta u Għawdex, is-servizzi varji jingħataw minn ċentri tas-saħħa jew bereġ li jkopru partijiet mill-popolazzjoni. Fost oħrajn insibu Ċentri tas-Saħħa fir-Rabat f'Għawdex, ir-Rabat f'Malta, il-Mosta, Raħal Ġdid, Bormla, il-Furjana, Birkirkara, il-Gżira u Ħal Qormi, apparti diversi bereġ.

Sakemm qed tinkiteb din il-pubblikazzjoni ġie finalizzat iċ-Ċentru tas-Saħħa reġjonali Vincent Moran f'Raħal Ġdid b'investiment ta' €40 miljun. Dan iċ-ċentru state-of-the-art għandu ħames sulari fejn jilqa' n-nies u se jkun qed

joffri qawsalla sħiħa ta' servizzi bħala one stop shop, kif ukoll żewġ swali tal-operazzjonijiet attrezzati b'kollox u kkumplimentati b'sala tal-irkupru għall-operazzjonijiet ta' binhar.

**Għeluq**

Dan l-artiklu ta ħarsa lejn aspetti differenti tas-saħħa f'Malta u barra li wera l-kumplessità ta' dan il-qasam, ta ħarsa ħafifa kemm lejn l-iżvilupp tas-settur kif ukoll il-ħidma tal-impjegati fuq medda ta' żmien. Dan il-qasam huwa vast u artiklu qasir żgur mhux biżżejjed biex jagħmel ġustizzja miegħu. Trid tikteb numru ta' volumi biex verament tagħmel ġustizzja ma' dawk kollha li servew u taw kontribut fil-qasam tas-saħħa.

# Ir-rwol tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi fl-istorja

Kenneth Cauchi

Il-pożizzjoni ġeografika ta' Malta, fiċ-ċentru tal-Mediterran, u l-fatt li għandha żewġ portijiet naturali, servew bħala attrazzjonijiet ewlenin għas-setgħat li ħakmu lil Malta, b'mod partikolari meta l-gżejjer ġew maħkuma minn diversi qawwiet fosthom l-Ordni Militari u Ospidalier ta' San Ġwann fl-1530. Iċ-ċentru tal-Mediterran kien post kruċjali għall-qawwiet Ottomani tal-Lvant fejn minkejja li għamlu ħilithom kollha biex jieħdu lil Malta taħt idejhom f'diversi attakki, fosthom l-Assedju fuq Għawdex fl-1551 u l-Assedju l-Kbir tal-1565, dan ma kienx ta' suċċess. B'biża' ta' ritaljazzjoni, l-Ordni kienet kostretta tibni belt fortifikata ġdida li eventwalment ġiet imsemmija Valletta għall-Granmastru Jean Parisot de la Valette. Il-belt il-ġdida nbniet fuq pjanta mħejjija mill-Arkitett Francesco Laparelli da Cortona (1521-1570) li kien l-assistent ta' Michelangelo Buonarroti (1470-1564). Dan kien intbagħat Malta mill-Papa Piju V (Ghislieri 1566-1572) bl-iskop li joħloq il-pjanti għal din il-belt il-ġdida.[1] Laparelli fassal it-toroq tal-belt il-ġdida fi pjan ta' gradilja, li jkun hemm ħażna obbligatorja tal-ilma, mini tad-drenaġġ taħt l-art, niċeċ devozzjonali u xbihat reliġjużi f'kull kantuniera tal-belt il-ġdida.

Il-Belt Valletta tgħammret bi Knisja Konventwali, Palazz Maġisterjali, berġa għal kull lingwa tal-Ordni, u l-knejjes filjali tagħhom, u l-bżonnijiet kollha meħtieġa li belt ġdida kellha bżonn, inklużi fortifikazzjonijiet b'saħħithom madwar id-dawra kollha. L-uniku sit li nbena mingħajr pjanta xierqa kienet iż-żona li dak iż-żmien kienet tissejjaħ il-'manderaggio imperfecto,' sit li kien maħsub biex jagħti kenn lix-xwieni u l-galeri tal-Ordni, iżda madanakollu, minħabba li s-sit kien tħalla abbandunat, kien ġie abitat mill-foqra biex huma wkoll ikollhom kenn ġewwa l-ħitan fortifikati tal-belt il-ġdida.[2]

1) Said E. 2012, Subterranean Valletta, Fondazzjoni Patrimonju Malti, Progress Press, Malta pġ.11.

2) Darmanin D. 2009, L-istorja tal-Mandraġġ tal-Belt, ippubblikat minn St. Augustine Youth Group, pġ.3.

## Id-Dipartiment taħt il-Ħakma Ingliża

Fl-1798 Malta ttieħdet mill-forzi tal-Ġeneral Napuljun Bonaparte (1769-1821) li għaddieha lill-qawwiet Franċiżi li baqgħu jaħkmu għal sentejn sakemm ġew l-Ingliżi fl-1800. L-Ingliżi riedu jibdew billi jistabbilixxu l-ordni u r-ritorn lura għan-normalità fil-governanza billi jirrispettaw il-liġijiet u t-tribunali li kienu diġà stabbiliti mill-Ordni ta' San Ġwann. Fis-sena 1803 kien inħoloq Bord tal-Proprjetà Pubblika.[3)] Dan il-bord jista' jitqies bħala l-aktar referenza bikrija għal dak li eventwalment żviluppa u sar id-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi.

Mis-snin bikrin tal-formazzjoni tiegħu, dan id-dipartiment għadda minn fażijiet fejn għal xi żmien kien jagħmel parti mid-Dipartiment tad-Dħul tat-Taxxa jew kien isseparat minnu, dejjem skont l-esiġenzi ta' dak iż-żmien. Madanakollu, l-ewwel irwol tad-dipartiment baqa' biex jamministra l-proprjetà li kienet tappartjeni lill-Ordni ta' San Ġwann u jieħdu ħsieb l-infrastruttura ċivili tal-pajjiż. Inizjalment, dan il-Bord tal-Proprjetà Pubblika kien immexxi minn Antonio Cachia, magħruf ukoll bħala l-'Capo Maestro delle Opere Pubbliche'.

F'dan iż-żmien insibu wkoll lil diversi nies meqjusa bħala esperti fis-suġġett tagħhom u allura msejħa 'perit' li ma kinitx bilfors tfisser li huma arkitetti kif nifhmu llum bit-terminu 'perit'. Minn din il-perspettiva nsibu wkoll lil Michele Cachia li kien ingħata l-kariga ta' 'Perito Architetto Agrimensore' li f'termini tal-lum hija ekwivalenti kemm ma' arkitett kif ukoll ma' land surveyor.[4)] F'din il-kariga huwa kellu s-setgħa li jkun perit (espert) abbażi ta' x'kien meħtieġ. Huwa kien dak il-membru professjonali tal-Bord fejn kien ħa ħsieb l-akkwadotti pubbliċi, it-twettiq tal-fosos tal-Furjana u xi proġetti oħrajn. Cachia kien perit rispettat ħafna u baqa' attiv sal-1830 fejn waqt li kien parti mill-Bord, huwa eżamina lil Giorgio Pullicino (1779-1851), il-Perito Agrimensore li kien studja fl-Accademia di S. Luca f'Ruma u li mar-ritorn tiegħu fl-1800 huwa kien responsabbli minn binjiet neo-klassiċi prominenti tal-bidu tal-Perjodu

3) Borg M. 2001, British Colonial Architecture Malta 1800 -1900, P.E.G. Publishers Malta, pġ.15.

4) 'Perito agrimensore' ġejja mil-Latin u tfisser 'land surveying expert'.

Britanniku. Minkejja dan, Pullicino kien kiseb il-warrant tiegħu biex jipprattika bħala perit fl-1830, wara kważi 30 sena ta' prattika fil-mestier.[5)]

Fl-1812, l-Ingliżi ddeċidew li jżommu lil Malta taħt il-ħakma tagħhom għal żmien indefinit u ħatru l-ewwel Kummissjonijiet Irjali biex jindirizzaw il-governanza tal-gżejjer, kif ukoll id-dħul u l-infiq tagħhom. Sir Thomas Maitland kien l-ewwel Gvernatur tal-gżejjer Maltin bejn l-1813 u l-1824. Mill-bidu, Maitland kien ħa d-deċiżjoni li jeskludi lill-uffiċjali pubbliċi Maltin minn dawk il-pożizzjonijiet ta' fiduċja u ta' influwenza. Dan għamlu sabiex ikollu l-kontroll assolut fil-governanza biex b'hekk ilaħħaq biss dawk il-persuni tal-fiduċja tiegħu. Għaldaqstant u awtomatikament, din id-deċiżjoni poġġiet liċ-ċittadini Maltin f'qagħda fejn saru ineliġibbli għar-rwol fil-governanza. Taħt it-tmexxija ta' Maitland u matul l-1814, l-amministrazzjoni tal-proprjetà pubblika kienet maqsuma bejn il-ġbir tad-dħul u l-eżekuzzjoni tax-xogħlijiet pubbliċi. Ir-responsabbiltà tad-dipartiment kienet giet fdata f'idejn Hector Greig u John Makenzie filwaqt li l-Kap Supretendent tax-xogħlijiet pubbliċi kien Matteo Bonavia.[6)]

L-esklużjoni tal-uffiċjali pubbliċi Maltin baqgħet fis-seħħ żgur sal-1838 meta kien ġie deċiż li l-projbizzjoni imposta iktar kmieni setgħet titneħħa ħlief f'każijiet fejn kienu kkonċernati l-interessi imperjali u kolonjali. B'riżultat ta' dan, gradwalment, il-Maltin fl-ogħla livelli ta' amministrazzjoni bdew jiżdiedu fin-numru. Fl-1824, id-Dipartiment tax-Xogħlijiet u t-Tiswijiet tal-Gvern ma baqax jagħmel parti mid-dipartiment tad-Dħul fuq l-Artijiet. Id-Direttur tal-qasam tax-Xogħlijiet u t-Tiswijiet kien John Makenzie, filwaqt li l-assistent direttur kien Emmanuel Bonavia. Matul l-1828, taħt il-Gvernatur Sir Charles Cavendish Ponsonby (1827-1835), id-direttur tax-Xogħlijiet u t-Tiswijiet tal-Gvern kien inkarigat li jieħu ħsieb il-manutenzjoni u t-tiswijiet tal-proprjetà kollha tal-Gvern, it-toroq, id-drenaġġ, il-mollijiet, l-akkwadotti u proprjetà tal-gvern. Fl-1830, waqt seduta f'Londra, kien ġie propost li d-Dipartiment tax-Xogħlijiet tal-Gvern u d-Dħul mill-Artijiet

5) Degaetano J. 2006, Overview of the History & Development of the Public Works Department in the Maltese Islands, Ministry for Resources and Infrastructure, Government Press Malta, pġ. 21.

6) Degaetano J. Op. Cit. pġ.24.

għandhom jingħaqdu flimkien bħala miżura ekonomika. Iżda din id-deċiżjoni daħlet fis-seħħ fl-1836-38 wara li Richard Lankasheer ħa post John Makenzie minħabba raġuni ta' saħħa.[7)]

Id-Dipartiment tax-Xogħlijiet waqa' f'idejn Sir Vincent Casolani li dak iż-żmien kien il-Kollettur tad-Dħul mill-Artijiet.[8)] Lankasheer miet fl-1841 matul it-terminu tal-Gvernatur Sir Henry Bouverie (1836-1843) u s-suċċessur tiegħu kien il-Perit u l-Inġinier William Arrowsmith. Din il-ħatra qajmet ħafna kontroversja[9)] għaliex il-Perit Malti u Capo Maestro Gaetano Xerri tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi kien ukoll eliġibbli għal din il-kariga. Madanakollu, is-Segretarju tal-Istat ipprefera lil Arrowsmith fejn eventwalment il-pożizzjoni tiegħu kienet taqa' taħt il-kmand ta' Sir Casolani, il-Kollezzjonist tad-Dħul tal-Artijiet.

Għal darb'oħra, fl-1848, il-Gvernatur Sir Richard More O'Ferrall kien ippropona s-separazzjoni tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet mid-Dħul tal-Artijiet. Sa dak iż-żmien, Arrowsmith kien wera li huwa amministratur kompetenti u għalhekk ma kienx iktar meħtieġ li jibqa' taħt il-kmand ta' Casolani. Arrowsmith kien assistit minn Hector Zimelli li permezz tiegħu kienu saru ħafna esperimenti fuq l-iżvilupp strutturali tat-toroq mid-dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi. Arrowsmith kompla jgawdi l-unuri matul dan il-perjodu fejn saħansitra kien sar qrib u meqjus bħala persuna ta' fiduċja tal-gvernatur O'Ferrall, iżda l-kompetenzi eċċellenti li kellu daħħluh f'konflitti ta' interess qawwija li minħabba fihom kien kostrett li jirrinunzja l-kariga fl-1855 qabel ma jiġi uffiċjalment imneħħi mill-kariga.[10)]

7) Richard Lankesheer kien ġie fdat jibni l-Katidral Anglikan ta' San Pawl. Minkejja li kellu t-talent, huwa ma kienx imdorri bil-karatteristiċi u l-limitazzjonijiet tal-bini Malti. Meta dehru xquq fil-bini, Lankesheer kien ikkastigat ħafna partikolarment peress li kien Supretendent tax-Xogħlijiet Pubbliċi u minħabba l-fatt li l-postijiet għolja kollha kienu okkupati mill-Ingliżi. Il-bini ta' San Pawl eventwalment għadda f'idejn William Scamp (1801-1872), perit navali ta' professjoni, li ħa f'idejh u temm il-kostruzzjoni fl-1844. Thake...

8) Degaetano J. Op. Cit. pġ.27.

9) Thake C. 2010. William Scamp (1801-1872), stampat u ppubblikat minn Midsea Books, pġ.64.

10) Ibid. pġ.31

Wara t-tluq ta' Arrowsmith, id-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi u dak tad-Dħul tal-Artijiet reġgħu ġew amalgamati flimkien, din id-darba taħt Hector Zimelli (1855-1858), is-Supretendent tax-Xogħlijiet, subordinat ta' G. Vella, il-Kollettur tal-Artijiet. Ħafna mill-esperjenza li kellu Zimelli kienet grazzi għall-ħidma tiegħu taħt it-tmexxija ta' Arrowsmith. Wieħed mill-aktar xogħlijiet notevoli li sar taħt il-mandat ta' Zimelli kien il-proġett magħruf bħala 'Is-Suq tal-Belt.' Dan il-proġett sar taħt il-Gvernatur Sir John Gaspard le Marchant (1858-1864); proġett li sar ukoll wara kollaborazzjoni bejn Zimelli nnifsu u l-Arkitett Franċiż Victor Baltard (1805-1874) li kien responsabbli għall-bini kontemporanju ta' Les Halles Centralle f'Pariġi (imwaqqa' wara l-1973).[11)]

Il-kariga ta' Supretendent tax-Xogħlijiet spiċċat fl-1859 meta Zimelli laħaq Supretendent tal-Pulizija. Bħala konsegwenza ta' dan, għal darb'oħra, id-Dipartiment tax-Xogħlijiet reġa' waqa' mill-ġdid taħt id-Dipartiment tad-Dħul tal-Artijiiet. Il-Kap tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet kien Emmanuele Luigi Galizia li dam fil-kariga sal-1880.

Matul it-tmexxija tiegħu, Galizia ntbagħat madwar l-Ewropa biex jistudja l-arkitettura Romantika partikolarment dik ta' ċimiterji monumentali bħall-Highgate ta' Londra kif ukoll ta' Montmartre f'Pariġi. Ispirat minn dan l-għarfien speċjalizzat, Galizia fassal u bena ċ-ċimiterju multidenominazzjonali f'Ta' Braxia f'Tal-Pietà, u aktar tard iċ-ċimiterju monumentali ta' Santa Marija Addolorata f'Raħal Ġdid u ċ-Ċimiterji tat-Torok u tal-Lhud fil-Marsa tal-Ingliżi.[12)]

11) Borg. M. Op. Cit. pġ. 63; Degaetano J. Op. Cit. pġ.32-33.

12) Ibid. pġ.86. Bonnici E. 2019, Iċ-Ċimiterju ta' Santa Marija Addolorata, Heritage Malta Publishing, Print-it Printing Sevices, pġ. 24. Thake C., Buhagiar J, 2017, Ta' Braxia Cemetery, Published by Faculty of Arts, University of Malta, stampat minn BestPrint, pġ. 21, Thake C. 2016, The Ottoman Muslim Cemetery, Published by Faculty of Arts, University of Malta, stampat minn BestPrint, pġ. 13, Thake C. 2020, The Addolorata Cemetery, ippubblikat minn Faculty of Arts, University of Malta, stampat minn BestPrint, pġ.17.

Galizia finalment inħatar bħala s-Supretendent tax-Xogħlijiet fl-1880, u baqa' fit-tmun sal-1888 meta eventwalment Dr Giorgio Schinas ħa f'idejh din il-kariga. Huwa wettaq ħafna xogħlijiet fuq is-settur tas-saħħa relatati max-Xogħlijiet Pubbliċi bħall-bini tal-Isptar San Vinċenz de Paule f'Ħal Luqa, fetaħ il-Biċċerija Pubblika fil-Marsa, ħa ħsieb il-bini mill-ġdid tal-moll tal-Imsida, wettaq diversi xogħlijiet fit-toroq, titjib tal-waterworks jiġifieri l-pumping stations u l-ġibjun mgħotti f'Ħal Luqa, u fil-kapaċità privata tiegħu u bla dubju l-iktar xogħol rinomat tiegħu, dak tal-Knisja Parrokkjali ta' San Gejtanu ta' Thiene fil-Ħamrun ispirata minn arkitettura ekklettika li l-iktar sors predominanti hija minn dik ta' Wetserkerk ta' Amsterdam.[13)]

Paolo Trapani laħaq wara Schinas fl-1894 u waqt il-ħakma tal-gvernatur Sir Arthur Lyon Freemantle (1893-1899). Qabel din il-kariga, Trapani kien Awditur Ġenerali iżda huwa laħaq Supretendent tax-Xogħlijiet Pubbliċi l-aktar minħabba l-kapaċitajiet amministrattivi tiegħu. Trapani ħadem biex fetaħ aktar toroq, kompla x-xogħol tal-Biċċerija Pubblika, ħa ħsieb l-espansjoni tas-sistema tad-drenaġġ u l-kostruzzjoni ta' numru ta' skejjel ġodda. Sfortunatament, kumplikazzjonijiet fis-saħħa tiegħu wassluh biex jirtira mill-kariga.

13) Thake C. 2021, Art Nouveau to Modernism, ippubblikat minn Kite Group, stampat minn Print-it, pġ.149


PROPOSED CIVIL ABATTOIR
FRONT ELEVATION.
SECTION ON C.D.
SECTION ON A.B.
PLAN


SLAUGHTER HOUSE, MALTA
STEEL AND IRON STRUCTURE.

## Id-Dipartiment fis-Seklu Għoxrin

Il-kariga ta' Supretendent tax-Xogħlijiet Pubbliċi marret f'idejn Lorenzo Gatt, fejn kompla miexi fuq il-passi ta' qablu. Id-dipartiment issa żdiedlu l-inkarigu tad-diviżjoni tal-elettriku. Fl-1901, id-dipartiment tad-drenaġġ mar lura taħt id-Dipartiment tax-Xogħlijiet wara li għal qasir żmien kien f'idejn id-dipartiment tas-Saħħa Pubblika. Aktar xogħlijiet li ġew imwettqa waqt it-terminu ta' Gatt huma l-manutenzjoni ġenerali tal-binjiet tal-Gvern, id-drenaġġ, ġonna pubbliċi, u xogħlijiet estensivi fit-toroq. Fattur li għen fl-amministrazzjoni daqshekk estensiva kien il-fatt li l-ilma u l-elettriku kienu separati mix-Xogħlijiet Pubbliċi. Għalkemm din ma damitx wisq għaliex fl-1912 il-wasla tal-ilma fil-Mellieħa saret matul it-tmexxija tal-Gvernatur Sir Leslie Rundle. Mument sinifikanti matul il-mandat ta' Gatt waqt li kien Direttur tax-Xogħlijiet kien meta l-professjoni tal-Arkitetti (Periti) saret akkademikament rikonoxxuta u approvata. Sitwazzjoni partikolari waqt il-mandat tiegħu kienet meta Andrea Vassallo (1856-1928), persuna li kienet taħdem qribu, ingħata l-warrant biex jipprattika bħalha 'Perito Architetto e Agrimensore' (P.A.A.) minkejja li qatt ma kien attenda xi forma ta' taħriġ akkademiku. Madanakollu, il-Bord tal-Inġinerija u l-Arkitettura mexa abbażi tar-rikonoxximenti li kien ingħata Vassallo barra minn xtutna qabel dan l-eżami.

Fl-1921, il-kostituzzjoni waqqfet id-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi bħala Ministeru. Id-direttorat tad-Dipartiment ġie fdat f'idejn James Galizia (iben Emanuele Luigi Galizia). Il-mandat tiegħu kien ikkaratterizzat minn attakki severi ta' qgħad. Fl-istess żmien, iżda, kien sar ukoll kors intensiv fil-qtugħ tal-ġebel biex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' ħaddiema tas-sengħa f'dan il-qasam u fl-istess ħin jipproponi għadd ta' proġetti infrastrutturali biex jonqos il-qgħad. Galizia mexxa wkoll il-Bord tal-Estetika li xogħlu kien li jevalwa u jikkontrolla l-kwalità tal-faċċati tal-bini. Huwa wkoll ħadem fuq it-twessigħ tat-toroq u l-kisi bl-asfalt, filwaqt li ppjana u bena numru ta' skejjel.[14]

14) Ibid. pġ. 99.

L-amministrazzjoni tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi għaddiet f'idejn il-Perit Frederick Bonavia (1930-1934) fl-1930, fejn ħadem biex isir it-twessigħ tal-pont Porta Reale (Putirjal) u ngħata l-bidu tal-bini tal-Isptar San Luqa, inħolqu servizzi relatati mas-saħħa mentali, u nbnew djar għall-foqra. Biex isostnu x-xogħlijiet, inbnew aktar residenzi għall-ħaddiema, partikolarment fil-Blata l-Bajda u f'Birkirkara. Bonavia bena wkoll aktar skejjel, fosthom fin-Nadur f'Għawdex, u ħadem bis-sħiħ biex fit-toroq ġiet indirizzata l-problema tat-traffiku ta' dak iż-żmien. Saret ukoll l-ewwel estensjoni taċ-ċimiterju monumentali ta' Santa Marija Addolorata u beda l-bini ta' numru ta' ċimiterji iżgħar madwar il-gżira.

Ix-xogħlijiet estensivi u importanti tkomplew meta t-tmexxija tad-Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi kienet fdata lill-Perit Joseph L. Gatt (1934-1945). Matul it-terminu ta' Gatt, Malta rat il-ftuħ tal-Isptar San Luqa, il-ftuħ u l-operazzjoni tal-Uffiċċju tal-Posta Ġenerali, inbena bini biex jakkomoda t-Telephone Exchange, l-istazzjon antik tal-ferrovija tal-Ħamrun inbidel f'ċentru ta' Pasturizzazzjoni tal-Ħalib, ġie inawgurat il-ftuħ tas-Suq tal-Ħut fil-Belt Valletta u tkomplew ix-xogħlijiet fuq il-bini tal-breakwater fil-Marfa. Il-mandat ta' Gatt kien jinkludi wkoll investiment fid-dipartiment tar-rimi tal-iskart li issa kien jaqa' wkoll taħt id-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi.



Pjanta tax-xelters tal-Floriana

Id-dipartiment għadda minn bidla konsiderevoli fl-operat tiegħu fl-1939 għaliex beda juża r-riżorsi umani u l-għodod tiegħu biex jipproteġi liċ-ċittadini. Minħabba l-bumbardamenti tal-Ġermaniżi fl-1941, id-dipartiment inbidel b'mod drastiku. Tant hu hekk li kienet ġiet maħluqa sezzjoni fid-dipartiment li tispeċjalizza fil-bini tax-xelters. F'dawn iż-żminijiet daqshekk diffiċli, l-uffiċini tax-Xogħlijiet Pubbliċi ġew trasferiti mill-Belt Valletta għal Birkirkara. Matul dan il-perjodu, id-dipartiment sofra minn nuqqas fin-numru tal-impjegati tiegħu minħabba li huma kienu kontinwament qed isewwu r-runway mill-ħsarat u l-bini mġarraf.[15]

15) Il-Perit Gatt kien sar Uffiċjal tal-Ordni tal-Imperu Britanniku bħala ringrazzjament tas-servizzi tiegħu matul il-gwerra.

Il-Perit Carmelo Micallef serva bħala l-kap tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi bejn is-snin 1945-1954. Matul dan il-perjodu, wara l-gwerra, l-aġenda prinċipali tad-dipartiment kienet li ssir rikostruzzjoni estensiva madwar il-gżejjer permezz ta' għotja ta' £30 miljun. Fost l-aktar proġetti notevoli minn dan perjodu kien it-twaqqigħ tal-Mandraġġ li għal sekli sħaħ nibtu ħafna epidemiji minn din iż-żona notorja fil-Belt Valletta. Responsabbli wara dan ix-xogħol kien il-Perit Duminku Mintoff (1947-1949)[16] li dak iż-żmien serva bħala l-Ministru tax-Xogħlijiet Pubbliċi u Rikostruzzjoni. Proġetti oħra proposti matul dan il-perjodu kienu dawk ta' Triq Sant'Anna fil-Furjana, Pjazza San Ġwann, Triq ir-Repubblika u x-xatt ta' Bormla. Dawn kienu fdati f'idejn il-magħrufa town planners, Harrison & Hubbard. Matul dan il-perjodu nbena mill-ġdid il-blokk magħruf bħalha 'ta' Cotoner,' li kien mibni bejn Triq Merkanti u Triq San Pawl u li kien iġġarraf sewwa fl-aħħar Gwerra.[17] Kien sar ukoll xogħol fuq bini li ħa post il-ħabs l-antik tal-iskjavi. Id-disinn tiegħu kien tad-draughtsman rinomat tax-Xogħlijiet Pubbliċi, Victor Anastasi (1913-1992), meta kien ukoll jaħdem privatament għall-Perit Edwin England Sant Fournier (1908-1969).[18] Barra minn hekk, f'dan iż-żmien ukoll, it-tlett ibliet tal-Kottonera għaddew minn xogħlijiet estensivi minħabba li kienu ġew ibbumbardjati ħafna matul l-istess gwerra.[19]

16) Dom Mintoff twieled fl-1916 u serva fil-Parlament Malti taħt diversi rwoli, dak ta' Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u Rikostruzzjoni, Prim Ministru, u Kap tal-Oppożizzjoni. Mintoff miet f'Awwissu tal-2012.

17) Austen St. Barbe HARRISON (and HUBBARD (Robert Pearce Steel)), Robert Pearce Steel HUBBARD, 1945, Rapport li jakkumpanja l-pjan ġenerali għar-Reġjun tal-Belt Valletta u t-Tlett Ibliet.

18) Mallia D. (ed.) 2019, Tritoni – The Rebirth of an Iconic Fountain, Mediacoop Publishers, Gutenberg Press, pġ.41.

19) Il-Perit Micallef kien imfaħħar għall-merti tiegħu simili bħall-predeċessur tiegħu.


BLOCK A
ELEVATION
BORMLA WHARF
ELEVATION
ST THERESA STREET
ELEVATION
NEW STEPS
SIDE ELEVATION
GOVERNMENT HOUSING SCHEME
COSPICUA PARISH CHURCH. BLOCK A


D E V E L O P E D E L E V
S C A L E
SECOND FLOOR PLAN
ROOF PLAN
NEW ROAD TO ST MICHAEL'S GATE
ST FRANCIS STR.
GROUND FLOOR PLAN
FIRST FLOOR PLAN



—ATION—



—SECTION AA—





—SECTION BB—





SITE PLAN

BLOCK Nº XIII

COSPICUA HOUSING SCHEME BLOCK XIII
PLANS, SECTIONS, & ELEVATIONS

DRAWING Nº

Wara x-xogħol ta' rikostruzzjoni estensiva li d-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi kellu jagħmel wara l-gwerra, il-ħatra tal-perit Salvino Mangion (1954-1971) fissret bidla fil-funzjoni tad-dipartiment minn waħda bbażata fuq difiża għal dik ta' ristrutturar tal-ekonomija. Il-Ministri kienu George Borg Olivier (1950-55) suċċedut minn Ġużè Ellul Mercer (1955-58). Id-dipartiment xeħet l-attenzjoni tiegħu fuq l-industrija, il-portijiet, l-edukazzjoni, l-akkomodazzjoni, is-saħħa, it-toroq, ix-xogħlijiet relatati mad-drenaġġ, it-turiżmu u t-tisbiħ. Fost l-aktar proġetti notevoli nistgħu nsemmu l-funtana tat-Tritoni barra Porta Reale li kienet proġett tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi mill-bidu sat-tmiem.[20]



20) Mallia D. Ibid. pġ. 25.



R.C. SUB-STRUCTURE FOR KINGSGATE FOUNTAIN









REINFORCEMENT SCHEDULE

| MARK | DIAM. OR GAUGE | LENGTH | | NUMBER | BENDING |
|---|---|---|---|---|---|
| $a'$ | EXC No. 4 | 156' | 0" | 1 | FLAT |
| $a_1$ | [illegible] | 15' | 0" | 3 | BREADTH |
| $a_2$ | 3/8" | 9' | 0" | 180 | |
| $a_3$ | EXC No. 4 | 48' | 0" | 1 | FLAT |
| $b$ | [illegible] | [illegible] | 0" | [illegible] | [illegible] |
| $b'$ | 3/8" | 6' | 0" | 30 | |
| $b_1$ | EXC No. 4 | 96' | 0" | 1 | FLAT |
| $b_2$ | [illegible] | 102' | 0" | 1 | |
| $b_3$ | 3/8" | 40' | 0" | 37 | |
| $b_4$ | 3/8" | 40' | 0" | 40 | |
| $b_5$ | 3/8" | 19' | 2" | 158 | |
| $b_6$ | 3/8" | 15' | [illegible] | 155 | |
| $b_7$ | EXC No. 4 | 140' | 0" | 1 | [illegible] |
| $b_8$ | 3/8" | 20' | 0" | 15 | AS IN $b_4$ ABOVE |
| $b_9$ | EXC No. 4 | 140' | 0" | 1 | [illegible] |
| $b_{10}$ | EXC No. 4 | [illegible] | 0" | 1 | FLAT |
| $b_{11}$ | 3/8" | 40' | 0" | 10 | AS IN $b_4$ ABOVE |
| $b_{12}$ | 3/8" | 25' | 0" | 1 | [illegible] |
| $c$ | EXC No. 4 | [illegible] | 0" | 1 | FLAT |
| $c_1$ | [illegible] | [illegible] | 0" | 1 | [illegible] |
| $c_1'$ | No. 4 | 318' | 0" | 1 | [illegible] |
| $c_2$ | 3/8" | 40' | 0" | 37 | |
| $c_3$ | 3/8" | 40' | 0" | 37 | |
| $c_3'$ | 3/8" | 19' | 2" | [illegible] | |
| $c_4$ | 3/8" | 40' | 0" | 15 | |
| $c_5$ | EXC No. 4 | [illegible] | 0" | 1 | FLAT |
| $c_6$ | 3/8" | 40' | 0" | 10 | |







Id-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi kien involut ukoll fil-bini ta' numru ta' żoni industrijali bħal dawk fil-Marsa, f'Bulebel, f'San Ġwann, f'Ħal Far u fix-Xewkija f'Għawdex. Matul l-istess perjodu nbena mill-ġdid il-bini tal-Qorti fuq id-disinji tal-Prof. Jo Tonna (1936–2022).[21] Aktar tard kien imiss lill-Perit Carmel Psaila (1971-1974) biex jilħaq bħala direttur tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi. Id-dipartiment innifsu mexa minn Palazzo Ferreria fil-Belt Valletta għal Lintorn Barracks fil-Furjana, il-post fejn għadu jospitahom sal-lum. L-istess lista ta' proġetti Nazzjonali msemmija hawn fuq kienu indirizzati hekk kif Malta ħadet l-Indipendenza fl-1964, u l-pajjiż qabad ritmu mgħaġġel ta' żvilupp.

Id-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi ħaf'idejh proġetti akbar fis-snin ta' wara taħt id-direttur il-ġdid, il-Perit Michael Busuttil (1974-1980). Fost ix-xogħlijiet li jibqa' msemmi għalihom hemm il-ftuħ ta' bypasses u l-bini tal-Istadium Nazzjonali f'Ta' Qali, it-terminal tal-qamħ f'Kordin u l-ħolqien ta' ring road madwar il-Belt Valletta, u l-ftuħ tas-Sala tal-Konferenzi fil-bini tas-Sacra

21) Il-Qrati twaqqfu fuq is-sit li qabel kien okkupat mill-Berġa d'Auvergne, li kienet iġġarrfet matul it-Tieni Gwerra Dinjija.

Infermeria fil-Belt Valletta meta l-Ministru tax-Xogħlijiet Pubbliċi kien Lorry Sant (1971-1981). Taħt il-mandat tal-Perit Godwin Drago (1980-1985), id-dipartiment għadda minn xi żmien diffiċli minħabba n-nuqqas ta' ħaddiema meta l-Ministru tax-Xogħlijiet Pubbliċi kien Karmenu Vella (1981-1984). Għaldaqstant, id-dipartiment xorta baqa' għaddej bil-ħidmiet ġenerali assenjati lid-dipartiment bħat-turiżmu, it-toroq, is-servizz tad-drenaġġ, u l-benesseri soċjali bħall-akkomodazzjoni għall-Maltin. Is-suċċessur tiegħu, il-Perit Joseph Mizzi (1986-1996), serva l-istess dmirijiet inkluż il-bini ta' air terminal ġdid fil-Gudja meta l-Ministru tax-Xogħlijiet Pubbliċi kien Michael Falzon (1987-1992).

## Id-Dipartiment mal-qalba tal-Millennju

Matul l-1992 u l-2002, it-tmexxija tad-dipartiment għaddiet f'idejn il-Perit Vincent Cassar fejn organizza d-dipartiment f'sitt dipartimenti tekniċi u dipartimenti li jispeċjalizzaw fil-Finanzi u l-Amministrazzjoni tad-dipartiment innifsu. Il-Ministri tax-Xogħlijiet Pubbliċi f'dan iż-żmien kienu Charles Buhagiar (1996-1998) u iktar tard Ċensu Galea (1998-2003) u Francis Zammit Dimech (2002-2003).

Id-dipartiment iffoka biex isir restawr raffinat ta' postijiet bħall-Palazz tal-Girgenti u dak ta' Vilhena fil-Girgenti u l-Imdina, rispettivament. Id-diviżjoni li kienet tieħu ħsieb l-Istħarriġ tal-Kwantità kien jassigura li d-dipartiment kien qed jimxi skont il-kriterji internazzjonali fir-restawr u l-arti. Għaldaqstant, l-Ospizio kien ġie rrestawrat għall-użu grazzi għall-unità l-ġdida tar-Restawr tal-Bini u l-Inġinerija fid-Diviżjoni tax-Xogħlijiet. Flimkien mal-Proġett ta' Rijabilitazzjoni tal-Belt Valletta u permezz tal-inizjattiva tal-kumitat immexxi minn Dr Ray Bondin, għadd ta' knejjes fil-Belt Valletta għaddew minn restawr intensiv wara snin twal ta' telqa, partikolarment il-Kon-Katidral ta' San Ġwann u oħrajn fosthom il-Knisja tal-Madonna tal-Pilar, ta' San Ġakbu, ta' Santa Katarina tal-Italja, ta' Santu Rokku, tal-Ġiżwiti u ħafna oħrajn. Ir-restawr kien ġie estiż għall-Kottonera, b'mod partikolari l-fortifikazzjonijiet tagħhom, u l-konsolidazzjoni tal-pedamenti tas-swar tal-Imdina li kienu instabbli minħabba l-ħsarat fil-blat ta' taħt. Dan ix-xogħol sar mid-Direttorat tar-Restawr immexxi mid-Direttur tiegħu, il-Perit Norbert Gatt.

Il-Kavallier ta' San Ġakbu nbidel u minn stamperija tal-Gvern, San Ġakbu nbidel u sar ċentru tal-arti fil-bidu tal-millenju. Taħt id-direzzjoni tal-Perit Cassar tkompla ħafna xogħol fuq numru ta' toroq arterjuri u mini ġodda, filwaqt li bdiet kampanja sħiħa fuq is-separazzjoni tal-iskart.

Id-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi mexa għal fażi ġdida taħt il-Perit Ray Farrugia (2002-2018) bħala Direttur Ġenerali fejn taħt it-tmexxija tiegħu kien sar ħafna restawr, partikolarment fi knejjes żgħar u kappelli meta l-Ministri tax-Xogħlijiet Pubbliċi kienu Ninu Zammit (2003-2008), George Pullicino (2008-2013), Joe Mizzi (2013-2017) u Ian Borg (2017-2022).

Wieħed mill-aktar proġetti sinifikanti huwa dak tar-restawr tal-Funtana tat-Tritoni fl-istess żmien li l-Belt Valletta kienet inkurunata l-Kapitali Ewropea tal-Kultura. Id-Direttur Ġenerali preżenti tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi huwa l-Perit Stephen Bonello. Ix-xogħlijiet ta' restawr issa ġew estiżi għal numru ta' parroċċi bħal dawk tal-Kolleġġjata ta' Bormla, ta' Porto Salvo fl-Isla, il-Knisja Parrokkjali taż-Żejtun, il-Knisja Parrokkjali tal-Qrendi, il-Parroċċa tal-Marsa u ħafna aktar meta l-Ministri tax-Xogħlijiet Pubbliċi kienu Stefan Zrinzo Azzopardi (2022-2024) u Chris Bonett (2024-) megħjun mis-Segretarju Parlamentari tax-Xogħlijiet Pubbliċi Omar Farrugia (2024-).











## Għeluq

Id-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi, taħt il-forom differenti li ħa matul is-sekli, ta kontribuzzjoni siewja f'kull qasam li jmiss mal-ħajja Maltija u ħafna mill-ġojjelli li għandna llum f'pajjiżna huma grazzi għall-periti li mexxewh u l-ħaddiema żelanti li ħadmu fih. F'dan l-artiklu qasir indikajna ftit minn dawn ix-xogħlijiet li llum saru parti mill-istorja ta' kuljum ta' pajjiżna.

## KONTRIBUTURI:



**Kenneth Cauchi**

Kenneth Cauchi twieled l-Imsida nhar id-9 ta' Awwissu tal-1974. Studja fil-Kulleġġ Stella Maris u iktar tard fil-Liċeo tal-Ħamrun fejn tħarreġ fl-arti taħt diversi artisti fosthom Vincent Apap, Anton Agius, u Anton Calleja. Minn dejjem interessa ruħu f'oqsma artistiċi fl-iskultura, b'mod partikolari dik fil-bronż fejn tidħol il-kampanoloġija u tfondija tal-qniepen, kif ukoll il-bini monumentali b'enfasi fuq l-ekkleżjastiku. Tħarreġ fil-Funderija John Taylor Bellfounders ta' Loughborough, f'Chaveley fl-Ingilterra, Leuven fil-Belġju u Nördlingen fil-Ġermanja. Gradwa b'Baċellerat tal-Arti bl-Unuri mill-Università ta' Malta fl-2005, kompla l-istudju tiegħu b'Masters fl-Istudji Barokki, u ħadem bħalha uffiċjal tal-Awtorità tal-Ippjanar fid-Dipartiment tal-Ippjanar tal-Wirt Kulturali sal-2019 meta ntbagħat iservi s-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali. Matul dan iż-żmien kien ukoll il-promotur għall-proġett ta' restawr u qawmien mill-ġdid tal-funtana tat-Tritoni, waqt l-eżekuzzjoni tal-proġett ta' restawr tad-ditta rinomata Fonderia Artistica Ferdinando Marinelli ta' Firenze. Sar l-ewwel Kuratur uffiċjali tal-Funtana tat-Tritoni fi ħdan l-Uffiċċju tad-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi f'Diċembru tal-2023.



**Elizabeth Ebejer**

Elizabeth Ebejer twieldet f'Ħ'Attard fl-1967 u għexet tfulitha f'Birkirkara, fejn anki bdiet il-perkors edukattiv fl-Iskola l-Kbira ta' Birkirkara. Kisbet diploma fl-Istudji Soċjali – Nisa u Żvilupp, mill-Università ta' Malta fl-1999. Fl-2007 kisbet Baċellerat fl-Istorja mill-Università ta' Malta u sentejn wara fl-2009 kisbet Post Graduate Certificate in Education fl-Istorja. Fl-2013 kisbet diploma fis-settur tat-turiżmu. Elizabeth hi l-awtriċi tal-ktieb Agatha – Il-Mara tal-Azzar li kien mitbugħ fl-2002, li kien ix-xogħol riċerkat għal-long essay fl-1999. Elizabeth hi wkoll l-awtriċi ta' numru ta' stejjer qosra. Taħdem mal-Malta Libraries bħala Chief Operations Officer u għandha r-responsabbiltà tal-libreriji f'Għawdex. Elizabeth miżżewġa u hija omm ta' tlett itfal u l-motto tagħha personali hu "Ħalli nnifsek 'il fuq għall-pass li jmiss."



**Professur**
**Godfrey A. Pirotta**

Godfrey Pirotta huwa Professur fl-Istudji tal-Amministrazzjoni Pubblika u Tmexxija Pubblika fl-Università ta' Malta. Huwa wkoll Chairperson tal-Mediterranean Academy of Diplomatic Studies. Huwa gradwat fix-Xjenza Soċjali mill-Università ta' Oxford, fix-Xjenza Politika u Relazzjonijiet Internazzjonali mill-Università ta' Reading, u kiseb Dottorat fix-Xjenza Soċjali mill-Università ta' Bath, kollha fl-Ingilterra. Huwa qatta' 45 sena jgħallem fl-Università ta' Malta u għallem ukoll f'numru ta' universitajiet internazzjonali. Huwa l-awtur ta' erba' kotba dwar l-Amministrazzjoni Pubblika u l-Istituzzjonijiet Politiċi tal-pajjiż. Huwa wkoll l-awtur ta' ġabra kbira ta' kapitli f'kotba Maltin u barranin u artikli f'journals internazzjonali. Fl-2016 huwa nħatar Membru tal-Ordni ta' Ġieħ ir-Repubblika għall-kontribuzzjoni tiegħu għall-edukazzjoni u xogħol fil-komunità.



**Neil Spiteri**

Neil Spiteri twieled il-Marsa fl-1977. Huwa kiseb Baċellerat fil-Komunikazzjoni mill-Università ta' Malta u Masters f'Business Administration mill-Università ta' Heriot-Watt fl-Iskozja. Wara li kiseb esperjenza ta' tmexxija f'kumpaniji varji tal-manifattura, huwa ssieħeb fis-Servizz Pubbliku b'esperjenzi f'żewġ Kunsilli Lokali bħala Segretarju Eżekuttiv (il-Qrendi u Birkirkara). Bħalissa huwa jokkupa l-kariga ta' Direttur tal-Operat fid-Diviżjoni tas-Support Services fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru. F'dawn l-aħħar snin ikkontribwixxa f'għadd ta' pubblikazzjonijiet maħruġa mill-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti Ewlieni u ħadem fuq numru ta' proġetti oħra.

# INDIĊI:

## A

Adeleide Cini fil-Ħamrun, L-Orfanatorju ..... 68
Air Termina l-Gudja ..... 95
Albanija, L- ..... 56
Ammiraljat, L- ..... 23, 64
Anastasi, Victor ..... 86
Anatomija u kirurġija, L-skola tal- ..... 62, 63
Anti-Riformista, Grupp ..... 28
Apap, George ..... 65
Arkivju Nazzjonali, L- ..... 4
Arrowsmith, William ..... 78, 79
Art Council Malta ..... 52
Assedju l-Kbir tal-1565, L- ..... 75
Attard, Saviour ..... 40
Austin, John ..... 9, 10, 11, 12, 13, 14, 15, 16, 18, 19, 20
Austin, Sarah ..... 9
Awditur Ġenerali ..... 16
Awstralja, L- ..... 11

## B

Ball, Alexander ..... 5, 6, 7
Baltard, Victor ..... 79
Barbara, Il-Ministru Agatha ..... 37
Barth, Joseph ..... 63
Belt Valletta, Il- ..... 62, 64, 75, 86, 95
Belt Valletta, Il-Kapitali Ewropea tal-Kultura ..... 96
Bibljoteka Nazzjonali, Il- ..... 4
Biċċerija Pubblika-Marsa ..... 80-82
Birgu, Il- ..... 62
Birkirkara, L-Uffiċini tax-Xogħlijiet Pubbliċi ..... f'85
Birkirkara, Residenzi għall-ħaddiema f' ..... 84
Blata l-Bajda, Residenzi għall-ħaddiema fil- ..... 84

Blue Sisters, L-Isptar tal- ........ 68
Bonaparte, Napuljun ........ 76
Bonavia Kap tal-Qrati, L-Imħallef ........ 16, 17, 18, 19
Bonavia, Emmanuel ........ 77
Bonavia, Frederick ........ 84
Bonavia, Matteo ........ 77
Bondin, Ray ........ 95
Bonello, Stephen ........ 96
Bonett, Il-Ministru Chris ........ 96
Borg Oliver, Il-Ministru George ........ 90
Borg, Dr Fabrizio ........ 63
Borg, Ministru Ian ........ 96
Bormla, Djar Soċjali f' ........ 88-89
Bormla, Ix-Xatt ta' ........ 86
Bormla, l-Kolleġġjata ta' ........ 96
Bouverie, Gvernatur Henry ........ 16, 17, 78
Breakwater tal-Port l-Kbir ........ 64
Britannika, L-Armata ........ 63
Brittaniku, L-Imperu ........ 36
Bruce, David ........ 64
Bugeja fil-Ħamrun, L-Isptar ........ 68
Bugeja, Amanda ........ 57
Buhagiar, Il-Ministru Charles ........ 95
Bulebel, Żona Industrijali ta' ........ 94
Bulgarija, Il- ........ 56
Buonarroti, Michelangelo ........ 75
Busuttil, Michael ........ 94

## C

Cachia, Antonio ........ 76
Cachia, Michele ........ 76
Camilleri, J.J ........ 38
Capo Maestro delle Opere Pubbliche ........ 76
Carbone, Joseph ........ 64
Caruana Dingli, Robert ........ 35

Casetta-Sptar tan-Nisa, L- 62
Casolani, Gian' Nicola 18
Casolani, Louis 5, 16, 17, 18, 19
Casolani, Sir Vincent 5, 6, 16, 17, 18, 19, 78
Cassar, Paul 62, 63
Cassar, Vincent 95, 96
Cavendish Ponsomby, Gvernatur Charles 16, 77
Ċentri tas-Saħħa 73
Ċentru tas-Saħħa Reġjonali Vincent Moran 73
Chetcuti, Dr F.X. 42
Chief Secretary 28, 30
Ċivil Ingliż, Iċ- 19, 23
Coleridge, Samuel Taylor 6
Condachi, Irene 66
Consiglio Popolare 5, 7
Cotoner-Belt Valletta, Blokk 86
Cottoner, Gran Mastru Nicolas 62
Cremona, Ninu 35

## D

Daily Chronicle 64
Dalli, Il-Ministru John 72
Dar tal-Konferenzi-Sacra Imfermeria 62, 94, 95
Deni Rqiq-Brucellosis, Malta Fever, Mediterranean Fever, Cyprus Fever u l-Neapolitan fever 63
Deni Rqiq-Melilococcosis 64
Depares, Anthony 37, 38, 39
Dħul tal-Artijiet, Dipartiment tad- 77, 78, 79
Dħul tat-Taxxa, Dipartiment tad- 76
Difterja 65, 67
Dorman, Lady 70
Drago, Godwin 95
Drenaġġ, Dipartiment tad- 83
Dwana, Dipartiment tad- 23

## E

Edukazzjoni, Id-Dipartiment tal- ........ 35, 37, 38, 42
Edukazzjoni, Il-Ministeru tal- ........ 37, 39
Elettriku, Id-Divizjoni tal- ........ 83
Ellul Mercer, Il-Ministru Ġuze' ........ 90
England Sant Fournier, Edwin ........ 86
Epatite B ........ 67
Estetika, Il-Bord tal- ........ 83

## F

Faċilita Korretiva ta' Kordin ........ 55, 57
Falzon, Il-Ministru Michael ........ 95
Farrugia Randon ........ 36
Farrugia, Beatrice ........ 57
Farrugia, Ray ........ 96
Farrugia, Is-Segretarju Parlamentari Omar ........ 96
Fenech, Victor ........ 38, 42
Ferreria-Belt Valletta, Il-Palazz tal- ........ 94
Filippini, Il- ........ 56
Fondazione San Raffaele del Monte tabor ........ 71
Fosos tal-Furjana ........ 76
Foundation for Medical Sciences and Services ........ 71
Foundation School ........ 57
Franċiża, Il-ħakma ........ 5, 7, 18, 76
Freemantle, Gvernatur Arthur Lyon ........ 80
Frendo, Ġuza ........ 38
Friggieri, Oliver ........ 45
Furjana, Il- ........ 85

## G

Ġabra ta' Ward ........ 34, 36, 37, 38, 48
Ġibjun mgħotti ta' Ħal-Luqa, Il- ........ 80
Ġnus Magħquda ........ 3
Ġojjin, Il- ........ 51
Ġrajjiet Malta ........ 39

Ġzejjer, Il- ........ 56, 59
Galea, Elizabeth ........ 45
Galea, Il-Ministru Ċensu Galea ........ 95
Galea, Il-Ministru Louis ........ 40
Galizia, Emmanuele Luigi ........ 79, 80, 83
Galizia, James ........ 83
Gaspard le Marchant , Gvernatur John ........ 79
Gatt, Joseph L. ........ 84, 85
Gatt, Lorenzo ........ 83
Gatt, Norbert ........ 95
Gattone ........ 67
General Retailers and Traders Union ........ 61
Għawdex ........ 65, 66, 67
Għawdex, l-Assedju tal-1551 fuq ........ 75
Għawdex, L-Isptar ta' ........ 73
Girgenti, Il-Palazz tal- ........ 95
Ġizwiti-Belt Valletta, Il-Knisja tal- ........ 95
Glenelg Segretarju tal-Kolonji Ingliż- Lord ........ 16, 17
Gran Brittanja ........ 6, 7, 8, 11, 16, 19, 20
Grech, Kenneth ........ 57
Grech, Sergio ........ 37, 40
Greig, Hector ........ 77
Grey, Ministru tal-Kolonji Ingliż-Lord ........ 20, 22, 23, 24
Grillet, Emanuel ........ 63
Grima, Mikiel Ang ........ 63

## Ħ

Ħabs l-antik tal-Skjavi, Il- ........ 86
Ħal-Far, Żona Industrijali ta' ........ 94
Ħalib ........ 63-66, 84
Ħamrun, L-Istazzjon antik tal-ferrovija tal- ........ 84
Ħosba ........ 65, 67
Ħosba Germaniża ........ 67
Ħut, fil-Belt Valletta, Suq tal- ........ 84

## H


Harrison & Hubbard ........ 86
Hereford ........ 9
Highgate-Cimiterju f'Londra ........ 79
Horrocks, W.H ........ 64
Hunn, Il-Kaptan ........ 16


## I


Imdina, L- ........ 95
India Charter ........ 15
Indipendenza 1964 ........ 36, 94
Indja, L- ........ 15, 16, 20, 25, 56
Infermiera, Skola tal- ........ 70
Informazzjoni, Dipartiment tal- ........ 4, 59
Ingilterra, L- ........ 12
Inġinerija u l-Arkitettura, Il-Bord tal- ........ 83
Ingliż, Il-Gvern ........ 13
Ingliża, Il-lingwa ........ 5, 28, 35
Ingliża, Il-ħakma ........ 5, 76
Interprint, il-Marsa ........ 40
Irlanda, L- ........ 9, 61
Istat, Is-Segretarju tal- ........ 78
Istatistika, Dipartiment tal- ........ 39
Italja, L- ........ 24


## J


Jogoslavja, Il- ........ 56
Joseph II tal-Awstrija ........ 63
Julyan, Penrose ........ 31, 32


## K


Kanada, Il- ........ 11
Karen Grech, Sptar ........ 70, 73
Karità, L-Ispettur tal-Istituzzjonijiet tal- ........ 26
Kastilja, Il-Berġa ta' ........ 42

Kennedy, Crawford ........ 64
Knisja Konventwali, Il- ........ 75
Kollettur tad-Dħul mill-Artijiet ........ 78
Kolonjali Ingliż, L-Uffiċċju ........ 8, 9, 17, 22, 24, 30, 32
Kordin, It-Terminal tal-Qamħ ........ 94
Kostituzzjoni tal-1934, Il- ........ 34
Kottonera, Il- ........ 86, 95
Krimea, Il-Gwerra tal- ........ 63, 64
Kummissjoni għall-Avvanz tal-Mara, Il- ........ 47
Kummissjoni għas-Servizz Ċivili Ingliża ........ 30
Kummissjoni Rjali ........ 8, 9
Kunflitt Għarab-Iżrael ........ 71
Kunsill tal-Gvern ........ 25, 26, 30
La Rivista Medica ........ 63

## L

Ladybird , Kotba tal- ........ 43
Laferla, A.V ........ 34, 35
Laferla, L-Avukat ........ 30
Laing, Rev ........ 6
Lankasheer, Richard ........ 78
Laparelli de Cortona, Francesco ........ 75
Lazzarett, Il- ........ 62
Les Halles Centralle-Parigi ........ 79
Lewis Cornewall, George ........ 9, 10, 11, 12, 13, 14, 15, 16, 18, 19, 20
Lhud, fil-Marsa Ċimiteju tal- ........ 79
Liberali Ingliż, Il-Partit ........ 8
Librar Prinċipali, Il- ........ 26
Lingwa, Kwistjoni tal- ........ 28
Lintorn Barracks-Il-Furjana ........ 94
Londra ........ 20, 63

## M

Magri, MA ........ 63
Maitland, Gvernatur Sir Thomas ........ 6, 77

Makenzie, John ........ 77, 78
Mallia, Ġuzeppi ........ 38, 41
Malta Association of Public Health Medicine ........ 57
Malta Hotels and Restaurant Association ........ 61
Malta Post Graduate Medical Training Centre ........ 57
Malta Review, Il- ........ 70
Maltapost ........ 51
Malti, Għaqda Kittieba tal- ........ 35
Malti, L-Alfabett ........ 35
Maltija, Il-lingwa ........ 5, 12, 34, 35, 36, 38, 47, 51
Mandraġġ, Il- ........ 75, 86
Mangion, Salvino ........ 90
Manoel Island ........ 62
Marfa , Il-Breakwater tal- ........ 84
Maria Theresa tal-Awstrija, L-Imperatriċi ........ 63
Marriage Bar ........ 47
Marsa, Il-Knisja Parrokkjali Trinita Mqaddsa tal- ........ 96
Marsa, Żona Industrijali tal- ........ 94
Marsten, JA ........ 64
Massa Frumenteria ........ 5
Mater Dei, Sptar ........ 56, 72, 73
Mattei, Charles ........ 65
Mellieħa, Il-wasla tal-ilma fil- ........ 83
Meningite ........ 67
Merkanti-Belt Valletta, Triq il- ........ 86
Merlin Publishers ........ 40
Messina ........ 63
Micallef, Carmelo ........ 86
Mifsud Bonnici, Il-Ministru Ugo ........ 39
Mifsud, Carmel A ........ 65, 67
Mifsud, Maria Rosa ........ 38
Mifsud, Pawlu ........ 38
Mintoff, Il-Ministru Dom ........ 86
Mitrovich, George ........ 8
Mizzi, Joseph ........ 95

Mizzi, Il-Ministru Joe 96
Moll tal-Imsida, Il- 80
Monte Karmeli, L-Isptar 73
Montmartre -Ċimiterju f'Parigi 79
Moran, Il-Ministru Ċensu Moran 58
More O'Ferrall, Gvernatur Richard 21, 22, 23, 24, 25, 30, 32, 78
Muscat, Il-Ministru Philip 39, 58
Muscat, Maria 38

## N

Nadur,Skola Primarja tan- 84
Naudi, Paul 58
Niġerja, In- 56
Northcote, Sir Stafford 23

## O

Ordni Reliġjuz Franġiskan, L- 62
Ordni San Mikiel u San Ġorg, L- 6, 18
Ordni tal-Kavallieri ta'San Ġwann, L- 5, 13, 62, 75, 76
OSCE 3
Ospizio, L- 95
Ottomani, L- 75
Oxford, l-Università ta' 35

## P

Pakistan, Il- 56
Palazz Maġisterjali, Il- 75
Palermo, L-Universita ta' 63
Parlament Brittanniku 8, 9, 15
Paul Boffa, L-Isptar 71, 73
Perito Architetto Agrimensore 76, 83
Pertussis 67
Piju V, Papa 75
Pilar-Belt Valletta, Il-Knisja tal-Madonna tal- 95
Polio 67

Portijiet, L-Assistent Supretendent tal- 26
Porto Salvo-Isla, Il-Knisja ta' 96
Posta, L-Uffiċċju Ġenerali tal- 84
Prim Ministru, L-Uffiċċju tal- 70
Progett ta' Rijabilitazzjoni tal-Belt Valletta 95
Propjetà Pubblika, Bord tal- 76
Psaila, Carmel 94
Puli, Maria 38
Pulizija 22, 56, 79
Pulizija, Depot tal- 67
Pullicino, Giorgio 76, 77
Pullicino, Il-Ministru George 96
Pulmonite 67
Putirjal -Porta Reale 84, 90

## Q

Qamħ, Taxxa fuq il- 14
Qorti,Il- 94
Qrendi, Il-Knisja Parrokkjali tal- 96

## R

Reid, Gvernatur Sir William 24, 25, 28, 30, 32
Renju Unit, Ir- 56
Repubblika-Belt Valletta, Triq ir- 86
Restawr tal-Bini u l-Inginerija, L-Unit tar- 95
Restawr, Direttorat tar- 95
Ring Road tal-Belt Valletta,Ir- 94
Rundle, Gvernatur Leslie 83
Runway 85
Russja, Ir- 16

## S

S.Luca, Accademia di,- Ruma 76
Saħħa Pubblika, Dipartiment tas- 83
Saħħa Pubblika, Supretendent tas- 4, 59

Saħħa u Ambjent, Dipartiment tas- ........ 56
Saħħa u l-Anzjanita Attiva, Ministeru tas- ........ 54
Saħħa, Dipartiment tas- ........ 67, 68
Saħħa, Direttorat tal-Promozzjoni tas- ........ 61
Saħħa, Il-Ministeru tas- ........ 61
San Alwiġi f'Birkirkara, Il-Kulleġġ ........ 68
San Franġisk ta'Assisi ........ 62
San Ġakbu-Belt Valletta, Il-Knisja ........ 95
San Ġakbu-Belt Valletta, Il-Kavallier ta' ........ 96
San Gejtanu Thiene-Hamrun, Il-Knisja ta' ........ 80
San Ġwann, Il-Kon Katidral ta' ........ 95
San Ġwann, Żona Industrijali ta' ........ 94
San Ġwann-Belt Valletta, Pjazza ........ 86
San Luqa, L-Isptar ........ 67, 68, 69, 70, 71, 84
San Pawl, Il-Kattidral Anglikan tas- ........ 78
San Pawl-Belt Valletta ,Triq ........ 86
San Vinċenz de Paule, L-Isptar ........ 71, 73, 80
Sanità, Is- ........ 64, 65
Sant Anna-Furjana, Triq ........ 86
Sant, Il-Ministru Lorry ........ 95
Santa Katarina tal-Italja Belt Valletta, Il-Knisja ta' ........ 95
Santa Maria ta' Firenze, L-Isptar ta' ........ 63
Santa Marija Addolorata, Ċimiterju ........ 79, 84
Santu Rokku-Belt Valletta , Il-Knisja ta' ........ 95
Santu Spirtu tar-Rabat Malta, L-Isptar ........ 62
Scamp, William ........ 78
Sceberras, Camillo ........ 8
Schinas, Giorgio ........ 80
Sciberras, Joseph ........ 48
Sedley, Frederick Chief Secretary ........ 22
Sedqa ........ 55
Segretarju Prinċipali ........ 16
Segretarju tal-Gvern ........ 16
Sir Anthony Mamo, L-Isptar ........ 73
Skart, Dipartiment tar-rimi tal- ........ 84

Skejjel Primarji, Id-Direttur tal- 26
Skjavi, Il-Ħabs l-Antik tal-Belt Valletta 86
Sptar Ċentrali tal-Furjana , L- 67, 68, 69
St Mary fl-Ingilterra, Sptar 70
St Paul's Press-il-Marsa 40
Stamperija tal-Gvern, L- 4, 18, 39, 40, 96
Stuart, Gvernatur Patrick 22
Supretendent tax-Xogħlijiet Pubbliċi 79
Suq tal-Belt Valletta, Is- 79

## T

Ta Braxia f'Tal-Pieta, Iċ-Ċimiterju 79
Ta 'Qali, L-Istadium Nazzjonali 94
Taljana, Il-lingwa 5, 12, 28, 36
Telephone Exchange 84
Tetnu 67
Teżor Ingliż, Id-Dipartiment tat- 23
Teżor, Dipartiment tat- 6, 23
Tieni Gwerra Dinija, It- 36, 66, 68, 85, 86, 90
Tifojde 67
Tilqim 67
Times of Malta 58
Tonna, Jo 94
Torok, Iċ-Ċimiterju tat-, Marsa 79
Trapani, Paolo 80
Trevelyan, Gvernatur Charles 23
Tritoni, Il-Funtana tat- 90-93, 96-97
Tuberkolosi 67

## U

Università ta' Malta, L- 26, 50, 65
Unjoni Ewropea, L- 61

## V

Vallette, Il- Gran Mastru Jean Parisot de 75
Vassallo, Andrea 83

Vassallo, L ........ 59
Vella, Emanuel Benjamin ........ 34, 36
Vella, G ........ 79
Vella, Il-Ministru Karmenu ........ 95
Vella, Manwel ........ 35
Vilhena, Il-Gran Mastru ........ 67
Vilhena-Imdina, Il-Palazz ta' ........ 95
Vjenna ........ 63

## W

War Office, L- ........ 64
Wetserkerk-Amsterdam ........ 80

## X

Xelters ........ 85
Xerri, Gaetano ........ 78
Xewkija, Żona Industrijali tax- ........ 94
Xogħliiet Pubblici u Rikostruzzjoni, Ministeru tal- ........ 86
Xogħlijiet Pubbliċi, Dipartiment tax- .... 76, 77, 78, 79, 83, 84, 85, 86, 90, 94, 95, 96, 98
Xogħlijiet u t-Tiswijiet tal-Gvern, Dipartiment tax- ........ 77

## Z

Zammit Dimech, Il-Ministru Francis ........ 95
Zammit, Il-Ministru Ninu ........ 96
Zammit, Sir Themistocles-Temi ........ 63, 64, 65
Żejtun, Il-Knisja Parrokkjali taz- ........ 96
Zimelli, Hector ........ 78,79
Zrinzo Azzopardi, Il-Ministru Stefan ........ 96

servizz pubbliku